UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW | IL-KUNSILL

Brussell, 20 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

2016/0074 (COD)
LEX 1960

PE-CONS 59/1/19
REV 1

PECHE 78
CODEC 496

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL DWAR IL-KONSERVAZZJONI TA' RIŻORSI TAS-SAJD U L-PROTEZZJONI TA' EKOSISTEMI TAL-BAĦAR PERMEZZ TA' MIŻURI TEKNIĊI, LI JEMENDA R-REGOLAMENTI TAL-KUNSILL (KE) NRU 1967/2006, (KE) NRU 1224/2009 U R-REGOLAMENTI (UE) NRU 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 U (UE) NRU 2019/ …[*] TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL, U LI JĦASSAR IR-REGOLAMENTI TAL-KUNSILL (KE) NRU 894/97, (KE) NRU 850/98, (KE) NRU 2549/2000, (KE) NRU 254/2002, (KE) NRU 812/2004 U (KE) NRU 2187/2005

[*] ĠU: daħħal in-numru tar-Regolament adottat fil-proċedura 2018/0050 (COD) (MAP tal-Punent tal-Mediterran).

**REGOLAMENT (UE) 2019/…**

**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tal-20 ta' Ġunju 2019**

**dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/ …[+] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja[3],

---

[+] ĠU: daħħal in-numru tar-Regolament adottat fil-proċedura 2018/0050 (COD) (MAP tal-Punent tal-Mediterran).

[1] ĠU C 389, 21.10.2016, p. 67.

[2] ĠU C 185, 9.6.2017, p. 82.

[3] Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' April 2019 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2019.

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] jistabbilixxi Politika Komuni tas-Sajd (PKS) għall-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd.

(2) Il-miżuri tekniċi huma għodod biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-PKS. Madankollu, evalwazzjoni tal-istruttura regolatorja attwali relattivament għall-miżuri tekniċi wriet li din aktarx mhijiex ser tilħaq l-objettivi tal-PKS u għandu jittieħed approċċ ġdid sabiex tiżdied l-effettività tal-miżuri tekniċi, b'enfasi fuq l-adattament tal-istruttura tal-governanza.

(3) Hemm bżonn jiġi żviluppat qafas għar-regolamentazzjoni tal-miżuri tekniċi. Dak il-qafas għandu, minn naħa waħda, jistabbilixxi regoli ġenerali li jkunu meħtieġa japplikaw fl-ilmijiet tal-Unjoni kollha u, min-naħa l-oħra, jipprevedi l-adozzjoni ta' miżuri tekniċi li jikkunsidraw l-ispeċifiċitajiet reġjonali tas-sajd permezz tal-proċess ta' reġjonalizzazzjoni introdott mir-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(4) Il-qafas jenħtieġ li jkopri l-qbid u l-ħatt l-art ta' riżorsi tas-sajd kif ukoll it-tħaddim tal-irkaptu tas-sajd u l-interazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd mal-ekosistemi tal-baħar.

---

**1** Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

(5) Dan ir-Regolamenti jenħtieġ li japplika għal operazzjonijiet tas-sajd imwettqin f'ilmijiet tal-Unjoni minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi, u minn ċittadini tal-Istati Membri – mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà ewlenija tal-Istat tal-bandiera – kif ukoll għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li joperaw f'ilmijiet tal-Unjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi msemmijin fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Jenħtieġ li dan japplika wkoll, fir-rigward ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u ta' ċittadini tal-Istati Membri, f'ilmijiet mhux tal-Unjoni għal miżuri tekniċi adottati għaż-Żona Regolatorja tal-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC) u ż-Żona tal-Ftehim tal-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM).

(6) Fejn ikun rilevanti, il-miżuri tekniċi jenħtieġ li japplikaw għas-sajd rikreattiv, li jista' jkollu impatt sinifikanti fuq l-istokkijiet tal-ħut u l-ispeċijiet ta' frott tal-baħar bil-qoxra.

(7) Il-miżuri tekniċi jenħtieġ li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi tal-PKS li jsir sajd f'livelli ta' rendiment sostenibbli massimu, li jitnaqqsu qabdiet mhux mixtieqa u li jiġi eliminat l-iskartar ta' qabdiet, u jikkontribwixxu biex jinkiseb status ambjentali tajjeb kif stipulat fid-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1].

---

1 Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

(8) Jenħtieġ li, b'mod speċifiku, il-miżuri tekniċi jikkontribwixxu għall-protezzjoni ta' speċijiet tal-baħar li jkunu għadhom qed jikbru u l-ġlejjeb permezz ta' rkaptu selettiv u ta' miżuri biex jiġu evitati l-qabdiet mhux mixtieqa. Il-miżuri tekniċi jenħtieġ li wkoll jimminimizzaw l-impatti tal-irkaptu tas-sajd fuq l-ekosistemi tal-baħar u b'mod partikolari fuq speċijiet u ħabitats sensittivi, inkluż fejn adatt bl-użu ta' inċentivi. Jenħtieġ li jikkontribwixxu wkoll biex ikun hemm fis-seħħ miżuri ta' ġestjoni għall-finijiet ta' konformità mal-obbligi skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE[1], d-Direttiva 2008/56/KE u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2].

(9) Sabiex tiġi evalwata l-effettività tal-miżuri tekniċi, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miri relatati mal-livelli ta' qabdiet mhux mixtieqa, b'mod partikolari qabdiet ta' speċijiet tal-baħar ta' daqsijiet anqas mid-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni, mal-livell ta' qabdiet aċċessorji ta' speċijiet sensittivi u mal-għadd ta' ħabitats ta' qiegħ il-baħar milquta ħażin mis-sajd. Jenħtieġ li dawk il-miri jirriflettu l-objettivi tal-PKS, il-leġislazzjoni ambjentali tal-Unjoni – b'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE u d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] – u l-aħjar prassi internazzjonali.

---

1 Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

2 Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

3 Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

(10) Sabiex tkun żgurata l-uniformità fir-rigward tal-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tar-regoli tekniċi, jenħtieġ li jiġu aġġornati u kkonsolidati d-definizzjonijiet ta' rkaptu tas-sajd u ta' attivitajiet tas-sajd li hemm fir-regolamenti tal-miżuri tekniċi eżistenti.

(11) Ċertu rkaptu distruttiv jew metodi distruttivi li jużaw splussivi, veleni, sustanzi stupefaċenti, il-kurrent elettriku, imrietel pnewmatiċi jew strumenti tal-perkussjoni oħrajn, tagħmir irmunkat u ħattafa għall-ħsad tal-qroll aħmar jew tipi oħrajn ta' qroll u speċijiet simili u ċerti ħarpuns għall-qroll jenħtieġ li jkunu pprojbiti. Jenħtieġ li ma jkunx permess li tinbiegħ, tintwera jew tkun offruta għall-bejgħ kwalunkwe speċi tal-baħar maqbuda bl-użu ta' tali rkaptu jew tali metodi fejn dawn huma pprojbiti taħt dan ir-Regolament.

(12) L-użu ta' tkarkir bl-impulsi elettriċi jenħtieġ li jibqa' possibbli matul perijodu tranżizzjonali sat-30 ta' Ġunju 2021 u taħt ċerti kondizzjonijiet stretti.

(13) Fid-dawl ta' parir mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF), jenħtieġ li jiġu stabbiliti ċerti regoli komuni li jiddefinixxu r-restrizzjonijiet fuq l-użu tal-irkaptu rmunkat u fuq il-kostruzzjoni tal-manki, biex jipprevjenu milli tiġi żviluppata l-prassi ħażina li twassal għal sajd mhux selettiv.

(14) Sabiex jiġi limitat l-użu tal-għażel tat-tisqif li jista' jistad fuq żoni kbar u li jwassal għal qabdiet sinifikanti ta' speċijiet sensittivi, ir-restrizzjonijiet eżistenti fuq l-użu ta' tali rkaptu tas-sajd għandhom jiġu kkonsolidati.

(15) Fid-dawl tal-parir tal-STECF, is-sajd bix-xbieki statiċi fid-diviżjonijiet tal-ICES 3a, 6a, 6b, 7b, 7c, 7j u 7k u fis-subżoni tal-ICES 8, 9, 10 u 12 fil-lvant ta' 27° W f'ilmijiet b'fond ta' aktar minn 200 metru, għandu jibqa' pprojbit, biex jiġu protetti l-ispeċijiet sensittivi tal-baħar fond, soġġett għal ċerti derogi.

(16) Għal ċerti speċijiet ta' ħut rari, fosthom xi speċijiet ta' klieb il-baħar u ta' raj, saħansitra attività limitata tas-sajd tista' tirriżulta f'riskju serju għall-konservazzjoni tagħhom. Sabiex jiġu protetti speċijiet bħal dawn jenħtieġ li tiġi introdotta projbizzjoni ġenerali tas-sajd għalihom.

(17) Biex ikunu jistgħu jipproteġu tabilħaqq speċijiet tal-baħar sensittivi bħall-mammiferi tal-baħar, l-għasafar tal-baħar u r-rettili tal-baħar imsemmija fid-Direttivi 92/43/KEE u 2009/147/KE, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu miżuri ta' mitigazzjoni biex jimminimizzaw u, fejn possibbli, jeliminaw il-qabdiet ta' tali speċijiet bl-irkaptu tas-sajd.

(18) Sabiex tingħata protezzjoni kontinwa lill-ħabitats tal-baħar sensittivi li jinsabu 'l barra mill-kosti tal-Irlanda, tar-Renju Unit u madwar l-Azores, Madeira u l-Gżejjer Kanarji, kif ukoll fiż-Żona Regolatorja tan-NEAFC, ir-restrizzjonijiet eżistenti fuq l-użu tal-irkaptu tal-qiegħ jenħtieġ li jibqgħu.

(19) Fejn il-parir xjentifiku jidentifika ħabitats oħrajn bħal dawn, jenħtieġ li tkun possibbli l-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet simili biex jipproteġu dawk il-ħabitats.

(20) Skont ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jenħtieġ li jiġu stabbiliti d-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni sabiex jiżguraw il-protezzjoni tal-ħut li għadu qed jikber tal-ispeċijiet tal-baħar u biex jiġu stabbiliti żoni ta' rkupru għall-istokkijiet tal-ħut, kif ukoll biex jiġu kostitwiti daqsijiet minimi għall-kummerċjalizzazzjoni.

(21) Jenħtieġ li jiġi definit il-mod li bih għandu jitkejjel id-daqs tal-ispeċi tal-baħar.

(22) Jenħtieġ li tkun possibbli għall-Istati Membri li jwettqu proġetti pilota bil-għan li jesploraw metodi sabiex jevitaw, jimminimizzaw u jeliminaw qabdiet mhux mixtieqa. Fejn ir-riżultati ta' dawk il-proġetti jew parir xjentifiku jindikaw li hemm qabdiet mhux mixtieqa sinifikanti, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex jistabbilixxu miżuri tekniċi li jnaqqsu dawn il-qabdiet.

(23) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi standards ta' referenza għal kull baċir tal-baħar. Dawk l-istandards ta' referenza jinkisbu minn miżuri tekniċi eżistenti, u dan filwaqt li jitqiesu l-parir tal-STECF u l-opinjonijiet tal-partijiet ikkonċernati. Jenħtieġ li dawk l-istandards jikkonsistu f'daqsijiet tal-malja ta' referenza għall-irkaptu rmunkat u għax-xbieki statiċi, f'daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni, f'żoni magħluqa jew ristretti, kif ukoll f'miżuri ta' konservazzjoni tan-natura sabiex jimmitigaw il-qabdiet ta' speċijiet sensittivi f'ċerti żoni u fi kwalunkwe miżura teknika speċifikament reġjonali oħra eżistenti.

(24) L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jiżviluppaw rakkomandazzjonijiet konġunti għal miżuri tekniċi adegwati li jvarjaw minn dawn l-istandards ta' referenza skont il-proċess ta' reġjonalizzazzjoni stipulat fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013, ibbażati fuq evidenza xjentifika.

(25) Tali miżuri tekniċi reġjonali jenħtieġ li bħala minimu jwasslu għal benefiċċji għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar li huma tal-inqas ekwivalenti għal dawk derivati mill-istandards ta' referenza, b'mod partikolari f'termini ta' mudelli ta' sfruttament u l-livell ta' protezzjoni provduta għal speċijiet u ħabitats sensittivi.

(26) Meta jiżviluppaw rakkomandazzjonijiet konġunti relatati ma' karatteristiċi ta' rkaptu selettiv skont id-daqs u l-ispeċi bħala alternattivi għad-daqsijiet tal-malja ta' referenza jenħtieġ li l-gruppi reġjonali tal-Istati Membri jiżguraw li tali miżuri tal-inqas iwasslu għal karatteristiċi ta' selettività simili jew aħjar mill-irkaptu ta' referenza.

(27) Meta jiżviluppaw rakkomandazzjonijiet konġunti relattivament għal żoni ristretti biex jipproteġu ħut li għadu qed jikber u l-ġlejjeb, fir-rakkomandazzjonijiet konġunti tagħhom il-gruppi reġjonali tal-Istati Membri jenħtieġ li jiddefinixxu l-objettivi, il-limitu ġeografiku u d-durata tal-għeluq kif ukoll ir-restrizzjonijiet tal-irkaptu u l-arranġamenti dwar il-kontrolli u l-monitoraġġ.

(28) Meta jiżviluppaw rakkomandazzjonijiet konġunti relattivament għal daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni, il-gruppi reġjonali tal-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jkun rispettat l-objettiv tal-PKS li tiżgura l-protezzjoni taż-żgħar tal-ispeċijiet tal-baħar, filwaqt li jiżguraw li ma tiġi introdotta ebda distorsjoni fis-suq u li ma jinħoloq ebda suq għal speċijiet iżgħar mid-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni.

(29) Permezz tar-reġjonalizzazzjoni jenħtieġ li jitħalla lok biex, bħala miżura addizzjonali għall-protezzjoni ta' speċijiet sensittivi, ħut li għadu qed jikber jew ġlejjeb, tiġi żviluppata l-possibbiltà li jinħolqu żoni li jingħalqu f'ħin reali, u dan flimkien ma' dispożizzjonijiet dwar meta ż-żona tinbidel. Il-kondizzjonijiet biex jiġu stabbiliti tali żoni, inklużi l-limitu ġeografiku u d-durata tal-għeluq, ki ukoll l-arranġamenti ta' kontroll u ta' monitoraġġ, jenħtieġ li jiġu definiti fir-rakkomandazzjonijiet konġunti rilevanti.

(30) Fuq il-bażi ta' valutazzjoni tal-impatti tal-irkaptu innovattiv, l-użu, jew l-estensjoni tal-użu, ta' tali irkaptu innovattiv jista' jiġi inkluż bħala alternattiva fir-rakkomandazzjonijiet konġunti tal-gruppi reġjonali tal-Istati Membri. L-użu tal-irkaptu innovattiv jenħtieġ li ma jkunx permess fejn valutazzjoni xjentifika turi li dan iwassal għal impatti negattivi sinifikanti fuq ħabitats sensittivi u speċijiet mhux fil-mira.

(31) Meta jiżviluppaw rakkomandazzjonijiet konġunti marbuta mal-protezzjoni ta' speċijiet u ħabitats sensittivi, jenħtieġ li l-gruppi reġjonali tal-Istati Membri jkunu jistgħu jiżviluppaw miżuri ta' mitigazzjoni addizzjonali sabiex inaqqsu l-impatti tas-sajd fuq l-ispeċijiet u l-ħabitats sensittivi. Fejn l-evidenza xjentifika turi li hemm theddida serja għall-istatus ta' konservazzjoni ta' speċijiet u ħabitats sensittivi, jenħtieġ li l-Istati Membri jintroduċu restrizzjonijiet addizzjonali fuq il-kostruzzjoni u l-funzjonament ta' ċertu rkaptu jew anke jintroduċu projbizzjoni totali fuq l-użu tiegħu f'żona partikolari. B'mod partikolari tali restrizzjonijiet jistgħu jiġu applikati għall-użu tal-għażel tat-tisqif li f'ċerti żoni wassal għal qabdiet sinifikanti ta' speċijiet sensittivi.

(32) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jippermetti li jiġu stabbiliti pjanijiet temporanji ta' skartar ta' qabdiet għall-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art, f'każijiet fejn ma jkun hemm ebda pjan pluriennali fis-seħħ għaż-żona tas-sajd ikkonċernata. Bħala parti minn dawn il-pjanijiet jenħtieġ li jkunu jistgħu jiġu stabbiliti miżuri tekniċi, marbutin strettament mal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art, u li l-għan tagħhom ikun li titkattar is-selettività u jitnaqqsu kemm jista' jkun il-qabdiet mhux mixtieqa.

(33) Jenħtieġ li jkun possibbli li jitwettqu proġetti pilota dwar dokumentazzjoni sħiħa tal-qabdiet u tal-iskartar ta' qabdiet. Tali proġetti jistgħu jinvolvu derogi mir-regoli dwar id-daqsijiet tal-malji stabbiliti f'dan ir-Regolament sakemm dawn jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi u l-miri ta' dan ir-Regolament.

(34) Ċerti dispożizzjonijiet dwar miżuri tekniċi adottati mill-NEAFC jenħtieġ li jiġu inklużi f'dan ir-Regolament.

(35) Sabiex ma jkunx hemm tfixkil għar-riċerka xjentifika jew ir-ripopolazzjoni jew it-trapjantar diretti, il-miżuri tekniċi previsti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li ma japplikawx għal operazzjonijiet li jaf ikunu neċessarji għal tali attivitajiet. B'mod partikolari, fejn l-operazzjonijiet tas-sajd għall-iskopijiet ta' riċerka xjentifika jeżiġu tali deroga mill-miżuri tekniċi taħt dan ir-Regolament, jenħtieġ li huma jkunu soġġetti għal kondizzjonijiet adatti.

(36) Is-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adozzjoni ta' ċerti miżuri fir-rigward tas-sajd rikreattiv, restrizzjonijiet fuq irkaptu rmunkat, speċijiet u ħabitats sensittivi, il-lista ta' ħut u frott tal-baħar bil-qoxra projbiti minn sajd dirett, id-definizzjoni ta' sajd dirett, proġetti pilota dwar dokumentazzjoni sħiħa tal-qabdiet u tal-iskartar ta' qabdiet, u miżuri tekniċi bħala parti minn pjanijiet ta' skartar temporanji kif ukoll fir-rigward tad-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni, id-daqs tal-malji tax-xbieki, iż-żoni magħluqa u miżuri tekniċi oħra f'ċerti baċiri tal-baħar, miżuri ta' mitigazzjoni għal speċijiet sensittivi u l-lista ta' speċi ta' stokkijiet indikaturi ewlenin. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[1]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

1 ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

(37) Biex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħat ta' implimentazzjoni biex tiġi stabbilita l-ispeċifikazzjoni ta' tagħmir biex jitnaqqas it-tkagħbir bl-użu ta', u jissaħħaħ, l-irkaptu rmunkat jew biex tiġi limitata l-ħarba tal-qabdiet fil-parti ta' quddiem tal-irkaptu rmunkat; biex tiġi ddefinita l-ispeċifikazzjoni tat-tagħmir ta' selezzjoni imqabbad ma' rkaptu ta' referenza definit; sabiex ikunu definiti l-ispeċifikazzjonijiet tat-tkarkir bl-impuls elettriku; biex jiġu definiti r-restrizzjonijiet fuq il-kostruzzjoni tal-irkaptu u biex jiġu definiti l-miżuri ta' kontroll u ta' monitoraġġ li jkunu ser jiġu adottati mill-Istat Membru tal-bandiera; u biex jiġu definiti regoli dwar il-miżuri ta' kontroll u ta' monitoraġġ li jkunu ser jiġu adottati mill-Istat Membru tal-bandiera meta jintuża rkaptu statiku f'fond ta' bejn 200 u 600 metru, dwar il-miżuri ta' kontroll u monitoraġġ li jkunu ser jiġu adottati għal ċerti żoni magħluqa jew ristretti, u dwar il-karatteristiċi tas-sinjal u tal-implimentazzjoni ta' tagħmir użat biex iżommu ċ-ċetaċji 'l bogħod mix-xbieki statiċi u biex jiġu definiti wkoll il-metodi użati biex jimminimizzaw il-qabdiet aċċessorji ta' għasafar tal-baħar, rettili tal-baħar u fkieren tal-baħar. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1].

[1] Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(38) Sal-31 ta' Diċembru 2020, u sussegwentement kull tielet sena, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u mill-Kunsilli Konsultattivi rilevanti u wara evalwazzjoni mill-STECF. Dak ir-rapport jenħtieġ li jivvaluta kemm il-miżuri tekniċi fil-livell reġjonali kif ukoll f'dak tal-Unjoni jkunu kkontribwixxew biex jinkisbu l-objettivi u jintlaħqu l-miri ta' dan ir-Regolament.

(39) Għall-għan ta' dak ir-rapport, jistgħu jintużaw indikaturi tas-selettività adegwati, bħall-kunċett xjentifiku tat-tul ta' selettività ottimali ($L_{opt}$), bħala għodda ta' referenza għall-monitoraġġ tal-progress maż-żmien lejn l-objettivi tal-PKS ta' minimizzazzjoni tal-qabdiet mhux mixtieqa. F'dak is-sens, dawk l-indikaturi mhumiex miri vinkolanti, iżda għodod ta' monitoraġġ li jistgħu jinfurmaw deliberazzjonijiet jew deċiżjonijiet fil-livell reġjonali. L-indikaturi, u l-valuri użati għall-applikazzjoni tagħhom, jenħtieġ li jintalbu minn korpi xjentifiċi adatti għal għadd ta' stokkijiet indikaturi ewlenin li jieħdu kont ukoll tas-sajd imħallat u żidiet qawwija f'daqqa fir-reklutaġġ. Il-Kummissjoni tista' tinkludi dawn l-indikaturi fir-rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-lista tal-istokkijiet indikaturi ewlenin tinkludi l-ispeċijiet demersali li huma ġestiti permezz ta' limiti ta' qbid, b'kont meħud tal-importanza relattiva tal-ħatt l-art, l-iskartar ta' qabdiet u r-rilevanza tal-attività partikolari tas-sajd għal kull baċir tal-baħar.

(40) Ir-rapport tal-Kummissjoni jenħtieġ ukoll li jirreferi għall-parir tal-ICES dwar il-progress li jkun sar jew l-impatt tal-irkaptu innovattiv. Jenħtieġ li r-rapport jislet konklużjonijiet dwar il-benefiċċji għal, jew l-effetti negattivi fuq, l-ekosistemi tal-baħar, ħabitats sensittivi u s-selettività.

(41) Abbażi tar-rapport tal-Kummissjoni, meta fil-livell reġjonali jkun hemm evidenza li l-objettivi u l-miri ma jkunux intlaħqu, jenħtieġ li l-Istati Membri f'dak ir-reġjun jippreżentaw pjan li jistipula l-azzjonijiet korrettivi li jridu jittieħdu sabiex ikun żgurat li dawk l-objettivi u l-miri jistgħu jintlaħqu. Abbażi ta' dak ir-rapport, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipproponi wkoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kwalunkwe emenda għal dan ir-Regolament li tqis neċessarja.

(42) Minħabba n-numru u l-importanza tal-emendi li għandhom isiru, jenħtieġ li jitħassru r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97[1], (KE) Nru 850/98[2], (KE) Nru 2549/2000[3], (KE) Nru 254/2002[4], (KE) Nru 812/2004[5] u (KE) Nru 2187/2005[6].

---

1 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 894/97 tad-29 ta' April 1997 li jippreskrivi ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd (ĠU L 132, 23.5.1997, p. 1).

2 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar (ĠU L 125, 27.4.1998, p. 1).

3 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2549/2000 tas-17 ta' Novembru 2000 li jistabbilixxi miżuri tekniċi addizzjonali għall-irkuprar tal-istokk tal-bakkaljaw fil-Baħar Irlandiż (Diviżjoni VIIa tal-ICES) (ĠU L 292, 21.11.2000, p. 5).

4 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 254/2002 tat-12 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi miżuri li għandhom ikunu applikabbli fl-2002 għall-irkupru tal-istokk tal-bakkaljaw fil-Baħar Irlandiż (id-diviżjoni VIIa tal-ICES) (ĠU L 41, 13.2.2002, p. 1).

5 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 812/2004 tas-26 ta' April 2004 li jippreskrivi miżuri li jikkonċernaw qabdiet inċidentali ta' ċetaċji fil-meded (żoni) tas-sajd u jemenda r-Regolament (KE) Nru 88/98 (ĠU L 150, 30.4.2004, p. 12).

6 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 tal-21 ta' Diċembru 2005 għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi fil-Baħar Baltiku, fil-Belts u fis-Sound, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1434/98 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 88/98 (ĠU L 349, 31.12.2005, p. 1).

(43) Ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006[1] u (KE) Nru 1224/2009[2] u r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jenħtieġ li jiġu emendati kif meħtieġ.

---

[1] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/94 (ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11).

[2] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

(44) Il-Kummissjoni attwalment għandha s-setgħa li tadotta u temenda miżuri tekniċi fil-livell reġjonali taħt ir-Regolamenti (UE) 2016/1139[1], (UE) 2018/973[2], (UE) 2019/472[3] u (UE) Nru 2019/ …[4] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jistabbilixxu pjanijiet pluriennali għall-Baħar Baltiku, il-Baħar tat-Tramuntana, l-Ilmijiet tal-Punent u l-Mediterran tal-Punent. Sabiex jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tas-setgħat rispettivi, u jkun speċifikat li l-atti delegati adottati skont l-għoti ta' setgħat previsti f'dawk ir-Regolamenti għandhom jikkonformaw ma' ċerti rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li dawk ir-Regolamenti jiġu emendati fl-interess taċ-ċertezza legali,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

---

[1] Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 (ĠU L 191, 15.7.2016, p. 1).

[2] Regolament (UE) 2018/973 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil- Baħar tat-Tramuntana u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u (KE) Nru 1342/2008 (ĠU L 179, 16.7.2018, p. 1).

[3] Regolament (UE) 2019/472 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Marzu 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet mistada fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/1139 u (UE) 2018/973, u li jħassar ir-Regolamenti tal Kunsill (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007 u (KE) Nru 1300/2008 (ĠU L 83, 25.3.2019, p. 1).

[4] Regolament (UE) 2019/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … li jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 508/2014 (ĠU ...) [ĠU: daħħal in-numru tar-Regolament adottat fil-proċedura PE-CONS 32/19 - 2018/0050(COD)].

# KAPITOLU I
# DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

*Suġġett*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri tekniċi dwar:

(a) il-qbid u ħatt l-art tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar;

(b) it-tħaddim tal-irkaptu tas-sajd; u

(c) l-interazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd mal-ekosistemi tal-baħar.

*Artikolu 2*

*Kamp ta' Applikazzjoni*

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-attivitajiet li jsiru minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u ċittadini tal-Istati Membri, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà ewlenija tal-Istat tal-bandiera, fiż-żoni tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 5 kif ukoll minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' pajjiżi terzi, u li jkunu rreġistrati fihom, meta jistadu fl-ilmijiet tal-Unjoni.

2. L-Artikoli 7, 10, 11 u 12 għandhom japplikaw ukoll għas-sajd rikreattiv. F'każijiet fejn is-sajd rikreattiv ikollu impatt sinifikanti f'reġjun partikolari, il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15 u f'konformità mal-Artikolu 29 biex temenda dan ir-Regolament billi jiġi previst li d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikolu 13 jew il-partijiet A jew C tal-Annessi V sa X japplikaw ukoll għas-sajd rikreattiv.

3. Soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 25 u 26, il-miżuri tekniċi stipulati f'dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw għal attivitajiet tas-sajd li jsiru biss bl-iskop ta':

(a) investigazzjonijiet xjentifiċi, u

(b) ripopolazzjoni jew trapjantar diretti ta' speċijiet tal-baħar.

*Artikolu 3*

*Objettivi*

1. Bħala għodod li jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-PKS, il-miżuri tekniċi għandhom jikkontribwixxu għall-objettivi tal-PKS stipulati fid-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

2. Il-miżuri tekniċi b'mod partikolari għandhom jikkontribwixxu għall-ksib tal-objettivi li ġejjin:

(a) itejbu kemm jista' jkun il-mudelli ta' sfruttament biex jipprovdu protezzjoni għall-ħut li għadu qed jikber jew għall-ġlejjeb tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar;

(b) jiżguraw li l-qabdiet aċċessorji ta' speċijiet tal-baħar sensittivi, inklużi dawk elenkati fid-Direttivi 92/43/KEE u 2009/147/KE, li jirriżultaw mis-sajd, jitnaqqsu kemm jista' jkun u, fejn possibbli, jiġu eliminati sabiex ma jikkostitwixxux theddida għall-istat ta' konservazzjoni ta' dawn l-ispeċijiet;

(c) jiżguraw, inkluż bl-użu ta' inċentivi adatti, li l-impatti ambjentali negattivi tas-sajd fuq il-ħabitats tal-baħar jiġu minimizzati;

(d) għandhom fis-seħħ miżuri ta' ġestjoni tas-sajd għall-finijiet ta' konformità mad-Direttivi 92/43/KEE, 2000/60/KE u 2008/56/KE, b'mod partikolari bil-għan li jinkiseb status ambjentali tajjeb f'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2008/56/KE, u mad-Direttiva 2009/147/KE.

*Artikolu 4*

*Miri*

1. Il-miżuri tekniċi għandu jkollhom l-għan li jiżguraw li:

(a) il-qabdiet ta' speċijiet tal-baħar iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni jitnaqqsu kemm jista' jkun f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(b) il-qabdiet aċċessorji ta' mammiferi tal-baħar, rettili tal-baħar, għasafar tal-baħar u speċijiet oħrajn mhux sfruttati kummerċjalment ma jaqbżux il-livelli previsti fil-leġislazzjoni tal-Unjoni u fi ftehimiet internazzjonali li huma vinkolanti għall-Unjoni.

(c) l-impatti ambjentali tal-attivitajiet tas-sajd fuq il-ħabitats li jinsabu f'qiegħ il-baħar jikkonformaw mal-punt (j) tal-Artikolu 2(5) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

2. Il-punt sa fejn ikun sar progress lejn dawk il-miri għandu jiġi rieżaminat bħala parti mill-proċess ta' rappurtar stipulat fl-Artikolu 31.

*Artikolu 5*

*Definizzjoni taż-żoni tas-sajd*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet ġeografiċi taż-żoni tas-sajd li ġejjin:

(a) "il-Baħar tat-Tramuntana" tfisser ilmijiet tal-Unjoni fid-diviżjonijiet[1] 2a u 3a u s-subżona 4 tal-ICES;

(b) "il-Baħar Baltiku" tfisser ilmijiet tal-Unjoni fid-diviżjonijiet 3b, 3c u 3d tal-ICES;

(c) "l-ilmijiet tal-Majjistral" tfisser l-ilmijiet tal-Unjoni fis-subżoni 5, 6 u 7 tal-ICES;

(d) "l-ilmijiet tal-Lbiċ" tfisser is-subżoni 8, 9 u 10 tal-ICES (ilmijiet tal-Unjoni) u ż-żoni[2] CECAF 34.1.1, 34.1.2 u 34.2.0 (ilmijiet tal-Unjoni);

---

1 Iż-żoni ICES (Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar) huma kif iddefiniti fir-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-grigal tal-Atlantiku (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 70).

2 Iż-żoni CECAF (l-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant jew iż-Żona ta' sajd prinċipali 34 tal-FAO) huma kif iddefiniti fir-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu f'ċerti żoni li mhumiex fl-Atlantiku tat-Tramuntana (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 1).

(e) "il-Baħar Mediterran" tfisser l-ilmijiet marittimi tal-Mediterran lejn il-Lvant mil-linja 5°36′ W;

(f) "il-Baħar l-Iswed" tfisser l-ilmijiet tas-subżona ġeografika 29 GFCM kif definiti fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1];

(g) "ilmijiet tal-Unjoni fl-Oċean Indjan u fil-Punent tal-Atlantiku" tfisser l-ilmijiet madwar Guadaloupe, il-Guyana Franċiża, Martinique, Mayotte, Réunion, Saint Martin taħt is-sovranità jew ġurisdizzjoni ta' Stat Membru;

(h) "iż-Żona Regolatorja tan-NEAFC" tfisser l-ilmijiet taż-Żona tal-Konvenzjoni tan-NEAFC li jinsabu barra mill-ilmijiet taħt il-ġurisdizzjoni tas-sajd tal-Partijiet Kontraenti kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 1236/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2];

(i) "iż-Żona ta' Ftehim tal-GFCM" tfisser il-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed u l-ilmijiet li jgħaqqduhom, kif definit fir-Regolament (UE) Nru 1343/2011.

---

1 Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 44).

2 Regolament (UE) Nru 1236/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jistabbilixxi skema ta' kontroll u infurzar applikabbli fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2791/1999 (ĠU L 348, 31.12.2010, p. 17).

*Artikolu 6*

*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, flimkien mad-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "mudell ta' sfruttament" tfisser kif il-mortalità mis-sajd hi distribwita fil-profil tal-età u d-daqs ta' stokk partikolari;

(2) "selettività" tfisser espressjoni kwantitattiva li tindika l-probabbiltà li jinqabdu riżorsi bijoloġiċi tal-baħar ta' ċertu daqs u/jew speċijiet;

(3) "sajd dirett" tfisser l-isforz ta' sajd maħsub għal speċi jew grupp ta' speċijiet speċifiċi u jistgħu jiġu speċifikati b'mod ulterjuri f'livell reġjonali f'atti delegati adottati skont l-Artikolu 27(7) ta' dan ir-Regolament;

(4) "status ambjentali tajjeb" tfisser l-istatus ambjentali tal-ilmijiet tal-baħar kif definit fl-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2008/56/KE;

(5) "stat ta' konservazzjoni ta' speċi" tfisser l-influwenzi kollha li jagħfsu fuq l-ispeċijiet konċernati u li jistgħu jaffettwaw it-tqassim fit-tul u l-abbundanza tal-popolazzjonijiet tagħhom;

(6) "stat ta' konservazzjoni ta' ħabitat" tfisser l-influwenzi kollha li jagħfsu fuq il-ħabitat naturali u l-ispeċijiet tipiċi tiegħu li jistgħu jaffettwaw it-tqassim naturali tiegħu fit-tul, l-istruttura u l-funzjonijiet kif ukoll l-għajxien fit-tul tal-ispeċijiet tipiċi tiegħu;

(7) "ħabitat sensittiv" tfisser ħabitat li l-istat ta' konservazzjoni tiegħu, inkluż il-firxa tiegħu u l-kundizzjoni (struttura u funzjoni) tal-komponenti bijotiċi u abijotiċi tiegħu, huwa affettwat b'mod negattiv minn pressjonijiet ġejjin minn attivitajiet tal-bniedem, inkluż l-attivitajiet tas-sajd. Il-ħabitats sensittivi jinkludu, b'mod partikolari, tipi ta' ħabitats elenkati fl-Anness I, u ħabitats ta' speċijiet elenkati fl-Anness II tad-Direttiva 92/43/KEE, ħabitats ta' speċijiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2009/147/KE, ħabitats li l-protezzjoni tagħhom hija meħtieġa sabiex jinkiseb status ambjentali tajjeb taħt id-Direttiva 2008/56/KE u ekosistemi tal-baħar vulnerabbli kif definiti mill-punt (b) tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill 734/2008[1];

(8) "speċi sensittiva" tfisser speċi li l-istat ta' konservazzjoni tagħha, inkluż il-ħabitat, id-distribuzzjoni, id-daqs tal-popolazzjoni jew il-kundizzjoni tal-popolazzjoni tagħha, huwa affettwat b'mod negattiv minn pressjonijiet ġejjin minn attivitajiet tal-bniedem, inkluż l-attivitajiet tas-sajd. L-ispeċijiet sensittivi, b'mod partikolari, jinkludu speċijiet imsemmija fl-Annessi II u IV tad-Direttiva 92/43/KEE, speċijiet koperti mid-Direttiva 2009/147/KE u speċijiet li l-protezzjoni tagħhom hija meħtieġa sabiex jiksbu status ambjentali tajjeb taħt id-Direttiva 2008/56/KE;

---

1 Regolament tal-Kunsill (KE) 734/2008 tal-15 ta' Lulju 2008 dwar il-protezzjoni ta' ekosistemi marini vulnerabbli f'ibħra internazzjonali mill-impatti ħżiena tal-irkaptu tas-sajd tal-qiegħ (ĠU L 201, 30.7.2008, p. 8).

(9) "speċijiet pelaġiċi żgħar" tfisser speċijiet bħall-kavalli, l-aringi, is-sawrell, l-inċova, is-sardin, l-istokkafixx, l-arġentina, il-laċċa kaħla u l-pixxi trumbetta;

(10) "Kunsilli Konsultattivi" tfisser gruppi ta' partijiet ikkonċernati stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(11) "xibka tat-tkarkir" tfisser irkaptu rmunkat b'mod attiv minn bastiment wieħed jew aktar tas-sajd u li jikkonsisti f'xibka magħluqa fuq wara minn borża jew manka;

(12) "irkaptu rmunkat" tfisser kwalunkwe xibka tat-tkarkir, tartarun Daniż, gangmu u rkaptu simili li jiġi mċaqlaq b'mod attiv fl-ilma minn bastiment tas-sajd wieħed jew iktar jew minn kwalunkwe sistema mekkanizzata oħra;

(13) "xibka tat-tkarkir tal-qiegħ" tfisser irkaptu tat-tkarkir magħmul u armat sabiex jitħaddem f'qiegħ il-baħar jew kważi;

(14) "xibka tat-tkarkir tal-qiegħ bil-paranzi" tfisser xibka tat-tkarkir tal-qiegħ irmunkata minn żewġ dgħajjes fl-istess ħin, kull waħda tirmunka naħa tax-xibka tat-tkarkir. Il-fetħa orizzontali tax-xibka tat-tkarkir tinżamm bid-distanza bejn iż-żewġ bastimenti waqt li jirmunkaw l-irkaptu;

(15) "xibka tat-tkarkir pelaġiku" tfisser xibka tat-tkarkir magħmula u armata sabiex topera f'nofs l-ilma;

(16) "xibka tat-tkarkir bi travu" tfisser irkaptu b'xibka tat-tkarkir miftuħa orizzontalment bi travu, ġewnaħ jew apparat simili;

(17) "tkarkir bl-impulsi elettriċi" tfisser xibka tat-tkarkir li tuża kurrent elettriku biex jinqabdu riżorsi bijoloġiċi tal-baħar;

(18) "tartarun Daniż" jew "tartarun Skoċċiż" ifissru tagħmir ċirkondanti u rmunkat, imħaddem minn dgħajsa permezz ta' żewġ ħbula twal (ħbula tat-tartarun) magħmul sabiex jidderieġi l-ħut lejn il-fetħa tat-tartarun. L-irkaptu hu magħmul minn xibka li hi simili fl-għamla tagħha għal xibka tat-tkarkir tal-qiegħ;

(19) "tartaruni tax-xatt" tfisser xbieki tat-tidwir u tartaruni rmunkati mixħutin minn dgħajsa u rmunkati mix-xatt filwaqt li jiġu operati mill-kosta jew minn bastiment irmiġġat jew ankrat mal-kosta;

(20) "xbieki tat-tidwir" tfisser xbieki li jaqbdu l-ħut billi jdawruhom kemm miż-żewġ naħat u kif ukoll minn taħt. Jistgħu jkunu jew ma jkunux mgħammra b'vajjina;

(21) "tartarun tal-borża" jew "tartaruni tal-lampara" jfissru kwalunkwe xibka tat-tidwir fejn il-qiegħ jingħaqad permezz ta' ħabel tal-għeluq li jinsab fil-qiegħ tax-xibka, li tgħaddi minn serje ta' anelli tul il-ħabel tal-art, li jippermetti li x-xibka tinġibed f'borża u tingħalaq;

(22) "gangmi" tfisser irkaptu li jkun attivament irmunkat mill-magna prinċipali tad-dgħajsa (gangmi tad-dgħajsa) jew miġbud b'winċ motorizzat minn bastiment ankrat (gangmi mekkanizzati) għall-qbid ta' bivalvi, gasteropadi jew sponoż u li jikkonsisti f' xibka borża jew f'baskett tal-metall immuntati fuq qafas riġidu jew virga ta' qies u forma varjabbli li l-parti ta' taħt tagħhom tista' ġġorr xafra barraxa li tista' tkun jew fit-tond, ippuntata jew bis-snien, u tista' wkoll tkun mgħammra bi skarpi u twavel tal-għadds. Xi gangmi huma mgħammra b'tagħmir idrawliku (gangmi idrawliċi). Il-gangmi miġbudin bl-idejn jew b'winċ manwali f'ilmijiet baxxi bi jew mingħajr dgħajsa għall-qbid ta' bivalvi, gasteropodi jew sponoż (gangmi tal-idejn) ma għandhomx jiġu kkunsidrati bħala rkaptu rmunkat għall-finijiet ta' dan ir-Regolament;

(23) "xbieki statiċi" tfisser kwalunkwe tip ta' għażel, xibka tat-tħabbil jew parit ankrat ma' qiegħ il-baħar biex il-ħut jgħum fih u jitħabbel jew jeħel fix-xbieki;

(24) "għażel tat-tisqif " tfisser xibka miżmuma fuq wiċċ l-ilma jew f'ċerta distanza taħtu permezz ta' apparat li jżomm f'wiċċ l-ilma, li jinġarru mal-kurrent jew liberament jew bid-dgħajsa li jkun imqabbad magħha. Dan jista' jkun mgħammar b'apparat intiż biex jistabbilizza x-xibka jew jillimita kemm tinġarr mill-kurrent;

(25) " għażel" tfisser xibka magħmula minn biċċa xibka statika unika u miżmuma wieqfa fl-ilma permezz ta' sufruni u piżijiet;

(26) " għażel tat-tħabbil" tfisser xibka statika li tikkonsisti f'ħajt ta' xibka armat b'mod li x-xibka tiddendel fuq il-ħbula sabiex toħloq ammont akbar ta' tixbik maħlul mill-għażel;

(27) " parit" tfisser xibka statika magħmula minn bosta saffi jew aktar ta' xbieki b'żewġ saffi fuq barra ta' daqs tal-malja kbir b'saff b'malja bejniethom;

(28) "parit xkitt" tfisser kwalunkwe għażel tal-qiegħ li l-parti t'isfel tiegħu tkun ikkombinata ma' parit;

(29) "konz" tfisser irkaptu tas-sajd li jikkonsisti fi xlief ewlieni ta' tul varjabbli, li magħha jitqabbdu brazzoli bi snanar spazjati skont l-ispeċi fil-mira. Ix-xlief ewlieni jkun ankrat orizzontalment fuq, jew qrib, il-qiegħ jew vertikalment, jew jista' jitħalla jinġarr mal-kurrent fil-wiċċ;

(30) "nases u kavetti" tfisser nases f'għamla ta' gaġeġ jew qfief li għandhom dħul wieħed jew aktar, iddisinjati biex jaqbdu l-krustaċej, molluski jew ħut, li jitqiegħdu fuq qiegħ il-baħar jew sospiżi fuqu;

(31) "xlief" tfisser xlief tas-sajd wieħed b'rixa jew sunnara bil-lixka waħda jew aktar;

(32) "St.Andrew's cross" huwa ħattaf li jagħmel użu minn azzjoni simili għal dik ta' mqass sabiex jaħsad pereżempju l-molluski bivalvi jew il-qroll aħmar minn qiegħ il-baħar;

(33) "manka" tfisser l-aktar parti ta' wara tax-xibka tat-tkarkir, li tkun f'forma ta' ċilindru, jiġifieri bl-istess ċirkonferenza t-tul kollu, jew f'forma konika. Din tista' tkun magħmula minn panel wieħed jew aktar (biċċiet ta' xbieki) imwaħħlin flimkien tul il-ġnub tagħhom u jistgħu jinkludu l-biċċa miżjuda li tkun magħmula minn panel wieħed jew aktar li jkunu jinstabu eżatt quddiem il-manka *sensu stricto*;

(34) "daqs tal-malja" tfisser:

(i) għax-xbieki bl-għoqod: l-itwal distanza bejn żewġ ġonot opposti fl-istess malja meta din tkun mifruxa għalkollox;

(ii) għal xbieki mingħajr għoqod: id-distanza ta' ġewwa bejn il-ġonot opposti fl-istess malja meta din tkun mifruxa għalkollox tul l-itwal assi possibbli tagħha;

(35) "malja kwadra" tfisser malja b'erba' naħat magħmula minn żewġ settijiet ta' vireg paralleli tal-istess tul nominali, fejn sett wieħed huwa parallel għall-assi lonġitudinali tax-xibka, u s-sett l-ieħor huwa perpendikulari għall-istess assi;

(36) "malja maqrut" tfisser malja magħmula minn erba' naħat tal-istess tul fejn iż-żewġ dijagonali tax-xibka huma perpendikolari u wieħed mid-dijagonali hu parallel għall-assi lonġitudinali tax-xibka;

(37) "T90" tfisser xbieki tat-tkarkir, tartaruni Daniżi jew irkaptu rmunkat simili li għandu manka u biċċa tal-estensjoni prodotta minn tip ta' xbieki bil-malja forma ta' djamant imdawra 90° biex b'hekk id-direzzjoni prinċipali kif inhi għaddejja l-ispaga tax-xibka tkun parallela għad-direzzjoni tal-irmunkar;

(38) "fetħa għall-ħrib tat-tip Bacoma" tfisser panel ta' ħruġ fi xbieki b'malja kwadra mingħajr għoqod mwaħħla fil-panel ta' fuq ta' manka bit-tarf t'isfel tiegħu mhux aktar minn erba' malji mis-siegla tal-għeluq;

(39) "xibka passatur" tfisser biċċa xibka mwaħħla maċ-ċirkonferenza sħiħa tax-xibka tat-tkarkir għall-gambli quddiem il-manka jew il-biċċa tal-estensjoni, li tiġi għall-ponta fejn hi mwaħħla mas-saff t'isfel tax-xibka tat-tkarkir tal-gambli. Toqba tal-ħruġ tinfetaħ fejn jiltaqgħu x-xibka passatur u l-manka, biex b'hekk tippermetti li l-ispeċijiet jew l-individwi li huma kbar wisq biex jgħaddu mill-passatur, jaħarbu, filwaqt li l-gambli jistgħu jgħaddu mill-passatur għal ġol-manka;

(40) " waqgħa" tfisser is-somma tal-għoli tal-malji (inkluż l-għoqod) f'xibka meta mxarrba u mġebbda perpendikolari mal-lett;

(41) "ħin ta' immersjoni jew żmien fl-ilma" tfisser il-perijodu mill-mument meta l-irkaptu jitniżżel l-ewwel darba fl-ilma sal-mument meta l-irkaptu jittella' kompletament abbord il-bastiment tas-sajd;

(42) "sensuri ta' monitoraġġ tal-irkaptu" tfisser sensuri elettroniċi mill-bogħod li jitpoġġew fuq l-irkaptu biex iwettqu monitoraġġ tal-parametri ta' prestazzjoni ewlenin bħad-distanza bejn id-diriġenti jew il-volum tal-qabda;

(43) "xlief imtaqqal" tfisser xlief ta' snanar bil-lixka b'piż żejjed biex jegħreq iktar, u b'hekk jitnaqqsu l-veloċità u l-ħin tal-esponiment għal għasafar tal-baħar;

(44) "apparat akustiku deterrenti" tfisser apparat immirat biex jiskoraġġixxilil ċerti speċijiet bħall-mammiferi tal-baħar milli jersqu lejn l-irkaptu billi jibgħat sinjali akustiċi;

(45) "naffara tal-għasafar" (imsejħa wkoll linji tori) tfisser linji (b'żigarelli miġbuda minn punt għoli qrib il-poppa tal-bastimenti tas-sajd waqt li snanar bil-lixka jintużaw bl-iskop li jgerrxu l-għasafar tal-baħar mis-snanar;

(46) "ripopolament dirett" tfisser l-attività li jinħelsu annimali selvaġġi ħajjin ta' speċi magħżula f'ilmijiet fejn jeżistu b'mod naturali, sabiex tintuża l-produzzjoni naturali tal-ambjent akkwatiku biex jiżdied in-numru ta' individwi disponibbli għall-industriji tas-sajd u/jew jiżdied ir-reklutaġġ naturali;

(47) "trapjantar" tfisser il-proċess li bih speċi hija ttrasportata intenzjonalment u meħlusa mill-bniedem f'żoni b'popolazzjonijiet stabbiliti ta' dak l-ispeċi;

(48) "indikatur tal-prestazzjoni ta' selettività" tfisser għodda ta' referenza biex jiġi mmonitorjat il-progress maż-żmien lejn il-kisba tal-objettivi tal-PKS ta' minimizzazzjoni tal-qabdiet mhux mixtieqa;

(49) "xkubetta li tispara foxxni" tfisser xkubetta li tinżamm fl-idejn, motorizzata pnewmatika jew mekkanikament li tispara foxxni għall-fini ta' sajd taħt l-ilma;

(50) "tul ta' selettività ottimali ($L_{opt}$)" huwa t-tul medju ta' qbid', ipprovdut mill-aħjar pariri xjentifiċi disponibbli, li jottimizza it-tkabbir ta' individwi fi stokk.

# KAPITOLU II

# MIŻURI TEKNIĊI KOMUNI

## TAQSIMA 1

## IRKAPTU U UŻI TAS-SAJD IPPROJBITI

*Artikolu 7*

*Irkaptu u metodi tas-sajd ipprojbiti*

1. Għandu jkun ipprojbit li jinqabdu jew jinħasdu speċijiet tal-baħar bl-użu tal-metodi li ġejjin:

(a) sustanzi tossiċi, stupefaċenti jew korrużivi;

(b) kurrent elettriku ħlief għall-użu tat-tkarkir bl-impuls elettriku, li għandu jkun permess biss taħt id-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Parti D tal-Anness V;

(c) splussivi;

(d) imrietel pnewmatiċi jew strumenti ta' perkussjoni oħrajn;

(e) strumenti rmunkati għall-ħsad tal-qroll aħmar jew tipi oħrajn ta' qroll jew organiżmi simili tal-qroll;

(f) St Andrew's cross u ħattafa simili tiegħu, partikolarment għall-ħsad ta' qroll aħmar jew tipi ta' qroll oħrajn u speċijiet jixbhu lill-qroll;

(g) kwalunkwe tip ta' projettili, bl-eċċezzjoni ta' dawk użati għall-qtil tat-tonn fil-gaġġa jew maqbud fit-tunnara jew il-lanez miżmuma bl-idejn u ħarpuns użati fis-sajd rikreattiv tal-għadis mingħajr akkwalung u miż-żerniq sa nżul ix-xemx;

2. Minkejja l-Artikolu 2, dan l-Artikolu għandu japplika għal bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet internazzjonali u fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi, ħlief fejn ir-regoli adottati mill-organizzazzjonijiet multilaterali tas-sajd, skont ftehimiet bilaterali jew multilaterali, jew minn pajjiż terz, ma jipprevedux speċifikament mod ieħor.

## TAQSIMA 2

### RESTRIZZJONIJIET ĠENERALI FUQ IRKAPTU TAS-SAJD U KONDIZZJONIJIET GĦALL-UŻU TIEGĦU

*Artikolu 8*

*Restrizzjonijiet ġenerali fuq l-użu ta' rkaptu rmunkat*

1. Għall-fini tal-Annessi V sa XI, id-daqs tal-malja tal-irkaptu rmunkat kif stipulat f'dawk l-Annessi għandu jfisser d-daqs minimu tal-malja ta' kwalunkwe parti tal-mankau kwalunkwe biċċa tal-estensjoni misjuba abbord bastiment tas-sajd u mwaħħla ma' kwalunkwe xibka rmunkata jew li tkun adatta biex titwaħħal magħha. Dan il-paragrafu ma għandux japplika għal apparat tax-xbieki li jintuża biex jitwaħħlu sensuri għall-monitoraġġ tal-irkaptu jew meta jintuża flimkien ma' apparat għall-esklużjoni ta' ħut u fkieren tal-baħar. Derogi ulterjuri biex tittejjeb is-selettività tad-daqs jew l-ispeċijiet jistgħu jiġu previsti f'att delegat adottat f'konformità mal-Artikolu 15.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal gangmi. Madankollu, matul kwalunkwe vjaġġ meta jinġarru gangmi abbord għandhom japplikaw dawn li ġejjin:

   (a) it-trasbord ta' organiżmi marini għandu jkun ipprojbit;

   (b) fil-Baltiku, għandu jkun ipprojbit li tinżamm abbord jew li tkun żbarkata kull kwantità ta' organiżmi marini ħlief jekk għall-inqas 85 % bil-piż ħaj minnha ma jkunx jikkonsisti f'molluski u/jew *Furcellaria lumbricalis*;

(c) f'kull baċir ieħor tal-baħar, ħlief fil-Baħar Mediterran, fejn japplika l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006, għandu jkun ipprojbit li tinżamm abbord jew li tinħatt kwalunkwe kwantità ta' organiżmi tal-baħar ħlief jekk mill-inqas 95 % tal-piż ħaj tagħha tkun tikkonsisti minn molluski bivalvi, gasteropodi u sponoż.

Il-punti (b) u (c) ma għandhomx japplikaw għall-qabdiet aċċessorji ta' speċijiet soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art stabbilit fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Tali qabdiet aċċessorji għandhom jinħattu u jingħaddu u jitnaqqsu mill-kwoti.

3. Kull meta jkunu qegħdin jiġu rmunkati iktar minn xibka waħda minn bastiment tas-sajd jew minn iktar minn bastiment tas-sajd wieħed, kull xibka għandu jkollha l-istess daqs nominali tal-malja. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15 u skont l-Artikolu 29 li jidderogaw minn dan il-paragrafu, fejn l-użu ta' diversi xbieki b'daqsijiet tal-malja differenti jwassal għal benefiċċji għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar li huma tal-inqas ekwivalenti għal dawk tal-metodi tas-sajd eżistenti.

4. Għandu jkun ipprojbit l-użu ta' kwalunkwe apparat li jostakola jew li b'xi mod ieħor inaqqas b'mod effettiv id-daqs tal-malja tal-manka jew xi parti tal-irkaptu rmunkat, kif ukoll li jġorr abbord kwalunkwe apparat bħal dan li huwa mfassal speċifikament għal dak il-għan. Dan il-paragrafu ma għandux teskludi l-użu ta' apparat speċifikat li jintuża biex inaqqas it-tkagħbir bl-użu ta', u sabiex isaħħaħ, l-irkaptu rmunkat, jew sabiex jillimita l-ħarba ta' qabdiet fil-parti ta' quddiem tal-irkaptu rmunkat.

5. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dettaljati għall-ispeċifikazzjoni ta' manki u l-apparat imsemmi fil-paragrafu 4. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu bbażati fuq l-aħjar parir xjentifiku u tekniku disponibbli u jistgħu jiddefinixxu:

(a) ir-restrizzjonijiet fuq il-ħxuna tal-ispag;

(b) ir-restrizzjonijiet fuq iċ-ċirkonferenza tal-manki;

(c) ir-restrizzjonijiet fuq l-użu ta' materjali tax-xbieki;

(d) l-istruttura u twaħħil ta' manki;

(e) l-apparat li jista' jintuża sabiex inaqqas it-tkagħbir bl-użu; u

(f) l-apparat li jista' jintuża sabiex jillimita l-ħarba ta' dak li jinqabad.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 30(2).

*Artikolu 9*

*Restrizzjonijiet ġenerali fuq l-użu tax-xbieki statiċi u l-għażel tat-tisqif*

1. Għandu jkun ipprojbit li jkun hemm abbord jew jintuża għażel tat-tisqif wieħed jew aktar li t-tul individwali jew totali tiegħu huwa ta' aktar minn 2,5 kilometru.

2. Għandu jkun ipprojbit li jintuża għażel tat-tisqif sabiex jinqabdu l-ispeċijiet elenkati fl-Anness III.

3. Minkejja l-paragrafu 1, għandu jkun ipprojbit li jkun hemm abbord jew jintuża kwalunkwe għażel tat-tisqif fil-Baħar Baltiku.

4. Għandu jkun ipprojbit li jintużaw għeżula tal-qiegħ, xbieki tat-tħabbil u pariti biex jinqabdu l-ispeċijiet li ġejjin:

(a) Alonga (Thunnus alalunga),

(b) Tonn (Thunnus thynnus),

(c) Pixxiluna (Brama brama),

(d) Pixxispad (Xiphias gladius),

(e) Klieb il-baħar li jagħmlu parti mill-ispeċijiet jew mill-familji li ġejjin *Hexanchus griseus*; *Cetorhinus maximus*; l-ispeċijiet kollha ta' *Alopiidae*; *Carcharhinidae*; *Sphyrnidae*; *Isuridae*; *Lamnidae*.

5. B'deroga mill-paragrafu 4, il-qabdiet aċċessorji fil-Baħar Mediterran ta' mhux iżjed minn tliet eżemplari tal-ispeċijiet ta' klieb il-baħar imsemmija f'dak il-paragrafu jistgħu jinżammu abbord jew jinħattu dment li ma jkunux speċijiet protetti skont id-dritt tal-Unjoni.

6. Fejn il-mappa turi fond ikbar minn 200 metru, l-għeżula tal-qiegħ, ix-xbieki tat-tħabbil u l-parit ma jistgħu jintużaw fl-ebda pożizzjoni.

7. Minkejja l-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu:

(a) derogi speċifiċi kif speċifikati fil-punt 6.1 tal-Parti C tal-Anness V, fil-punt 9.1 tal-Parti C tal-Anness VI u fil-punt 4.1 tal-Parti C tal-Anness VII għandhom japplikaw fejn il-fond fuq il-mappa huwa bejn 200 u 600 metru;

(b) l-użu ta' għeżul tal-qiegħ, xbieki tat-tħabbil u pariti fi kwalunkwe pożizzjoni fejn il-fond indikat fuq il-mappa nawtika jkun ta' iktar minn 200 metru għandu jkun permess fil-Baħar Mediterran.

## TAQSIMA 3

## PROTEZZJONI TA' SPEĊIJIET U ĦABITATS SENSITTIVI

*Artikolu 10*

*Speċijiet ta' ħut u frott tal-baħar bil-qoxra projbit*

1. Il-qbid, iż-żamma abbord, it-trasbord jew ħatt l-art ta' speċijiet ta' ħut jew frott tal-baħar bil-qoxra msemmija fl-Anness IV għad-Direttiva 92/43/KEE għandu jkun ipprojbit ħlief meta jingħataw derogi taħt l-Artikolu 16 ta' dik id-Direttiva.

2. Minbarra l-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-bastimenti tal-Unjoni għandhom ikunu pprojbiti milli jistadu, iżommu abbord, jittrasbordaw, iħottu, jaħżnu, jbiegħu, juru jew joffru għall-bejgħ l-ispeċijiet elenkati fl-Anness I jew speċijiet li għalihom is-sajd huwa pprojbit taħt atti legali oħrajn tal-Unjoni.

3. Meta jinqabdu b'mod aċċidentali, l-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhiex issirilhom ħsara u għandhom jintefgħu lura l-baħar immedjatament ħlief għall-għan li jippermetti riċerka xjentifika fuq eżemplari maqtula inċidentalment f'konformità mad-dritt applikabbli tal-Unjoni.

4. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 29 biex temenda l-lista stabbilita fl-Anness I, fejn l-aħjar parir xjentifiku disponibbli jindika li hemm bżonn emenda f'dik il-lista.

5. Il-miżuri adottati skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għandu jkollhom l-għan li jiksbu l-mira stipulata fil-punt (b) tal-Artikolu 4(1) u jistgħu jieħdu kont tal-ftehimiet internazzjonali dwar il-protezzjoni ta' speċijiet sensittivi.

*Artikolu 11*

*Qabdiet aċċessorji ta' mammiferi tal-baħar, għasafar tal-baħar u rettili tal-baħar*

1. Il-qbid, iż-żamma abbord, it-trasbord jew ħatt l-art ta' mammiferi tal-baħar jew rettili tal-baħar imsemmija fl-Annessi II u IV għad-Direttiva 92/43/KEE u ta' speċijiet ta' għasafar tal-baħar koperti bid-Direttiva 2009/147/KE għandu jkun ipprojbit.

2. Meta jinqabdu inċidentalment, l-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex issirilhom ħsara u għandhom jintefgħu l-baħar immedjatament.

3. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, iż-żamma abbord, it-trasbord jew ħatt l-art tal-eżemplari ta' speċijiet tal-baħar imsemmija fil-paragrafu 1 li jkunu nqabdu aċċidentalment, għandu jkun permess dment li din l-attività tkun meħtieġa biex tiżgura assistenza fl-irkupru tal-annimali individwali u biex tkun tista' ssir riċerka xjentifika ta' eżemplari maqtula inċidentalment, dment li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kkonċernati jkunu ġew infurmati b'kollox minn qabel malajr kemm jista' jkun wara l-qabda u f'konformità mad-dritt applikabbli tal-Unjoni.

4. Abbażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli, Stat Membru jista', għal bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu, jadotta miżuri ta' mitigazzjoni jew restrizzjonijiet fuq l-użu ta' ċertu rkaptu. Miżuri bħal dawn għandhom jimminimizzaw u, fejn possibbli, jeliminaw il-qabdiet tal-ispeċi imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u għandhom ikunu kompatibbli mal-objettivi stipulati fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u jkunu mill-anqas stretti daqs miżuri tekniċi applikabbli skont id-dritt tal-Unjoni.

5. Miżuri adottati skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għandhom jimmiraw li jiksbu l-mira stipulata fil-punt (b) tal-Artikolu 4(1). Għall-finijiet ta' kontroll, l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Istati Membri kkonċernati l-oħra bid-dispożizzjonijiet adottati skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu. Huma għandhom ukoll iqiegħdu informazzjoni adegwata dwar dawn il-miżuri għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

*Artikolu 12*

*Protezzjoni għal ħabitats sensittivi inkluż ekosistemi tal-baħar vulnerabbli*

1. Għandu jkun ipprojbit li jintuża l-irkaptu speċifikat fl-Anness II fiż-żoni rilevanti stipulati f'dak l-Anness.

2. Fejn l-aħjar parir xjentifiku disponibbli jirrakkomanda emenda tal-lista ta' żoni speċifikati fl-Anness II, il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament u skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 biex temenda l-Anness II kif meħtieġ. Meta tadotta tali emendi, il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni partikolari lill-mitigazzjoni ta' effetti negattivi kkaġunati mill-ispostament tal-attività tas-sajd għal żoni sensittivi oħrajn.

3. Fejn il-ħabitats imsemmija fil-paragrafu 1 jew ħabitats sensittivi oħra, inkluż ekosistemi tal-baħar vulnerabbli, jinstabu fl-ilmijiet taħt is-sovranità jew fil-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, dak l-Istat Membru jista' jistabbilixxi żoni magħluqa jew miżuri ta' konservazzjoni oħrajn sabiex jipproteġi dawn il-ħabitats, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Tali miżuri għandhom ikunu kompatibbli mal-objettivi tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u jkunu mill-anqas stretti daqs il-miżuri tad-dritt tal-Unjoni.

4. Il-miżuri adottati skont il-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jimmiraw sabiex jiksbu l-mira stipulata fil-punt (c) tal-Artikolu 4(1).

## TAQSIMA 4

### DAQSIJIET MINIMI TA' REFERENZA GĦALL-KONSERVAZZJONI

*Artikolu 13*

*Daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni*

1. Id-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni tal-ispeċijiet tal-baħar speċifikati fil-Parti A tal-Annessi V sa X ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw bil-għan li:

   (a) jiżguraw il-protezzjoni tal-ħut li għadu qed jikber ta' speċijiet tal-baħar skont l-Artikolu 15(11) u (12) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

   (b) jistabbilixxu żoni ta' rkupru ta' stokkijiet tal-ħut skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

   (c) jikkostitwixxu d-daqsijiet minimi għall-kummerċjalizzazzjoni skont l-Artikolu 47(2) tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1].

2. Id-daqs ta' speċijiet tal-baħar għandu jitkejjel f'konformità mal-Anness IV.

[1] Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' 11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1).

3. Fejn hemm aktar minn metodu wieħed ta' kejl ta' speċi tal-baħar, l-eżemplari ma għandux jitqies li huwa iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni jekk id-daqs li jitkejjel bi kwalunkwe wieħed minn dawn il-metodi huwa ugwali għal, jew akbar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni.

4. L-awwisti Ewropej, l-awwisti u l-molluski bivalvi u gasteropodi li jappartjenu għal xi speċi li għalihom hu stabbilit daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni fl-Annessi V, VI jew VII, jistgħu jinżammu abbord biss sħaħ u jistgħu jinħattu biss sħaħ.

## TAQSIMA 5

### MIŻURI BIEX JITNAQQAS L-ISKARTAR TA' QABDIET

*Artikolu 14*

*Proġetti pilota biex jiġu evitati l-qabdiet mhux intenzjonati*

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013,, l-Istati Membri jistgħu jwettqu proġetti pilota bil-għan li jesploraw metodi sabiex jevitaw, jimminimizzaw u jeliminaw il-qabdiet mhux intenzjonati. Dawn il-proġetti pilota għandhom jikkunsidraw l-opinjonijiet tal-Kunsilli Konsultattivi rilevanti, u jkunu bbażati fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli.

2. Fejn ir-riżultati ta' dawn l-istudji pilota jew parir xjentifiku ieħor jindikaw li l-qabdiet mhux intenzjonati huma sinifikanti, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jagħmlu ħilithom biexjistabbilixxu miżuri tekniċi li jnaqqsu dawk il-qabdiet mhux intenzjonati f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

# KAPITOLU III

# REĠJONALIZZAZZJONI

*Artikolu 15*

*Miżuri tekniċi reġjonali*

1. Miżuri tekniċi stabbiliti fil-livell reġjonali huma stipulati fl-Annessi li ġejjin:

(a) fl-Anness V għall-Baħar tat-Tramuntana;

(b) fl-Anness VI għall-Ilmijiet tal-Majjistral;

(c) fl-Anness VII għall-Ilmijiet tal-Lbiċ;

(d) fl-Anness VIII għall-Baħar Baltiku;

(e) fl-Anness IX għall-Baħar Mediterran;

(f) fl-Anness X għall-Baħar l-Iswed;

(g) fl-Anness XI għall-Ilmijiet tal-Unjoni fl-Oċean Indjan u fl-Atlantiku tal-Punent;

(h) fl-Anness XIII għal speċijiet sensittivi.

2. Sabiex jitqiesu l-ispeċifiċitajiet reġjonali tas-sajd rilevanti, il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 sabiex temenda, tissupplimenta, tħassar jew tidderoga mill-miżuri tekniċi stabbiliti fl-Annessi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, inkluż fl-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-kuntest tal-Artikolu 15(5) u (6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati abbażi ta' rakkomandazzjoni konġunta ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u f'konformità mal-Artikoli rilevanti tal-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament.

3. Għall-fini tal-adozzjoni ta' tali atti delegati, l-Istati Membri li għandhom interess dirett fil-ġestjoni jistgħu jressqu rakkomandazzjonijiet konġunti f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għall-ewwel darba sa mhux aktar tard minn 24 xahar u mbagħad 18-il xahar wara kull sottomissjoni tar-rapport imsemmi fl-Artikolu 31(1) ta' dan ir-Regolament. Huma jistgħu wkoll jissottomettu tali rakkomandazzjonijiet meta jqisu li jkunu meħtieġa.

4. Il-miżuri tekniċi adottati skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu:

(a) għandu jkollhom l-għan li jilħqu l-objettivi u l-miri stipulati fl-Artikoli 3 u 4 ta' dan ir-Regolament;

(b) għandu jkollhom l-għan li jilħqu l-objettivi u jikkonformaw mal-kondizzjonijiet stabbiliti f'atti rilevanti oħra tal-Unjoni adottati fil-qasam tal-PKS, b'mod partikolari fil-pjanijiet pluriennali msemmija fl-Artikoli 9 u 10 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(c) għandhom ikunu ggwidati mill-prinċipji ta' governanza tajba stipulati fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(d) għandhom bħala minimu jwasslu għal benefiċċji għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar li huma tal-inqas ekwivalenti b'mod partikolari f'termini ta' mudelli ta' sfruttament u l-livell ta' protezzjoni provdut għal speċijiet u ħabitats sensittivi, għall-miżuri msemmija fil-paragrafu 1. L-impatt potenzjali tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar għandu jiġi kkunsidrat ukoll.

5. L-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet relattivament għall-ispeċifikazzjonijiet għad-daqs tal-malja stipulati fl-Artikolu 27 u fil-Parti B tal-Annessi V sa XI ma għandhiex twassal għal deterjorazzjoni tal-istandards tas-selettività, b'mod partikolari f'termini ta' żieda fil-qabdiet ta' ħut li għadu qed jikber, eżistenti fi ... [d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u għandu jkollha l-għan li tilħaq l-objettivi u l-miri stipulati fl-Artikoli 3 u 4.

6. Fir-rakkomandazzjonijiet konġunti ppreżentati għall-fini tal-adozzjoni tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jipprovdu evidenza xjentifika biex jappoġġaw l-adozzjoni ta' dawn il-miżuri.

7. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-STECF jivvaluta r-rakkomandazzjonijiet konġunti msemmija fil-paragrafu 2.

*Artikolu 16*

*Selettività tal-irkaptu tas-sajd skont l-ispeċijiet u d-daqs*

Rakkomandazzjoni konġunta sottomessa għall-fini tal-adozzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 15(2) fir-rigward ta' karatteristiċi ta' selettività tal-irkaptu skont id-daqs u skont l-ispeċi għandha tipprovdi evidenza xjentifika li turi li dawk il-miżuri jirriżultaw f'karatteristiċi ta' selettività ekwivalenti għal speċijiet speċifiċi jew kombinazzjoni ta' speċijiet li tal-inqas ikunu ekwivalenti għall-karatteristiċi ta' selettività ta' rkaptu stabbiliti fil-Parti B tal-Annessi V sa X u fil-Parti A tal-Anness XI.

*Artikolu 17*

*Żoni magħluqin jew ristretti sabiex jipproteġu l-ħut li għadu qed jikber u l-ġlejjeb*

Rakkomandazzjoni konġunta ppreżentata għall-fini tal-adozzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 15(2) relattivament għall-Parti C tal-Annessi V sa VIII u X u l-Parti B tal-Anness XI jew biex jiġu stabbiliti żoni magħluqin jew ristretti ġodda għandha tinkludi l-elementi li ġejjin fir-rigward ta' dawn iż-żoni magħluqin jew ristretti:

(a) l-objettiv tal-għeluq;

(b) il-limitu ġeografiku u d-durata tal-għeluq;

(c) restrizzjonijiet fuq irkaptu speċifiku; u

(d) arranġamenti ta' kontroll u monitoraġġ.

*Artikolu 18*

*Daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni*

Rakkomandazzjoni konġunta ppreżentata għall-fini li jiġu adottati l-miżuri msemmija fl-Artikolu 15(2) fir-rigward tal-Parti A tal-Annessi V sa X għandha tirrispetta l-objettiv li tkun żgurata l-protezzjoni ta' speċijiet tal-baħar li jkunu għadhom qed jikbru.

*Artikolu 19*

*Żoni li jingħalqu f'ħin reali u dispożizzjonijiet dwar meta żona tinbidel*

1. Rakkomandazzjoni konġunta sottomessa bil-għan li tadotta l-miżuri msemmija fl-Artikolu 15 (2) fir-rigward tal-ħolqien ta' għeluq f'ħin reali bil-għan li tiżgura l-protezzjoni ta' speċijiet sensittivi jew ta' aggregazzjonijiet ta' ħut li għadhom qed jikbru, ħut riproduttivi jew frott tal-baħar bil-qoxra, għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

   (a) il-limitu ġeografiku u d-durata tal-għeluq;

   (b) l-ispeċijiet u l-livelli ta' limitu li jiskattaw l-għeluq;

   (c) l-użu ta' rkaptu selettiv ħafna li jippermetti l-aċċess għal żoni li kieku jkunu żoni magħluqin; u

   (d) arranġamenti ta' kontroll u monitoraġġ.

2. Rakkomandazzjoni konġunta ppreżentata għall-fini tal-adozzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 15(2), relattivament għal dispożizzjonijiet dwar meta ż-żona tinbidel, għandha tinkludi:

(a) l-ispeċijiet u l-livelli limitu li jiskattaw obbligu ta' bdil ta' żona;

(b) id-distanza li bastiment għandu jitbiegħed mill-pożizzjoni tas-sajd preċedenti tiegħu.

*Artikolu 20*

*Irkaptu innovattiv tas-sajd*

1. Rakkomandazzjoni konġunta ppreżentata għall-fini li jiġu adottati l-miżuri msemmija fl-Artikolu 15(2) relattivament għall-użu ta' rkaptu innovattiv tas-sajd, f'baċir tal-baħar speċifiku għandu jkun fih valutazzjoni tal-impatti probabbli tal-użu ta' tali rkapti fuq l-ispeċijiet immirati u fuq speċijiet u ħabitats sensittivi. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiġbru d-data xierqa meħtieġa għal din il-valutazzjoni.

2. L-użu ta' rkaptu innovattiv ma għandux ikun permess fejn il-valutazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jindikaw li l-użu tiegħu ser iwassal għal impatti negattivi sinifikanti fuq ħabitats sensittivi u speċijiet mhux fil-mira.

*Artikolu 21*

*Miżuri għall-konservazzjoni tan-natura*

Rakkomandazzjoni konġunta ppreżentata għall-fini li jiġu adottati l-miżuri msemmija fl-Artikolu 15(2), relattivament għall-protezzjoni ta' speċijiet u ħabitats sensittivi, tista', b'mod partikolari:

(a) tiżviluppa listi ta' speċijiet u ħabitats sensittivi li l-aktar huma f'riskju mill-attivitajiet tas-sajd fir-reġjun rilevanti abbażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli;

(b) tispeċifika l-użu ta' miżuri addizzjonali jew alternattivi għal dawk imsemmija fl-Anness XIII sabiex jimminimizzaw il-qabdiet aċċessorji tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikolu 11;

(c) tipprovdi informazzjoni dwar l-effettività ta' miżuri ta' mitigazzjoni eżistenti u arranġamenti ta' monitoraġġ;

(d) jispeċifikaw miżuri sabiex jimminimizzaw l-impatti tal-irkaptu fuq il-ħabitats sensittivi;

(e) jispeċifikaw ir-restrizzjonijiet fuq it-tħaddim ta' ċertu rkaptu jew jintroduċu projbizzjoni totali fuq l-użu ta' ċertu rkaptu f'żona fejn tali rkaptu jirrappreżenta theddida għall-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet f'dik iż-żona kif imsemmi fl-Artikoli 10 u 11 jew ħabitats sensittivi oħrajn.

*Artikolu 22*

*Miżuri reġjonali fil-qafas ta' pjanijiet temporanji ta' skartar ta' qabdiet*

1. Meta l-Istati Membri jissottomettu rakkomandazzjonijiet konġunti għall-istabbiliment ta' miżuri tekniċi fil-pjanijiet temporanji ta' skartar ta' qabdiet imsemmija fl-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, dawk ir-rakkomandazzjonijiet jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn, l-elementi li ġejjin:

   (a) speċifikazzjonijiet dwar l-irkaptu u r-regoli li jirregolaw l-użu tiegħu;

   (b) speċifikazzjonijiet dwar il-modifiki ta' rkaptu jew dwar l-użu ta' apparat selettiv sabiex tittejjeb is-selettività tad-daqs jew l-ispeċi;

   (c) restrizzjonijiet jew projbizzjonijiet fuq l-użu ta' ċertu rkaptu, u fuq attivitajiet tas-sajd, f'ċerti żoni jew matul ċerti perijodi;

   (d) daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni;

   (e) derogi approvati skont l-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

2. Il-miżuri msemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jimmiraw li jilħqu l-objettivi stipulati fl-Artikolu 3 u b'mod partikolari dawk dwar il-protezzjoni ta' ħut li għadhom qed jikbru jew aggregazzjonijiet riproduttivi ta' ħut jew frott tal-baħar bil-qoxra.

*Artikolu 23*

*Proġetti pilota dwar dokumentazzjoni sħiħa tal-qabdiet u tal-qbid skartat*

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, li jissupplimentaw dan ir-Regolament permezz ta' definizzjoni ta' proġetti pilota li jiżviluppaw sistema ta' dokumentazzjoni sħiħa tal-qabdiet u l-qbid skartat abbażi ta' objettivi u miri li jistgħu jitkejlu, bil-għan ta' ġestjoni bbażata fuq ir-riżultati tas-sajd.

2. Il-proġetti pilota msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jidderogaw mill-miżuri stabbiliti fil-Parti B tal-Annessi V sa XI għal żona speċifika u għal perijodu massimu ta' sena, sakemm ikun jista' jintwera li tali proġetti pilota jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi u l-miri stipulati fl-Artikoli 3 u 4, b'mod partikolari, jimmiraw li jtejbu s-selettività tal-irkaptu tas-sajd jew il-prattika kkonċernata jew inkella jnaqqsu l-impatt tiegħu fuq l-ambjent. Dak il-perijodu ta' sena jista' jiġi estiż b'sena addizzjonali taħt l-istess kondizzjonijiet. Dan għandu jkun limitat għal mhux aktar minn 5 % tal-bastimenti f'dak il-mestier għal kull Stat Membru.

3. Fejn l-Istati Membri jibagħtu rakkomandazzjonijiet konġunti għall-istabbiliment ta' proġetti pilota kif imsemmi fil-paragrafu 1, għandhom jipprovdu evidenza xjentifika sabiex jappoġġaw l-adozzjoni tagħhom. L-STECF għandu jevalwa dawn ir-rakkomandazzjonijiet konġunti u dik il-valutazzjoni jagħmilha pubblika. Fi żmien sitt xhur mill-konklużjoni tal-proġett, l-Istati Membri għandhom jissottomettu rapport lill-Kummissjoni dwar ir-riżultati, inkluż valutazzjoni dettaljata tat-tibdil fis-selettività u impatti ambjentali oħrajn.

4. L-STECF għandu jevalwa r-rapport imsemmi fil-paragrafu 3. F'każ ta' valutazzjoni pożittiva tal-kontribuzzjoni tal-irkaptu l-ġdid jew il-prattika l-ġdida għall-objettiv imsemmi fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta f'konformità mat-TFUE biex tippermetti l-użu ġeneralizzat ta' dak l-irkaptu jew dik il-prattika. Il-valutazzjoni tal-STECF għandha ssir pubblika.

5. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 29 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jiddefinixxu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' sistema għal dokumentazzjoni sħiħa ta' qabdiet u rimi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 24*

*Atti ta' Implimentazzjoni*

1. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu dan li ġej:

(a) l-ispeċifikazzjonijiet tat-tagħmir ta' għażla mwaħħal mal-irkaptu stipulat fil-Parti B tal-Annessi V sa IX;

(b) regoli dettaljati dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-irkaptu deskritti fil-Parti D tal-Anness V relattivament għal restrizzjonijiet fuq il-kostruzzjoni ta' rkaptu u l-miżuri ta' kontroll u monitoraġġ li ser jiġu adottati mill-Istat Membru tal-bandiera;

(c) regoli dettaljati dwar il-miżuri ta' kontroll u monitoraġġ li ser jiġu adottati mill-Istat Membru tal-bandiera meta jintuża l-irkaptu msemmi fil-punt 6 tal-Parti C tal-Anness V, fil-punt 9 tal-Parti C tal-Anness VI u fil-punt 4 tal-Parti C tal-Anness VII;

(d) regoli dettaljati dwar il-miżuri ta' kontroll u ta' monitoraġġ li jkunu ser jiġu adottati għaż-żoni magħluqin jew ristretti deskritti fil-punt 2 tal-Parti C tal-Anness V, u fil-punti 6 u 7 tal-Parti C tal-Anness VI;

(e) regoli dettaljati dwar il-karatteristiċi tas-sinjal u tal-implimentazzjoni ta' apparat akustiku deterrenti kif imsemmi fil-Part A tal-Anness XIII;

(f) regoli dettaljati dwar id-disinn u l-użu ta' lettijiet bin-naffara u linji mtaqqla kif imsemmi fil-Parti B tal-Anness XIII;

(g) regoli dettaljati dwar l-ispeċifikazzjonijiet għall-apparat għall-esklużjoni tal-fkieren tal-baħar imsemmi fil-Parti C tal-Anness XIII.

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 30(2).

# KAPITOLU IV

# RIĊERKA XJENTIFIKA, RIPOPOLAZZJONI DIRETTA U TRAPJANTAR

*Artikolu 25*

*Riċerka xjentifika*

1. Il-miżuri tekniċi previsti f'dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw għal attivitajiet tas-sajd li jitwettqu għall-fini ta' investigazzjonijiet xjentifiċi soġġetti għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-attivitajiet tas-sajd għandhom jitwettqu bil-permess u taħt l-awtorità tal-Istat Membru tal-bandiera;

(b) il-Kummissjoni u l-Istat Membru li fl-ilmijiet taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tiegħu jitwettqu l-attivitajiet tas-sajd ("l-Istat Membru tal-kosta"), għandhom jiġu infurmati tal-anqas ġimagħtejn qabel, bl-intenzjoni li jkunu ser jitwettqu attivitajiet tas-sajd bħal dawn, u għandhom jiġu inklużi dettalji dwar il-bastimenti involuti u l-investigazzjonijiet xjentifiċi li jkunu ser isiru;

(c) il-bastiment jew bastimenti li jwettqu l-attivitajiet tas-sajd għandu jkollhom awtorizzazzjoni għas-sajd f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(d) jekk issir talba mill-Istat Membru tal-kosta lill-Istat Membru tal-bandiera, il-kaptan tal-bastiment għandu jintalab itella' abbord osservatur mill-Istat Membru tal-kosta waqt l-attivitajiet tas-sajd, sakemm dan ma jkunx impossibbli għal raġunijiet ta' sigurtà;

(e) operazzjonijiet ta' sajd imwettqa minn bastimenti kummerċjali għall-finijiet ta' investigazzjoni xjentifika għandhom ikunu limitati fiż-żmien. Meta l-operazzjonijiet tas-sajd imwettqa minn bastimenti kummerċjali għal riċerka speċifika jinvolvu aktar minn sitt bastiment kummerċjali, il-Kummissjoni għandha tkun infurmata mill-Istat Membru tal-bandiera mill-inqas tliet xhur bil-quddiem u għandha tfittex, fejn ikun xieraq, il-parir tal-STECF biex tikkonferma li dan il-livell ta' parteċipazzjoni huwa ġustifikat fuq il-bażi ta' raġunijiet xjentifiċi; jekk il-livell ta' parteċipazzjoni mhux ikkunsidrat ġustifikat abbażi tal-parir tas-STECF, l-Istat Membru kkonċernat għandu jemenda l-kundizzjonijiet ta' riċerka xjentifika kif xieraq;

(f) fil-każ ta' tkarkir bl-impulsi elettriċi, il-bastimenti li jwettqu riċerka xjentifika għandhom isegwu protokoll xjentifiku speċifiku bħala parti minn pjan ta' riċerka xjentifika li ġiet riveduta jew ivvalidata mill-ICES jew mill-STECF, kif ukoll sistema għall-monitoraġġ, il-kontroll u l-evalwazzjoni.

2. L-ispeċijiet tal-baħar li jinqabdu għall-finijiet speċifikati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jistgħu jinbiegħu, jinħażnu, jintwerew jew jiġu offruti għall-bejgħ, dment li jingħaddu skont il-kwoti f'konformità mal-Artikolu 33(6) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 fejn applikabbli, u:

(a) jilħqu d-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni stipulati fl-Annessi IV sa X ta' dan ir-Regolament; jew

(b) jinbiegħu għal finijiet li mhumiex dawk tal-konsum dirett mill-bniedem.

*Artikolu 26*

*Ripopolazzjoni diretta u trapjantar*

1. Il-miżuri tekniċi previsti f'dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw għal attivitajiet tas-sajd li jitwettqu biss bil-għan tar-ripopolazzjoni diretta jew it-trapjantar ta' speċijiet tal-baħar, dment li dawk l-attivitajiet isiru bil-permess u taħt l-awtorità tal-Istat Membru jew l-Istati Membri li jkollhom interess dirett b'rabta mal-ġestjoni.

2. Meta r-ripopolazzjoni diretta jew it-trapjantar artifiċjali jsir fl-ilmijiet ta' Stat Membru ieħor jew Stati Membri oħrajn, il-Kummissjoni u dawk l-Istati Membri kollha għandhom ikunu informati, mill-anqas 20 jum kalendarju minn qabel, bl-intenzjoni li jitwettqu dawn l-attivitajiet tas-sajd.

# KAPITOLU V

# KONDIZZJONIJIET RELATTIVI GĦALL-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET GĦAD-DAQS TAL-MALJA

*Artikolu 27*

*Kondizzjonijiet relattivi għall-ispeċifikazzjonijiet għad-daqs tal-malja*

1. Il-persentaġġi tal-qabdiet imsemmija fl-Annessi V sa VIII għandhom ifissru l-persentaġġ minimu ta' speċijiet permessi biex jikkwalifika għad-daqsijiet speċifiċi tal-malja stipulati f'dawk l-Annessi. Dawn il-persentaġġi għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-obbligu li l-qabdiet jinħattu l-art li jinsab fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

2. Il-persentaġġi tal-qabdiet għandhom jiġu kkalkulati bħala l-proporzjon tal-piż ħaj tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar kollha li jkunu nħattu l-art wara kull vjaġġ tas-sajd.

3. Il-persentaġġi tal-qabdiet imsemmija fil-paragrafu 2 jistgħu jiġu kkalkulati abbażi ta' kampjun rappreżentattiv wieħed jew aktar.

4. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, il-piż ekwivalenti ta' skampu sħiħ għandu jinkiseb billi l-piż tad-dnieb tal-iskampu jiġi mmultiplikat bi tlieta.

5. L-Istati Membri jistgħu joħorġu awtorizzazzjonijiet tas-sajd f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 għal bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom meta jkunu qegħdin iwettqu attivitajiet tas-sajd filwaqt li jużaw il-malji ta' daqsijiet speċifiċi previsti fl-Annessi V sa XI. Tali awtorizzazzjonijiet jistgħu jiġu sospiżi jew irtirati meta jkun instab li bastiment ma jkunx ikkonforma mal-persentaġġi definiti tal-qabdiet previsti fl-Annessi V sa VIII.

6. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

7. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 15 u f'konformità mal-Artikolu 29 sabiex tkompli tiddefinixxi t-terminu "sajd dirett" għal speċijiet rilevanti fil-Parti B tal-Annessi V sa X u l-Parti A tal-Anness XI. Għal dan l-għan, l-Istati Membri li jkollhom interess dirett b'rabta mal-ġestjoni fil-qasam tas-sajd ikkonċernat għandhom jippreżentaw kwalunkwe rakkomandazzjoni konġunta għall-ewwel darba sa mhux aktar tard minn ... [12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

# KAPITOLU VI

# MIŻURI TEKNIĊI FIŻ-ŻONA REGOLATORJA TAN-NEAFC

*Artikolu 28*

*Miżuri tekniċi fiż-żona regolatorja tan-NEAFC*

Fl-Anness XII jinsabu stabbiliti miżuri tekniċi applikabbli fiż-żona regolatorja tan-NEAFC.

# KAPITOLU VII

# DISPOŻIZZJONIJIET PROĊEDURALI

*Artikolu 29*

*Eżerċizzju tad-delega*

1. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 2(2), l-Artikolu 8(3), l-Artikolu 10(4), l-Artikolu 12(2), l-Artikolu 15(2), l-Artikolu 23(1) u (5), l-Artikolu 27(7) u l-Artikolu 31(4) għal perijodu ta' ħames snin minn ...[id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa sa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni sa mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 2(2), l-Artikolu 8(3), l-Artikolu 10(4), l-Artikolu 12(2), l-Artikolu 15(2), l-Artikolu 23(1) u (5), l-Artikolu 27(7) u l-Artikolu 31(4) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti deżinjati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-istess ħin.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 2(2), l-Artikolu 8(3), l-Artikolu 10(4), l-Artikolu 12(2), l-Artikolu 15(2), l-Artikolu 23(1) u (5), l-Artikolu 27(7) u l-Artikolu 31(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 30*

*Proċedura ta' Kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura stabbilit mill-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 182/2011.

# KAPITOLU VIII
# DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 31*

*Rieżami u rappurtar*

1. Sal-31 ta' Diċembru 2020 u kull tliet snin minn hemm 'il quddiem, u abbażi tal-informazzjoni pprovduta minn Stati Membri u l-Kunsilli Konsultattivi rilevanti u wara evalwazzjoni mill-STECF, il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dak ir-rapport għandu jivvaluta sa fejn il-miżuri tekniċi, fil-livell reġjonali kif ukoll fil-livell tal-Unjoni, ikkontribwixxew biex jintlaħqu l-objettivi stipulati fl-Artikolu 3 u biex jintlaħqu l-miri stipulati fl-Artikolu 4. Ir-rapport għandu jirreferi wkoll għall-parir mill-ICES dwar il-progress li sar, jew l-impatt li jirriżulta mill-irkaptu innovattiv. Ir-rapport għandu jasal għal konklużjonijiet rigward il-benefiċċji għal, jew l-effetti negattivi fuq, l-ekosistemi tal-baħar, il-ħabitats sensittivi u s-selettività.

2. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jinkludi, fost l-oħrajn, valutazzjoni tal-kontribut tal-miżuri tekniċi biex jiġu ottimizzati l-mudelli ta' sfruttament, kif previst fil-punt (a) tal-Artikolu 3(2). Għal dak l-għan, ir-rapport jista' jinkludi, fost l-oħrajn, bħala indikatur tal-prestazzjoni ta' selettività għall-istokkijiet indikaturi ewlenin għall-ispeċijiet elenkati fl-Anness XIV, it-tul ta' selettività ottimali (Lopt) imqabbel mat-tul medju tal-ħut li jinqabad għal kull sena koperta.

3. Abbażi ta' dak ir-rapport, fejn fil-livell reġjonali jkun hemm evidenza li l-objettivi u l-miri ma ntlaħqux, l-Istati Membri f'dak ir-reġjun għandhom, fi żmien tnax-il xahar wara li jkun ġie ppreżentat ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1, jippreżentaw pjan li jistipula l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu bħala kontribut biex jinkisbu dawk l-objettivi u l-miri.

4. Il-Kummissjoni tista' tipproponi wkoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kwalunkwe emenda meħtieġa għal dan ir-Regolament abbażi ta' dak ir-rapport. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15 u f'konformità mal-Artikolu 29 sabiex temenda l-lista ta' speċijiet stabbilita fl-Anness XIV.

*Artikolu 32*

*Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1967/2006*

Ir-Regolament (KE) Nru 1967/2006 huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassru l-Artikoli 3, 8 sa 12, 14, 15, 16 u 25;

(b) jitħassru l-Annessi II, III u IV.

Ir-referenzi għall-Artikoli u l-Annessi mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 33*

*Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1224/2009*

Fil-Kapitolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, it-Titolu IV huwa emendat kif ġej:

(a) titħassar it-Taqsima 3;

(b) tiżdied it-Taqsima li ġejja:

'Taqsima 4
Ipproċessar Abbord u Sajd Pelaġiku

*Artikolu 54a*
*Ipproċessar abbord*

1. It-twettiq abbord bastiment tas-sajd ta' kwalunkwe pproċessar fiżiku jew kimiku ta' ħut sabiex ikun prodott frakass tal-fdal tal-ħut, żejt tal-ħut, jew prodotti simili, jew biex ikunu trasferiti qabdiet ta' ħut għal tali għanijiet għandu jkun ipprojbit.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika:

(a) għall-ipproċessar jew it-trasbord tal-ġewwieni tal-ħut; jew

(b) għall-produzzjoni ta' surimi abbord bastiment tas-sajd.

*Artikolu 54b*

*Restrizzjonijiet fuq il-ġestjoni tal-qabdiet u r-rimi lura tal-ħut fuq bastimenti pelaġiċi*

1. L-ispazju massimu bejn il-vireg fis-separatur tal-ilma abbord bastimenti tas-sajd pelaġiku li jistadu għall-kavalli, l-aringi u s-sawrell u li joperaw fiż-Żona tal-Konvenzjoni tan-NEAFC hekk kif definit fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010 għandu jkun 10 mm.

   Il-vireg għandhom jiġu wweldjati f'posthom. Jekk fis-separatur tal-ilma jintużaw toqob minflok vireg, id-dijametru massimu tat-toqob ma għandux ikun aktar minn 10 mm. It-toqob fiż-żrieraq li jkunu quddiem is-separatur tal-ilma ma għandux ikollhom dijametru ta' aktar minn 15-il mm.

2. Il-bastimenti tas-sajd pelaġiku li joperaw fiż-Żona tal-Konvenzjoni tan-NEAFC m'għandhom ikunu jistgħu jarmu l-ħut taħt il-livell tal-ilma tagħhom minn tankijiet li jarmu bil-mod (buffer tanks) jew minn tankijiet għall-ilma baħar imkessaħ (refrigerated seawater - RSW).

3. Il-pjanijiet marbuta mal-ġestjoni tal-qabdiet u mal-kapaċitajiet ta' rimi lura ta' ħut tal-bastimenti pelaġiċi li jistadu għall-kavalli, l-aringi u s-sawrell fiż-Żona ta' Konvenzjoni tan-NEAFC, u li huma ċertifikati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-bandiera, kif ukoll kwalunkwe modifika li ssirilhom għandhom jintbagħtu mill-kaptan tal-bastiment lill-awtoritajiet kompetenti tas-sajd tal-Istat Membru tal-bandiera. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tal-bastimenti għandhom iwettqu verifiki perjodiċi tal-livell ta' preċiżjoni tal-pjanijiet ippreżentati. Fuq il-bastiment għandha dejjem tinżamm kopja tagħhom.

*Artikolu 54c*

*Restrizzjonijiet fuq l-użu ta' tagħmir ta' għażla awtomatiku*

1. Iż-żamma jew l-użu abbord ta' bastiment tas-sajd ta' tagħmir li jkun jista jagħżel awtomatikament aringi jew sawrell jew kavalli, skont id-daqs jew skont is-sess, għandu jkun ipprojbit.

2. Madanakollu, il-ġarr u l-użu ta' tali tagħmir għandu jkun permess jekk:

   (a) il-bastiment ma jġorrx jew ma jużax abbord fl-istess ħin irkaptu rmunkat b'daqs tal-malja ta' inqas minn 70 mm jew tartarun tal-borża waħda jew aktar jew irkaptu tas-sajd simili; jew

   (b) il-qabda sħiħa li tista' tinżamm abbord legalment:

      (i) tinħażen fi stat iffriżat;

      (ii) il-ħut magħżul huwa ffriżat minnufih wara li jintgħażel u ebda mill-ħut li ma jkunx intgħażel ma jintefa' lura l-baħar; u

      (iii) it-tagħmir ikun installat u jinsab fuq il-bastiment b'tali mod li jiżgura l-iffriżar minnufih tal-ħut u ma jippermettix it-tfigħ lura l-baħar tal-ispeċijiet tal-baħar.

3. Permezz ta' deroga mill-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, kwalunkwe bastiment awtorizzat li jistad fil-Baħar Baltiku, fil-Belts jew fis-Sound jista' jġorr tagħmir ta' għażla awtomatiku fil-Kattegat dment li tkun inħarġet awtorizzazzjoni għas-sajd skont l-Artikolu 7. L-awtorizzazzjoni għas-sajd għandha tiddefinixxi l-ispeċijiet, iż-żoni, il-perijodi ta' żmien u kull kondizzjoni oħra applikabbli meħtieġa għall-użu u l-ġarr abbord tat-tagħmir ta' għażla.

4. Dan l-Artikolu ma għandux japplika fil-Baħar Baltiku.’.

*Artikolu 34*

*Emenda għar-Regolament (UE) Nru 1380/2013*

Fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-paragrafu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘12. Għall-ispeċijiet li mhumiex soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art kif speċifikat fil-paragrafu 1, il-qabdiet ta' speċijiet taħt id-daqs ta' referenza minimu għall-konservazzjoni ma għandhomx jinżammu abbord, iżda għandhom jiġu rritornati fil-baħar minnufih, ħlief meta jintużaw bħala lixka ħajja.’.

*Artikolu 35*

*Emendi għar-Regolament (UE) 2016/1139*

Fir-Regolament (UE) 2016/1139, l-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

'1. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament u f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward tal-miżuri tekniċi li ġejjin, sa fejn ma jkunux koperti mir-Regolament (UE) 2019/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*+;

______________

* Regolament (UE) 2019/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/ ….++ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU ...).';

______________

\+ ĠU: daħħal fit-test in-numru ta' dan ir-Regolament u daħħal in-numru u r-referenza tal-ĠU għal dan ir-Regolament fin-nota tal-qiegħ.

++ ĠU: daħħal in-numru tar-Regolament adottat fil-proċedura 2018/0050(COD) (MAP tal-Punent tal-Mediterran).

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament u għandhom ikunu konformi mal-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) 2019/…[+].'.

[+] ĠU: daħħal in-numru ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 36*

*Emendi għar-Regolament (UE) 2018/973*

Fir-Regolament (UE) 2018/973, l-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

‘1. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament u f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 biex tissupplimenta dan ir-Regolament fir-rigward tal-miżuri tekniċi li ġejjin, sa fejn ma jkunux koperti mir-Regolament (UE) 2019/…tal-Parlament Ewropoew u tal-Kunsill*[+];

---

* Regolament (UE) 2019/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/ …[++] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU ...).’;

---

[+] ĠU: daħħal fit-test in-numru ta’ dan ir-Regolament u daħħal in-numru u r-referenza tal-ĠU għal dan ir-Regolament fin-nota tal-qiegħ.

[++] ĠU: daħħal in-numru tar-Regolament adottat fil-proċedura 2018/0050(COD) (MAP tal-Punent tal-Mediterran).

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta’ dan ir-Regolament u għandhom ikunu konformi mal-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) 2019/…[+].’.

[+] ĠU: daħħal in-numru ta’ dan ir-Regolament.

*Artikolu 37*

*Emendi għar-Regolament (UE) 2019/472*

Fir-Regolament (UE) 2019/472, l-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

'1 Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament u f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 biex tissupplimenta dan ir-Regolament fir-rigward tal-miżuri tekniċi li ġejjin, sa fejn ma jkunux koperti mir-Regolament (UE) 2019/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*[+]:

---

* Regolament (UE) 2019/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' …+ dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/ …[++] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU ...).';

---

[+] ĠU: daħħal fit-test in-numru ta' dan ir-Regolament u daħħal in-numru u r-referenza tal-ĠU għal dan ir-Regolament fin-nota tal-qiegħ.

[++] ĠU: daħħal in-numru tar-Regolament adottat fil-proċedura 2018/0050(COD) (MAP tal-Punent tal-Mediterran).

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta’ dan ir-Regolament u għandhom ikunu konformi mal-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) 2019/…[+].’.

[+] ĠU: daħħal in-numru ta’ dan ir-Regolament.

*Artikolu 38*

*Emendi għar-Regolament (UE) Nru 2019/...+*

Fir-Regolament (UE) 2019/ ...+, l-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1, il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

‘1. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament u f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 biex tissupplimenta dan ir-Regolament fir-rigward tal-miżuri tekniċi li ġejjin, sa fejn ma jkunux koperti mir-Regolament (UE) 2019/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*++:

______________

* Regolament (UE) 2019/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' …dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/ …+ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU ...).’;

______________

+ ĠU: daħħal in-numru tar-Regolament adottat fil-proċedura 2018/0050(COD) (MAP tal-Punent tal-Mediterran).

++ ĠU: daħħal fit-test in-numru ta’ dan ir-Regolament u daħħal in-numru u r-referenza tal-ĠU għal dan ir-Regolament fin-nota tal-qiegħ.

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta’ dan ir-Regolament u għandhom ikunu konformi mal-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) 2019/…. +.’.

*Artikolu 39*

*Tħassir*

Ir-Regolamenti (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 huma mħassra.

Ir-referenzi għar-Regolamenti mħassra għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

+ ĠU: daħħal in-numru ta’ dan ir-Regolament.

*Artikolu 40*

*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

# ANNESS I

SPEĊIJIET IPPROJBITI

Speċijiet li għalihom hemm il-projbizzjoni tas-sajd, iż-żamma abbord, it-trasbord, il-ħatt l-art, il-ħżin, il-bejgħ, il-wiri jew l-offerta għall-bejgħ, kif imsemmi fl-Artikolu 10(2):

(a) l-ispeċijiet li ġejjin ta' pixxisega fl-ilmijiet kollha tal-Unjoni:

  (i) il-pixxisega rqiqa (*Anoxypristis cuspidata*);

  (ii) il-pixxisega nana (*Pristis clavata*);

  (iii) il-pixxiserrieq (*Pristis pectinata*);

  (iv) il-pixxisega komuni (*Pristis pristis*);

  (v) il-pixxisega ħadra (*Pristis zijsron*);

(b) il-gabdoll (*Cetorhinus maximus*) u l-kelb il-baħar abjad (Carcharodon carcharias) fl-ilmijiet kollha;

(c) il-mazzola tal-fanal minuri (*Etmopterus pusillus*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u tas-subżona IV tal-ICES, kif ukoll fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 1, 5, 6, 7, 8, 12 u 14 tal-ICES;

(d) ir-rajja manta tal-iskoll (*Manta alfredi*) fl-ilmijiet kollha tal-Unjoni;

(e) il-manta ġiganta (*Manta birostris*) fl-ilmijiet kollha tal-Unjoni;

(f) l-ispeċijiet li ġejjin ta' raj tal-qrun fl-ilmijiet kollha tal-Unjoni:

(i) il-baqra (*Mobula mobular*);

(ii) ir-raja tal-qrun minuri tal-Guinea (*Mobula rochebrunei*);

(iii) il-mobula denbha xewka (*Mobula japanica*);

(iv) il-mobula denbha lixx (*Mobula thurstoni*);

(v) il-mobula qrunha twal (*Mobula eregoodootenkee*);

(vi) ir-raja tal-qrun ta' Munk (*Mobula munkiana*);

(vii) ir-raja tal-qrun taċ-Ċilì (*Mobula tarapacana*);

(viii) ir-raja tal-qrun tal-ġewnaħ qasir (*Mobula kuhlii*);

(ix) ir-raja tal-qrun minuri (*Mobula hypostoma*);

(g) ir-raja tan-Norveġja (*Raja (Dipturus) nidarosiensis*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjonijiet 6a, 6b, 7a, 7b, 7c, 7e, 7f, 7g, 7h u 7k; tal-ICES;

(h) il-ħamiema (*Raja alba*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 6–10;

(i) il-guitarfishes (*Rhinobatidae*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 1–10 u 12 tal-ICES;

(j) l-ixkatlu komuni (*Squatina squatina*) fl-ilmijiet kollha tal-Unjoni;

(k) is-salamun (*Salmo salar*) u t-trota tal-baħar (Salmo trutta) meta s-sajd isir bi kwalunkwe xibka rmunkata fl-ilmijiet 'il barra mil-limitu ta' sitt mili mkejjel mil-linji bażi tal-Istati Membri fis-subżoni 1, 2 u 4–10 tal-ICES (ilmijiet tal-Unjoni);

(l) houting (*Coregonus oxyrhynchus*) fid-diviżjoni 4b tal-ICES (ilmijiet tal-Unjoni);

(m) storjun tal-Adrijatiku (*Acipenser naccarii*) u storjun komuni (*Acipenser sturio*) fl-ilmijiet tal-Unjoni;

(n) l-awwista u l-awwista Ewropea, ta' sess femminili mimlija bil-bajd (*Palinurus* spp. u *Homarus gammarus)* fil-Baħar Mediterran ħlief meta użati għal skopijiet ta' ripopolazzjoni diretta jew trapjantar;

(o) id-date shell (*Lithophaga lithophaga*), nakkra tal-ħarira (*Pinna nobilis*) u l-folas komuni (*Pholas dactylus*) f'ilmijiet tal-Unjoni fil-Baħar Mediterran;

(p) rizza tax-xewk twal (*Centrostephanus longispinus*).

**ANNESS II**

ŻONI MAGĦLUQIN GĦALL-PROTEZZJONI TA' ĦABITATS SENSITTIVI

Għall-finijiet tal-Artikolu 12, ir-restrizzjonijiet li ġejjin fuq l-attività tas-sajd huma applikabbli fiż-żoni magħluqin billi jingħaqdu sekwenzjalment mal-linji rombu l-koordinati li ġejjin, li għandhom ikunu imkejla skont is-sistema WGS84:

Parti A
Ilmijiet tal-Majjistral

1. Għandu jkun ipprojbit li jintużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ jew xbieki rmunkati simili, għażel tal-qiegħ, xbieki tat-tħabbil jew pariti u konzijiet tal-qiegħ ġewwa ż-żoni li ġejjin:

Il-Provinċja tal-Belgica Mound:

– 51°29.4' N, 11°51.6' W

– 51°32.4' N, 11°41.4' W

– 51°15.6' N, 11°33.0' W

– 51°13.8' N, 11°44.4' W

– 51°29.4' N, 11°51.6' W

Il-Provinċja tal-Hovland Mound:

– 52°16.2' N, 13°12.6' W

– 52°24.0' N, 12°58.2' W

– 52°16.8' N, 12°54.0' W

– 52°16.8' N, 12°29.4' W

– 52°04.2' N, 12°29.4' W

– 52°04.2' N, 12°52.8' W

– 52°09.0' N, 12°56.4' W

– 52°09.0' N, 13°10.8' W

– 52°16.2' N, 13°12.6' W

Il-Majjistral tal-Porcupine Bank iż-Żona I:

– 53°30.6' N, 14°32.4' W

– 53°35.4' N, 14°27.6' W

– 53°40.8' N, 14°15.6' W

– 53°34.2' N, 14°11.4' W

– 53°31.8' N, 14°14.4' W

– 53°24.0' N, 14°28.8' W

– 53°30.6' N, 14°32.4' W

Il-Majjistral tal-Porcupine Bank iż-Żona II:

– 53°43.2' N, 14°10.8' W

– 53°51.6' N, 13°53.4' W

– 53°45.6' N, 13°49.8' W

– 53°36.6' N, 14°07.2' W

– 53°43.2' N, 14°10.8' W

Il-Lbiċ tal-Porcupine Bank:

– 51°54.6' N, 15°07.2' W

– 51°54.6' N, 14°55.2' W

– 51°42.0' N, 14°55.2' W

– 51°42.0' N, 15°10.2' W

– 51°49.2' N, 15°06.0' W

– 51°54.6' N, 15°07.2' W

2. Il-bastimenti tas-sajd pelaġiku li jistadu fiż-żoni kif deskritt fil-punt 1 għandhom:

– ikunu fuq lista ta' bastimenti awtorizzati u tinħarġilhom awtorizzazzjoni għas-sajd skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

– iġorru abbord esklużivament irkaptu pelaġiku;

– jagħtu notifika erba' sigħat minn qabel bl-intenzjoni tagħhom li jidħlu f'żona għall-protezzjoni ta' ħabitats tal-baħar fond vulnerabbli liċ-Ċentru tal-Monitoraġġ tas-Sajd Irlandiż (ĊMS) kif definit fil-punt 15 tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u fl-istess waqt jinnotifikaw dwar il-kwantitajiet ta' ħut miżmuma abbord;

– ikollhom Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti (VMS) sikura u li taħdem għalkollox, li tikkonforma bis-sħiħ mar-regoli rispettivi meta preżenti fi kwalunkwe waħda miż-żoni deskritti fil-punt 1;

– jagħmlu rapporti tal-VMS kull siegħa;

– jinformaw liċ-ĊMS Irlandiż bit-tluq tagħhom miż-żona u fl-istess ħin jinnotifikaw dwar il-kwantità ta' ħut miżmuma abbord; u

– ikollhom abbord xbieki tat-tkarkir b'daqs tal-malja tal-manka bejn 16-79 mm.

3. Għandu jkun ipprojbit li jintużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ jew xbieki rmunkati simili fiż-żoni li ġejjin:

Darwin Mounds:

– 59°54' N, 6°55' W

– 59°47' N, 6°47' W

– 59°37' N, 6°47' W

– 59°37' N, 7°39' W

– 59°45' N, 7°39' W

– 59°54' N, 7°25' W

Parti B

Ilmijiet tal-Lbiċ

1. El Cachucho

1.1. Għandu jkun ipprojbit li jintużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, għeżul tal-qiegħ, xbieki tat-tħabbil jew pariti u konzijiet tal-qiegħ ġewwa ż-żoni li ġejjin:

– 44°12' N, 5°16' W

– 44°12' N, 4°26' W

– 43°53' N, 4°26' W

– 43°53' N, 5°16' W

– 44°12' N, 5°16' W

1.2. Bastimenti li wettqu attivitajiet ta' sajd dirett b'konzijiet tal-qiegħ fl-2006, l-2007 u l-2008 għal-lipp abjad (*Phycis blennoides*) jistgħu jibqgħu jistadu fiż-żona fin-Nofsinhar ta' 44°00.00' N dment li jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd maħruġa skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

1.3. Il-bastimenti kollha li kisbu din l-awtorizzazzjoni tas-sajd għandhom, irrispettivament mit-tul totali tagħhom, ikollhom fl-użu tagħhom VMS sikura, operattiva, li taħdem għalkollox u li tikkonforma mar-regoli rispettivi, meta wettqu attivitajiet ta' sajd fiż-żona deskritta fil-punt 1.1.

2. Madeira u l-Gżejjer Kanarji

Għandu jkun ipprojbit li jintużaw għeżul tal-qiegħ, xbieki tat-tħabbil u pariti f'fond ta' iktar minn 200 m jew xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ jew irkaptu rmunkat simili fiż-żoni li ġejjin:

– 27°00' N, 19°00' W

– 26°00' N, 15°00' W

– 29°00' N, 13°00' W

– 36°00' N, 13°00' W

– 36°00' N, 19°00' W

3. L-Azores

Għandu jkun ipprojbit li jintużaw għeżul tal-qiegħ, xbieki tat-tħabbil u pariti f'fond ta' iktar minn 200 m jew xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ jew irkaptu rmunkat simili fiż-żoni li ġejjin:

– 36°00' N, 23°00' W

– 39°00' N, 23°00' W

– 42°00' N, 26°00' W

– 42°00' N, 31°00' W

– 39°00' N, 34°00' W

– 36°00' N, 34°00' W

**ANNESS III**

LISTA TA' SPEĊIJIET LI L-QABDA TAGĦHOM
BL-GĦAŻEL TAT-TISQIF HIJA PPROJBITA

– Alonga: *Thunnus alalunga*

– Tonn: *Thunnus thynnus*

– Tonn obeż: *Thunnus obesus*

– Palamit: *Katsuwonus pelamis*

– Plamtu: *Sarda sarda*

– Tonn isfar: *Thunnus albacares*

– Tonn iswed: *Thunnus atlanticus*

– Kubrit: *Euthynnus* spp.

– Tonn tan-Nofsinhar: *Thunnus maccoyii*

– Tumbrell: *Auxis* spp.

– Abramida tal-oċean: *Brama rayi*

– Marlini: Tetrapturus spp.; *Makaira* spp.

– Sailfishes: *Istiophorus* spp.

– Pixxispad: *Xiphias gladius*

– Imsell: *Scomberesox spp*.; *Cololabis* spp.

– Lampuki: *Coryphœna* spp.

– Klieb il-baħar: *Hexanchus griseus*; *Cetorhinus maximus; Alopiidae*; *Carcharhinidae*; *Sphyrnida*e; *Isuridae*; *Lamnidae*

– Ċefalopodi: l-ispeċijiet kollha

## ANNESS IV

KEJL TAD-DAQS TA' ORGANIŻMU TAL-BAĦAR

1. Id-daqs ta' kull ħuta għandu jitkejjel, kif muri fil-Figura 1, mit-tarf ta' barra nett tal-ħalq sat-tarf tal-pinna tad-denb.

2. Id-daqs tal-iskampu (*Nephrops norvegicus*) għandu jitkejjel, kif muri fil-Figura 2:

   – bħala t-tul tal-karapaċa, b'mod parallel mal-linja tan-nofs, minn wara l-ħofra tal-għajn sal-punt tan-nofs tax-xifer dorsali tat-tarf tal-karapaċa, jew

   – bħala t-tul totali, mill-ponta tar-rostrum sat-tarf ta' wara tat-telson, li ma jinkludix is-setae.

   Fil-każ ta' dnieb tal-iskampu maqtugħin: mit-tarf ta' quddiem tal-ewwel segment tad-denb preżenti sat-tarf ta' wara tat-telson, li ma jinkludix is-setae. Id-denb għandu jitkejjel ċatt, mhux stirat u fuq il-ġenb dorsali.

3. Id-daqs ta' awwista Ewropea (*Homarus gammarus*) mill-Baħar tat-Tramuntana minbarra Skagerrak jew Kattegat għandu jitkejjel, kif muri fil-Figura 3, bħala t-tul tal-karapaċa, b'mod parallel mal-linja tan-nofs, minn wara waħda mill-ħofor tal-għajnejn sax-xifer tat-tarf tal-karapaċa.

4. Id-daqs ta' awwista Ewropea (*Homarus gammarus*) minn Skagerrak jew Kattegat għandu jitkejjel, kif muri fil-Figura 3, jew:

   – bħala t-tul tal-karapaċi, b'mod parallel mal-linja tan-nofs, minn wara l-ħofra tal-għajn sal-punt tan-nofs tax-xifer dorsali tat-tarf tal-karapaċa, jew

   – bħala t-tul totali, mill-ponta tar-rostrum sat-tarf ta' wara tat-telson, li ma jinkludix is-setae.

5. Id-daqs tal-awwista (*Palinurus* spp.*)* għandu jitkejjel, kif muri fil-Figura 4, bħala t-tul tal-karapaċi, b'mod parallel mal-linja tan-nofs, mill-ponta tar-rostrum sal-punt tan-nofs tax-xifer dorsali tat-tarf tal-karapaċi.

6. Id-daqs ta' kull mollusk bivalv għandu jitkejjel, kif muri fil-Figura 5, tul l-itwal parti tal-qoxra.

7. Id-daqs tal-għaġuża (*Maja squinado*) għandu jitkejjel, kif muri fil-Figura 6, bħala t-tul tal-karapaċa, tul il-linja tan-nofs, mit-tarf tal-karapaċa bejn ir-rostri sat-tarf ta' wara tal-karapaċa.

8. Id-daqs ta' granċ jittiekel (*Cancer pagurus*) għandu jitkejjel, kif muri fil-Figura 7, bħala l-wisa' massima tal-karapaċa mkejla b'mod perpendikulari mal-linja tan-nofs antero-posterjuri tal-karapaċa.

9. Id-daqs ta' bronja (*Buccinum* spp.) għandu jitkejjel, kif muri fil-Figura 8, bħala t-tul tal-qoxra.

10. Id-daqs ta' pixxispad (*Xiphias gladius*) għandu jitkejjel, kif muri fil-Figura 9, bħala t-tul mix-xedaq ta' isfel sal-furketta (LJFL).

Figura 1 Speċijiet tal-ħut



Figura 2 Skampu

(*Nephrops norvegicus*)




Figura 3 Awwista Ewropea

(*Hommarus gammarus*)



Figura 4 Awwista

(*Palinurus* spp.)



Figura 5 Molluski bivalvi



Figura 6 Għeġejjeż

(*Maja squinado*)



Figura 7 Granċ jittiekel

(*Cancer pagurus*)



Figura 8 Bronja

(*Buccinum* spp.)



Figura 9 Pixxispad

(*Xiphias gladius*)



## ANNESS V

Baħar tat-Tramuntana[1]

Parti A

Daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni

| Speċijiet | Baħar tat-Tramuntana |
|---|---|
| Bakkaljaw (*Gadus morhua*) | 35 cm |
| Merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*) | 30 cm |
| Pollakkju iswed (*Pollachius virens*) | 35 cm |
| Pollakkju (*Pollachius pollachius*) | 30 cm |
| Merluzz (*Merluccius merluccius*) | 27 cm |
| Megrim (*Lepidorhombus* spp.) | 20 cm |
| Lingwata (*Sole*a spp.) | 24 cm |
| Barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*) | 27 cm |
| Merlangu (*Merlangius merlangus*) | 27 cm |
| Lipp (*Molva molva*) | 63 cm |
| Linarda (*Molva dipterygia)* | 70 cm |

1 Għall-finijiet ta' dan l-Anness:
- Il-Kattegat hu limitat fit-Tramuntana b'linja mill-fanal tal-port ta' Skagen sal-fanal tal-port f'Tistlarna, u minn hemm għall-eqreb punt fuq il-kosta Żvediża, u fin-Nofsinhar b'linja minn Hasenøre Head sa Gniben Point, minn Korshage sa Spodsbjerg, u minn Gilbjerg Head sa Kullen.
- Skagerrak hu limitat fil-Punent minn linja mill-fanal tal-port ta' Hanstholm sal-fanal tal-port ta' Lindesnes, u fin-Nofsinhar b'linja mill-fanal tal-port ta' Skagen sal-fanal tal-port ta' Tistlarna, u minn hemm għall-eqreb punt fuq il-kosta Żvediża,
- Il-Baħar tat-Tramuntana għandu jinkludi s-subżona 4 tal-ICES, il-parti li tmiss mad-Diviżjoni 2a tal-ICES li tinsab fin-Nofsinhar tal-latitudni 64° N, u dik il-parti tad-Diviżjoni 3a tal-ICES li mhijiex koperta bid-definizzjoni ta' Skagerrak mogħtija fit-tieni inċiż.

| Speċijiet | Baħar tat-Tramuntana |
|---|---|
| Skampu (*Nephrops norvegicus*) | Tul totali 85 mm,<br>Tul tal-karapaċa ta' 25 mm<br>Dnieb tal-iskampu 46 mm |
| Kavalli (*Scomber* spp.) | 30 cm [4] |
| Aringa (*Clupea harengus*) | 20 cm [4] |
| Sawrell (*Trachurus* spp.) | 15 cm [4] |
| Inċova (*Engraulis encrasicolus*) | 12-il cm jew 90 individwu kull kg [5] |
| Spnott (*Dicentrarchus labrax*) | 42 cm |
| Sardin (*Sardina pilchardus*) | 11 cm [4] |
| Awwista Ewropea (*Homarus gammarus*) | 87 mm (tul tal-karapaċa) |
| Għaġuża (*Maja squinado*) | 120 mm |
| Imrewħa (*Chalamys* spp.) | 40 mm |
| Arzella nigra (*Ruditapes decussatus*) | 40 mm |
| Arzella (*Venerupis pullastra*) | 38 mm |
| Gandoffla tal-għonq qasir (*Venerupis philippinarum*) | 35 mm |
| Gandoffla (*Venus verrucosa*) | 40 mm |
| Kannellina (*Callista chione*) | 6 cm |
| Gandoffla tal-leħja (*Ensis* spp.) | 10 cm |
| Gandoffla Atalantika (*Spisula solida*) | 25 mm |
| Gandoffa Donax (*Donax* spp.) | 25 mm |
| Gandoffla fażola (*Pharus legumen*) | 65 mm |
| Bronja (*Buccinum undatum*.) | 45 mm |
| Qarnit (*Octopus vulgaris*) | 750 g |
| Awwisti (*Palinurus* spp.) | 95 mm (tul tal-karapaċa) |
| Gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*) | 22 mm (tul tal-karapaċa) |
| Granċ jittiekel (*Cancer pagurus*) | 140 mm[1,2,3] |
| Arzella tal-pellegrini (*Pecten maximus*) | 100 mm |

| Speċijiet | Skagerrak/Kattegat |
|---|---|
| Bakkaljaw (*Gadus morhua*) | 30 cm |
| Merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*) | 27 cm |
| Pollakkju iswed (*Pollachius virens*) | 30 cm |
| Pollakkju (*Pollachius pollachius*) | - |
| Merluzz (*Merluccius merluccius*) | 30 cm |
| Megrim (*Lepidorhombus* spp.) | 25 cm |
| Lingwata komuni (*Solea* spp.) | 24 cm |
| Barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*) | 27 cm |
| Merlangu (*Merlangius merlangus*) | 23 cm |
| Lipp (*Molva molva*) | - |
| Linarda (*Molva dypterygia*) | - |
| Skampu (*Nephrops norvegicus*) | Tul totali 105 mm<br>Dnieb tal-iskampu 59 mm<br>Tul tal-karapaċa 32 mm |
| Kavall (*Scomber* spp.) | 20 cm [4] |
| Aringa (*Clupea harengus*) | 18 cm [4] |
| Sawrell (*Trachurus* spp.) | 15 cm [4] |
| Awwista Ewropea (Homarus gammarus) | Tul totali 220 mm<br>Tul tal-karapaċa 78 mm |

[1] F'ilmijiet tal-Unjoni fid-diviżjoni 4a tal-ICES. Fid-Diviżjonijiet 4b u 4c tal-ICES, għandu japplika daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ta' 130 mm.

[2] F'żona fid-Diviżjoni 4b u 4c tal-ICES limitata minn punt f'53°28'22"N, 0°09'24"E, fuq il-kosta tal-Ingilterra, linja dritta li tgħaqqad dan il-punt ma' 53°28'22"N, 0°22'24"E, il-fruntiera ta' 6 mili tar-Renju Unit, u linja dritta li tgħaqqad punt f'51°54'06"N, 1°30'30"E ma' punt fuq il-kosta tal-Ingilterra f'51°55'48"N, 1°17'00"E, għandu japplika daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ta' 115-il mm.

3 Għal granċijiet li jittieklu maqbudin f'nases u kavetti, massimu ta' 1 % bil-piż tal-qabda totali ta' granċijiet li jittieklu jista' jikkonsisti f'idejn maqlugħin. Għal granċijiet li jittieklu maqbudin bi kwalunkwe rkaptu tas-sajd ieħor, massimu ta' 75 kg ta' idejn maqlugħin ta' granċijiet jistgħu jinħattu l-art.

4 B'deroga mill-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, id-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni tas-sardina, l-inċova, l-aringa, is-sawrell u l-kavall ma għandhomx japplikaw fi ħdan il-limitu ta' 10 % tal-piż ħaj tal-qabdiet totali miżmuma abbord ta' kull waħda minn dawn l-ispeċijiet.
Il-persentaġġ ta' sardin, inċova, aringi, sawrell jew kavalli li jkunu iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni għandu jiġi kkalkulat bħala l-proporzjon tal-piż ħaj tal-organiżmi kollha tal-baħar abbord wara li jkunu ġew magħżula jew wara li jkunu nħattu l-art.
Il-persentaġġ jista' jiġi kkalkolat fuq il-bażi ta' kampjun rappreżentattiv wieħed jew aktar. Il-limitu ta' 10 % ma għandux jinqabeż matul it-trasbord, il-ħatt l-art, it-trasport, il-ħażna, il-wiri jew il-bejgħ.

Parti B

Daqsijiet tal-malji

1. Daqsijiet tal-malji ta' referenza għal irkaptu rmunkat

1.1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-ħatt l-art, il-bastimenti għandhom jużaw daqs tal-malja ta' mill-inqas 120 mm jew mill-inqas 90 mm fi Skagerrak u Kattegat[1].

1.2. Mingħajr preġudizzju għall-obbligu ta' ħatt l-art u minkejja l-punt 1.1, il-bastimenti jistgħu jużaw daqsijiet tal-malji iżgħar kif elenkat fit-tabella li ġejja għall-Baħar tat-Tramuntana, Skagerrak u Kattegat dment li:

(i) ikun hemm konformità mal-kondizzjonijiet assoċjati stabbiliti f'dik it-tabella, u l-qabdiet aċċessorji tal-bakkaljaw, il-merluzz tal-linja sewda u l-pollakkju iswed ma jaqbżux l-20 % tal-qabda totali f'piż ħaj tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar kollha li jinħattu l-art wara kull vjaġġ tas-sajd; jew

(ii) jintużaw modifiki ta' selettività oħra li kienu vvalutati mill-STECF fuq talba ta' Stat Membru wieħed jew aktar u approvati mill-Kummissjoni. Dawk il-modifiki ta' selettività għandhom jirriżultaw fl-istess karatteristiċi ta' selettività, jew karatteristiċi aħjar, għall-bakkaljaw, il-merluzz tal-linja sewda u l-pollakkju iswed bħal dawk ta' 120 mm.

| Daqs tal-Malja | Żoni Ġeografiċi | Kondizzjonijiet |
|---|---|---|
| Mill-anqas 100 mm[2] | Baħar tat-Tramuntana fin-Nofsinhar ta' 57°30'N | Sajd dirett għall-barbun tat-tbajja' u l-lingwata bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti, x-xbieki tat-tkarkir bi travu u t-tartaruni. Għandu jitqabbad pannell b'malji kwadri ta' mill-inqas 90 mm. |
| Mill-anqas 80 mm[2] | Diviżjonijiet 4b u 4c tal-ICES | Sajd dirett għal-lingwata bi xbieki tat-tkarkir bi travu. Għandu jitqabbad pannell b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 180 mm imwaħħal fin-nofs ta' fuq tal-parti ta' quddiem tax-xibka.<br>Sajd dirett għall-merlangu, il-kavall u speċijiet mhux soġġetti għal limiti ta' qbid bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ. Għandu jitqabbad pannell b'malji kwadri ta' mill-inqas 80 mm. |
| Mill-inqas 80 mm | Baħar tat-Tramuntana | Sajd dirett għall-iskampu (Nephrops norvegicus). Għandu jitqabbad pannell b'malji kwadri ta' mill-anqas 120 mm jew għarbiel bi spazju massimu tal-vireg ta' 35 mm jew tagħmir ta' selettività ekwivalenti.<br>Sajd dirett għal speċijiet mhux soġġetti għal limiti ta' qbid u li mhumiex koperti f'parti oħra tat-tabella Għandu jitqabbad pannell b'malji kwadri ta' mill-inqas 80 mm.<br>Sajd dirett għar-rebekkini u r-raj. |

| Daqs tal-Malja | Żoni Ġeografiċi | Kondizzjonijiet |
|---|---|---|
| Mill-inqas 80 mm | Diviżjoni 4c tal-ICES | Sajd dirett għal-lingwata bi xbieki tat-tkarkir bi travu. Għandu jitqabbad pannell b'malji kwadri ta' mill-inqas 80 mm. |
| Mill-inqas 70 mm (malja kwadra) jew 90 mm (malja maqrut) | Skagerrak u Kattegat | Sajd dirett għall-iskampu (Nephrops norvegicus). Għandu jitqabbad għarbiel bi spazju massimu tal-vireg ta' 35 mm jew tagħmir ta' selettività ekwivalenti. |
| Mill-inqas 40 mm | Żona sħiħa | Sajd dirett għall-klamari (Lolignidae, Ommastrephidae). |
| Mill-inqas 35 mm | Skagerrak u Kattegat | Sajd dirett għall-gamblu tal-fond tat-Tramuntana (Pandalus borealis). Għandu jitqabbad għarbiel bi spazju massimu tal-vireg ta' 19-il mm jew tagħmir ta' selettività ekwivalenti. |
| Mill-inqas 32 mm | Iż-żona kollha minbarra Skagerrak u Kattegat | Sajd dirett għall-gamblu tal-fond tat-Tramuntana (Pandalus borealis). Għandu jitqabbad għarbiel bi spazju massimu tal-vireg ta' 19 mm jew tagħmir ta' selettività ekwivalenti. |
| Mill-inqas 16-il mm | Żona sħiħa | Sajd dirett għal speċijiet pelaġiċi żgħar li mhumiex koperti f'parti oħra tat-tabella.<br><br>Sajd dirett għall-merluzz tan-Norveġja. Għandu jitqabbad għarbiel bi spazju bi spazju massimu tal-vireg ta' 35 mm fis-sajd għall-merluzz tan-Norveġja.<br><br>Sajd dirett għal gambli komuni u gambli Aesop. Għandha titqabbad xibka tat-tkarkir għas-separazzjoni jew għarbiel f'konformità mar-regoli stabbiliti f'livell nazzjonali jew reġjonali. |

| Daqs tal-Malja | Żoni Ġeografiċi | Kondizzjonijiet |
|---|---|---|
| Inqas minn 16-il mm | Żona sħiħa | Sajd dirett għaċ-ċiċċirell. |

1 Fis-subdiviżjonijiet ta' Skagerrak u Kattegat, għandu jitqabbad pannell ta' fuq b'malji maqrut b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 270 mm jew malja kwadra b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 140 mm. Fis-subdiviżjoni ta' Kattegat, għandu jitqabbad pannell b'malji kwadri ta' mill-inqas 120 mm (fuq ix-xbieki tat-tkarkir fil-perijodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru, u fuq it-tartaruni fil-perijodu mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Ottubru).

2 Il-bastimenti għandhom ikunu pprojbiti milli jużaw kwalunkwe xibka tat-tkarkir bi travu b'daqs tal-malja ta' bejn it-32 u d-99 mm fit-Tramuntana ta' linja magħquda bil-punti li ġejjin b'punt fil-kosta tal-Lvant tar-Renju Unit f'latitudni ta' 55°N, imbagħad fil-Lvant għal latitudni ta' 55°, lonġitudni ta' 5°E, imbagħad fit-Tramuntana għal latitudni ta' 56°N u l-Lvant għal punt fil-kosta tal-Punent tad-Danimarka f'latitudni ta' 56°N. Huwa pprojbit li tintuża kwalunkwe xibka tat-tkarkir bi travu b'daqs tal-malja li jvarja minn 32 sa 119-il mm fid-Diviżjoni 2a tal-ICES u dik il-parti tas-Subżona 4 tal-ICES għat-Tramuntana ta' 56° 00′ N.

2. Daqsijiet tal-malja ta' referenza għax-xbieki statiċi u l-għażel tat-tisqif.

2.1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligu ta' ħatt l-art, il-bastimenti għandhom jużaw daqs tal-malja ta' mill-inqas 120°mm.

2.2. Bla preġudizzju għall-obbligu ta' ħatt l-art, u minkejja l-punt 2.1, il-bastimenti jistgħu jużaw daqsijiet iżgħar tal-malji kif elenkat fit-tabella li ġejja għall-Baħar tat-Tramuntana, Skagerrak u Kattegat dment li jkun hemm konformità mal-kondizzjonijiet assoċjati stabbiliti f'dik it-tabella, u l-qabdiet aċċessorji tal-bakkaljaw, il-merluzz tal-linja sewda u l-pollakkju iswed ma jaqbżux l-20 % tal-qabdiet totali f'piż ħaj tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar kollha li jinħattu l-art wara kull vjaġġ tas-sajd.

| Daqs tal-Malja | Żoni Ġeografiċi | Kondizzjonijiet |
|---|---|---|
| Mill-inqas 100 mm | Żona sħiħa | Sajd dirett għal-merluzz tal-linja sewda, il-merlangu, il-limanda u l-ispnott |
| Mill-inqas 90 mm | Żona sħiħa | Sajd dirett għall-pixxiċatt jew speċijiet mhux soġġetti għal limiti ta' qbid u li mhumiex koperti f'parti oħra tat-tabella |
| Mill-inqas 50 mm | Żona sħiħa | Sajd dirett għal speċijiet pelaġiċi żgħar li mhumiex koperti f'parti oħra tat-tabella |

Parti C

Żoni magħluqin jew ristretti

1. Għeluq ta' żona biex jiġi protett iċ-ċiċċirell fid-diviżjonijiet 4a u 4b tal-ICES

1.1. Is-sajd għaċ-ċiċċirell bi kwalunkwe rkaptu rmunkat b'qies tal-malja tal-manka inqas minn 32 mm għandu jkun ipprojbit fiż-żona ġeografika li tmiss mal-kosta tal-Lvant tal-Ingilterra u l-Iskozja, u magħluqa billi jingħaqdu sekwenzjalment mal-linji rombu l-koordinati li ġejjin, li għandhom jitkejlu skont is-sistema WGS84:

– il-kosta tal-Lvant tal-Ingilterra fuq latitudni ta' 55°30' N

– 55° 30' N, 01° 00' W

– 58° 00' N, 01° 00' W

– 58° 00' N, 02° 00' W

– il-kosta tal-Lvant tal-Iskozja fuq lonġitudni ta' 02°00' W.

1.2. Is-sajd għall-investigazzjoni xjentifika għandu jkun permess sabiex jiġi ssorveljat l-istokk taċ-ċiċċirell f'din iż-żona u l-effett tal-għeluq.

2. Għeluq ta' żona sabiex ikun protett barbun li għadu qed jikber fis-subżona 4 tal-ICES

2.1. Bastimenti li jaqbżu tul ta' 8 metri tul b'kollox għandhom ikunu pprojbiti milli jużaw xibka tat-tkarkir tal-qiegħ, xibka tat-tkarkir bi travu, tartarun Daniż jew irkaptu rmunkat simili ġewwa ż-żoni ġeografiċi magħluqin billi jingħaqdu sekwenzjalment mal-linji rombu l-koordinati li ġejjin, li għandhom jitkejlu skont il-WGS84:

(a) iż-żona ġewwa 12-il mil nawtiku mill-kosta ta' Franza, Tramuntana tal-latitudni 51°00' N, il-Belġju, u n-Netherlands sal-latitudni 53°00' N, imkejla mil-linji bażi;

(b) iż-żona limitata b'linja li tgħaqqad il-koordinati li ġejjin:

– punt fuq il-kosta tal-Punent tad-Danimarka fil-latitudni 57°00'N,

– 57°00' N, 7°15' E

– 55°00' N, 7°15' E

– 55°00' N, 7°00' E

– 54°30'N, 7°00' E

– 54°30' N, 7°30' E

– 54°00' N, 7°30' E

– 54°00' N, 6°00' E

– 53°50' N, 6°00' E

– 53°50' N, 5°00' E

– 53°30' N, 5°00' E

– 53°30' N, 4°15' E

– 53°00' N, 4°15' E

– punt fuq il-kosta tan-Netherlands fil-latitudni 53°00'N

– iż-żona ġewwa 12-il mil nawtiku mill-kosta tal-Punent tad-Danimarka minn 57°00'N fit-tramuntana sal-Fanal ta' Hirtshals, imkejla mil-linji bażi.

2.2. Il-bastimenti li ġejjin għandhom permess jistadu fiż-żona msemmija fil-punt 2.1:

(a) bastimenti li s-saħħa tal-magna tagħhom ma taqbiżx il-221kW li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ jew tartaruni Daniżi;

(b) par bastimenti mqabbla li s-saħħa tal-magni tagħhom flimkien ma taqbiżx il-221kW fi kwalunkwe ħin li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ bil-paranzi;

(c) bastimenti li s-saħħa tal-magna tagħhom taqbeż il-221 kW għandhom jitħallew jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ jew tartaruni Daniżi, u par bastimenti mqabbla li s-saħħa tal-magni tagħhom flimkien taqbeż il-221 kW għandhom jitħallew jużaw par xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ bil-paranzi dment li dawn il-bastimenti ma jistadux direttament għall-barbun tat-tbajja' u l-lingwata u jirrispettaw ir-regoli tad-daqs tal-malja rilevanti li jinsabu fil-Parti B ta' dan l-Anness.

2.3. Meta l-bastimenti msemmija fil-punt 2.2(a) jużaw xbieki tat-tkarkir bi travu, it-tul tat-travu, jew it-tul aggregat tax-xibka tat-tkarkir bi travu mkejla bħala s-somma tat-tul ta' kull travu, ma għandux ikun ikbar minn jew ma jistax jiġi estiż għal tul li jkun ikbar minn 9 metri għajr meta joperaw bi rkaptu li jkollu daqs tal-malja ta' bejn is-16 u l-31 mm. Il-bastimenti li l-attività ewlenija tagħhom tkun is-sajd għall-gamblu komuni (*Crangon crangon*) għandhom jitħallew jużaw xbieki tat-tkarkir bi travu li t-tul aggregat tat-travu tagħhom, imkejjel bħala s-somma tat-tul ta' kull travu, ikun ikbar minn 9 metri meta joperaw bi rkaptu li d-daqs tal-malja tiegħu jkun bejn it-80 u d-99 mm, dment li tkun inħarġet awtorizzazzjoni addizzjonali tas-sajd għal dawk il-bastimenti.

2.4. Bastimenti li jitħallew jistadu fiż-żona msemmija fil-punt 2.1 għandhom jiġu inklużi f'lista li għandha tiġi pprovduta lill-Kummissjoni minn kull Stat Membru. Is-saħħa totali tal-magna tal-bastimenti msemmija fil-punt 2.2 (a) fil-lista ma għandhiex taqbeż is-saħħa totali tal-magna attestata għal kull Stat Membru fl-1 ta' Jannar 1998. Il-bastimenti tas-sajd permessi għandu jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

3. Restrizzjonijiet fuq l-użu ta' xbieki tat-tkarkir bi travu sa 12-il mil nawtiku mill-kosta tar-Renju Unit

3.1. Bastimenti ma għandhomx jitħallew jużaw kwalunkwe xibka tat-tkarkir bi travu ġewwa ż-żoni sa 12-il mil nawtiku mill-kosta tar-Renju Unit, imkejjla mil-linji bażi tal-ibħra territorjali.

3.2. Permezz ta' deroga mill-punt 3.1, is-sajd bi xbieki tat-tkarkir bi travu ġewwa ż-żona speċifikata għandu jkun permess dment li:

– Is-saħħa tal-magna tal-bastimenti ma taqbiżx il-221 kW u t-tul totali tagħhom ma jaqbiżx l-24 metru;

– It-tul tat-travu jew it-tul aggregat tat-travu, imkejjel bħala t-total ta' kull travu, mhuwiex aktar minn 9 metri, jew ma jistax jiġi estiż għal tul ta' aktar minn 9 metri, ħlief fis-sajd dirett għall-gamblu komuni (*Crangon crangon)* b'daqs minimu tal-malja ta' inqas minn 31 mm.

4. Restrizzjonijiet fuq is-sajd għal-laċċa kaħla sabiex tkun protetta l-aringa fid-diviżjoni 4b tal-ICES

Is-sajd bi kwalunkwe rkaptu rmunkat b'daqs tal-malja tal-manka ta' inqas minn 32 mm jew bix-xbieki statiċi b'daqs tal-malja ta' inqas minn 30 mm għandu jkun ipprojbit fiż-żoni ġeografiċi magħluqin billi jingħaqdu sekwenzjalment bil-linji rombu l-koordinati li ġejjin, li għandhom jitkejlu skont il-WGS84, u matul il-perijodi msemmija:

– mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu, u mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru, ġewwa ż-żona statistika ICES 39E8. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, din iż-żona tal-ICES għandha tkun iż-żona limitata b'linja lejn il-Lvant mill-kosta tal-Lvant tar-Renju Unit tul il-latitudni 55°00' N sa punt fil-lonġitudni 1°00' W, minn hemm lejn it-Tramuntana għal punt fil-latitudni 55°30' N u minn hemm lejn il-Punent għall-kosta tar-Renju Unit;

– mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu, u mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru, ġewwa l-ibħra interni ta' Moray Firth fil-Punent tal-lonġitudni 3°30' W, u fl-ibħra interni ta' Firth of Forth fil-Punent tal-lonġitudni 3°00' W,

– mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Ottubru, ġewwa ż-żona ġeografika limitata mill-koordinati li ġejjin:

  – il-kosta tal-Punent tad-Danimarka fil-latitudni 55°30' N

  – il-latitudni 55°30' N, il-lonġitudni 7°00' E

  – il-latitudni 57°00' N, il-lonġitudni 7°00' E

  – il-kosta tal-Punent tad-Danimarka fil-latitudni 57°00' N

5. Dispożizzjonijiet speċifiċi għal Skagerrak u Kattegat fid-diviżjoni 3a tal-ICES

5.1. Għandu jkun ipprojbit is-sajd bi xbieki tat-tkarkir bi travu f'Kattegat.

5.2. Għandu jkun ipprojbit li bastimenti tal-Unjoni jistadu għal, iżommu abbord, jittrasbordaw, iħottu, jaħżnu, ibigħu u juru jew joffru għall-bejgħ salamun u trota tal-baħar.

5.3. Għandu jkun ipprojbit li jintuża rkaptu rmunkat b'daqs tal-malja tal-manka ta' inqas minn 32 mm mill-1 ta' Lulju sal-15 ta' Settembru fl-ilmijiet li jinsabu tliet mili nawtiċi mil-linji bażi fi Skagerrak u Kattegat sakemm ma jkunux qed jagħmlu sajd dirett għall-Gamblu tal-Fond tat-Tramuntana (*Pandalus borealis*). Għal sajd dirett għal eelpout (*Zoarces viviparous*), gobies (*Gobiidae*) jew scorpion fish (*Cottus* spp.) għal użu bħala lixka, jistgħu jintużaw xbieki bi kwalunkwe daqs tal-malja.

6. Użu ta' xbieki statiċi fid-diviżjonijiet 3a u 4a tal-ICES

6.1. F'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 9(7) u b'deroga mill-Parti B, il-Punt 2, ta' dan l-Anness, għandu jkun permess l-użu tal-irkaptu li ġej f'ilmijiet b'fond indikat fuq il-mappa nawtika ta' inqas minn 600 metru:

– Għeżul tal-qiegħ użati għas-sajd dirett għall-merluzz b'daqs tal-malja ta' mill-anqas 100 mm u mhux aktar minn 100 majla fond, fejn it-tul totali tax-xbieki kollha użati ma jaqbiżx il-25 km għal kull bastiment u l-ħin massimu tal-immersjoni huwa ta' 24 siegħa;

– Xbieki tat-tħabbil użati għal sajd dirett għall-petriċa b'daqs tal-malja ta' mill-anqas 250 mm u mhux aktar minn 15-il majla fond, fejn it-tul totali tax-xbieki kollha użati ma jaqbiżx il-100 km u l-ħin massimu tal-immersjoni huwa ta' 72 siegħa.

6.2. Is-sajd dirett għal klieb il-baħar tal-fond kif elenkat fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2016/2336 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] b'fond indikat fuq il-mappa nawtika ta' anqas minn 600 metru għandu jkun ipprojbit. Meta jinqabdu aċċidentalment, il-klieb il-baħar tal-fond ikklassifikati bħala pprojbiti f'dan ir-Regolament u f'leġislazzjoni oħra tal-Unjoni għandhom, jiġu rreġistrati, kemm jista' jkun mingħajr ma jiġrilhom ħsara, u għandhom jinħelsu minnufih. Klieb il-baħar tal-fond soġġetti għal-limiti ta' qbid għandhom jinżammu abbord. Dawn il-qabdiet għandhom jinħattu l-art u jingħaddu fil-kwoti. F'sitwazzjonijiet fejn kwota ma tkunx disponibbli jew ma tkunx disponibbli b'mod suffiċjenti għall-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni tista' tirrikorri għall-Artikolu 105(5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. Meta l-qabdiet aċċidentali ta' klieb il-baħar tal-fond mill-bastimenti ta' kwalunkwe Stat Membru jaqbżu 10 tunnellati, dawn il-bastimenti ma jistgħux igawdu aktar mid-derogi stipulati fil-punt 6.1.

Parti D

L-użu ta' xbieki tat-tkarkir bl-impuls elettriku fid-diviżjonijiet 4b u 4c tal-ICES

1. Is-sajd bix-xbieki tat-tkarkir bl-impuls elettriku għandu jkun ipprojbit fl-ilmijiet kollha tal-Unjoni sa mill-1 ta' Lulju 2021.

1 Regolament (UE) 2016/2336 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 li jistabbilixxi kondizzjonijiet speċifiċi għas-sajd tal-istokkijiet tal-baħar fond fl-Atlantiku tal-Grigal u dispożizzjonijiet għas-sajd fl-ilmijiet internazzjonali tal-Atlantiku tal-Grigal u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2347/2002 (ĠU L 354, 23.12.2016, p. 1).

2. Matul il-perijodu tranżitorju li jintemm fit-30 ta' Ġunju 2021, is-sajd bix-xbieki tat-tkarkir bl-impuls elettriku fid-diviżjonijiet 4b u 4c tal-ICES għandu jibqa' permess skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'din il-Parti u kwalunkwe kondizzjoni definita f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 24(1) ta' dan ir-Regolament, rigward il-karatteristiċi tal-impuls użat u l-miżuri ta' kontroll u monitoraġġ fis-seħħ fin-Nofsinhar ta' linja rombu magħquda mill-punti li ġejjin, li għandhom jitkejlu skont is-sistema ta' koordinati WGS84:

– punt fuq il-kosta tal-Lvant tar-Renju Unit fil-latitudni 55°N

– il-Lvant għal-latitudni 55°N, lonġitudni 5°E

– it-Tramuntana għal-latitudni 56°N

– il-Lvant għal punt fuq il-kosta tal-Punent tad-Danimarka fil-latitudni 56°N

Għandhom japplikaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) mhux aktar minn 5 % tal-flotta tat-tkarkir bi travu għal kull Stat Membru tuża x-xbieki tat-tkarkir bl-impuls elettriku;

(b) is-saħħa elettrika massima f'kW għal kull xibka tat-tkarkir bi travu ma tkunx aktar mit-tul f'metri tat-travu immultiplikat b'1,25;

(c) il-vultaġġ effettiv bejn l-elettrodi ma jkunx aktar minn 15-il V;

(d) il-bastiment ikun mgħammar b'sistema ta' ġestjoni kompjuterizzata awtomatika li tirreġistra s-saħħa massima użata għal kull travu u l-vultaġġ effettiv bejn l-elettrodi mill-inqas għall-aħħar 100 ġibda. Ma jkunx possibbli li persunal mhux awtorizzat jimmodifika din is-sistema ta' ġestjoni kompjuterizzata awtomatika;

(e) ikun ipprojbit l-użu ta' katina għall-gambli waħda jew aktar quddiem il-kalament taċ-ċomb.

3. Matul dan il-perijodu ma għandhomx jingħataw liċenzji ġodda lil ebda bastiment.

4. Sat-30 ta' Ġunju 2021 fl-ilmijiet sa 12-il mil nawtiku mil-linji bażi taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri mhux diskriminatorji biex jillimitaw jew jipprojbixxu l-użu ta' xbieki tat-tkarkir bl-impuls elettriku. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bir-restrizzjonijiet implimentati skont dan il-punt.

5. Jekk mitlub mill-Istat Membru tal-kosta lill-Istat Membru tal-bandiera, il-kaptan ta' bastiment li jużа xbieki tat-tkarkir bl-impuls elettriku għandu, f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1], jieħu abbord osservatur mill-Istat Membru kostali matul l-operazzjonijiet tas-sajd.

---

[1] Regolament (UE) 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' qafas tal-Unjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 (ĠU L 157, 20.6.2017, p. 1).

## ANNESS VI

ILMIJIET TAL-MAJJISTRAL

Parti A

Daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni

| Speċijiet | Żona sħiħa |
|---|---|
| Bakkaljaw (*Gadus morhua*) | 35 cm |
| Merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*) | 30 cm |
| Pollakkju iswed (*Pollachius virens*) | 35 cm |
| Pollakkju (*Pollachius pollachius*) | 30 cm |
| Merluzz (*Merluccius merluccius*) | 27 cm |
| Megrim (*Lepidorhombus* spp.) | 20 cm |
| Lingwata komuni (*Solea* spp.) | 24 cm |
| Barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*) | 27 cm |
| Merlangu (*Merlangius merlangus*) | 27 cm |
| Lipp (*Molva molva*) | 63 cm |
| Linarda (*Molva dypterygia*) | 70 cm |
| Skampu (*Nephrops norvegicus)*<br>Dnieb tal-Iskampu | Tul totali 85 mm,<br>Tul tal-karapaċa ta' 25 mm[1]<br>46 mm[2] |
| Kavalli (*Scombe*r spp.) | 20 cm [6] |
| Aringa (*Clupea harengus*) | 20 cm [6] |
| Sawrell (*Trachurus* spp.) | 15-il cm[6] |
| Inċova (*Engraulis encrasicolus*) | 12-il cm jew 90 individwu kull kg [6] |
| Spnott (*Dicentrarchus labrax*) | 42 cm |
| Sardin (*Sardina pilchardus*) | 11-il cm [6] |

| Speċijiet | Żona sħiħa |
|---|---|
| Paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) | 33 cm |
| Awwista Ewropea (*Hommarus gammarus*) | 87 mm |
| Għaġuża (*Maja squinado*) | 120 mm |
| Imrewħa (*Chlamys* spp.) | 40 mm |
| Arzella nigra (*Ruditapes decussatus*) | 40 mm |
| Arzella (*Venerupis pullastra*) | 38 mm |
| Gandoffla tal-għonq qasir (*Venerupis philippinarum*) | 35 mm |
| Gandoffla (*Venus verrucosa*) | 40 mm |
| Kannellina (*Callista chione*) | 6 cm |
| Gandoffla tal-leħja (*Ensis* spp.) | 10 cm |
| Gandoffla Atalantika (*Spisula solida*) | 25 mm |
| Gandoffa Donax (*Donax* spp.) | 25 mm |
| Gandoffla fażola (*Pharus legumen*) | 65 mm |
| Bronja (*Buccinum undatum*.) | 45 mm |
| Qarnit (*Octopus vulgaris*) | 750 g |
| Awwisti (*Palinurus* spp.) | 95 mm |
| Gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*) | 22 mm (tul tal-karapaċa) |
| Granċ jittiekel (*Cancer pagurus*) | 140 mm[3,4] |

| Speċijiet | Żona sħiħa |
|---|---|
| Arzella tal-pellegrini (*Pecten maximus*) | 100 mm[5] |

[1] Fid-diviżjonijiet 6a u 7a tal-ICES għandu japplika daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ta' tul totali ta' 70 mm u b'tul tal-karapaċa ta' 20 mm.

[2] Fid-diviżjonijiet 6a u 7a tal-ICES għandu japplika daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ta' 37 mm.

[3] Fl-ilmijiet tal-Unjoni fis-subżoni V, VI tal-ICES fin-Nofsinhar ta' 56° N u VII, ħlief id-diviżjonijiet VIId, e, f tal-ICES, għandu japplika daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ta' 130 mm.

[4] Għal granċijiet li jittieklu maqbudin f'nases u kavetti, massimu ta' 1 % bil-piż tal-qabda totali ta' granċ jittiekel tista' tikkonsisti f'idejn maqlugħin. Għal granċijiet li jittieklu maqbudin bi kwalunkwe rkaptu tas-sajd ieħor, massimu ta' 75 kg ta' idejn maqlugħin ta' granċ jistgħu jinħattu l-art.

[5] Fid-diviżjoni VIIa tal-ICES fit-Tramuntana ta' 52°30'N, u d-diviżjoni VIId tal-ICES, għandu japplika daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ta' 110 mm.

[6] B'deroga mill-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, id-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni tas-sardina, l-inċova, l-aringa, is-sawrell u l-kavall ma għandhomx japplikaw fi ħdan il-limitu ta' 10 % tal-piż ħaj tal-qabdiet totali miżmuma abbord ta' kull waħda minn dawn l-ispeċijiet.

Il-persentaġġ ta' sardin, inċovi, aringi, sawrell jew kavalli li jkunu iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni għandu jiġi kkalkolat bħala l-proporzjon tal-piż ħaj tal-organiżmi kollha tal-baħar abbord wara li jkunu ġew magħżula jew wara li jkunu nħattu l-art.

Il-persentaġġ jista' jiġi kkalkolat fuq il-bażi ta' kampjun rappreżentattiv wieħed jew aktar. Il-limitu ta' 10 % ma għandux jinqabeż matul it-trasbord, il-ħatt l-art, it-trasport, il-ħażna, il-wiri jew il-bejgħ.

Parti B

Qisien tal-malji

1. Daqsijiet tal-malja ta' referenza għal irkaptu rmunkat

1.1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligu ta' ħatt l-art, il-bastimenti għandhom jużaw daqs tal-malja ta' mill-inqas 120 mm[1], jew mill-inqas 100 mm fis-subżona 7b-7k tal-ICES.

1.2. Mingħajr preġudizzju għall-obbligu ta' ħatt l-art u minkejja l-punt 1.1, il-bastimenti jistgħu jużaw daqsijiet tal-malji iżgħar kif elenkat fit-tabella li ġejja għall-ilmijiet tal-Baħar tat-Tramuntana dment li:

(i) ikun hemm konformità mal-kondizzjonijiet assoċjati stabbiliti f'dik it-tabella, u l-qabdiet aċċessorji tal-bakkaljaw, il-merluzz tal-linja sewda u l-pollakkju iswed ma jaqbżux l-20 % tal-qabda totali f'piż ħaj tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar kollha li jinħattu l-art wara kull vjaġġ tas-sajd; jew

(ii) jintużaw modifiki ta' selettività oħra li ġew ivvalutati mill-STECF fuq talba ta' Stat Membru wieħed jew aktar u approvati mill-Kummissjoni. Dawk il-modifiki ta' selettività għandhom jirriżultaw fl-istess karatteristiċi ta' selettività, jew karatteristiċi aħjar, għall-bakkaljaw, il-merluzz tal-linja sewda u l-pollakkju iswed bħal dawk ta' 120 mm, jew 100 mm fis-subżona 7b-7k tal-ICES, rispettivament.

| Daqs tal-Malja | Żoni Ġeografiċi | Kondizzjonijiet |
|---|---|---|
| Mill-anqas 80 mm[2] | Subżona 7 tal-ICES | Sajd dirett għall-merluzz, il-megrim u l-petriċa jew sajd dirett għal-merlangu, il-kavall u speċijiet mhux soġġetti għal limiti ta' qbid u li mhumiex koperti f'parti oħra tat-tabella, bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ. Għandu jitqabbad pannell b'malji kwadri ta' mill-inqas 120 mm[4, 6].<br><br>Sajd dirett għal-lingwata u speċijiet mhux koperti minn limiti ta' qbid, bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti. Għandu jitqabbad pannell b'malji kwadri ta' mill-inqas 80 mm[4]. |
| Mill-inqas 80 mm | Żona sħiħa | Sajd dirett għall-Iskampu (Nephrops norvegicus)[3]. Għandu jitqabbad pannell b'malji kwadri ta' mill-anqas 120 mm jew għarbiel bi spazju massimu tal-vireg ta' 35 mm jew tagħmir ta' selettività ekwivalenti. |
| Mill-inqas 80 mm | Diviżjonijiet 7a, 7b, 7d, 7e, 7f, 7g, 7h u 7j tal-ICES | Sajd dirett għal-lingwata bi xbieki tat-tkarkir bi travu. Għandu jitqabbad pannell b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 180 mm[5] imqabbad fin-nofs ta' fuq tal-parti ta' quddiem tax-xibka. |
| Mill-inqas 80 mm | Diviżjonijiet 7d u 7e tal-ICES | Sajd dirett għall-merlangu, il-kavall u speċijiet mhux soġġetti għal limiti ta' qbid u li mhumiex koperti f'parti oħra tat-tabella, bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ. |
| Mill-inqas 40 mm | Żona sħiħa | Sajd dirett għall-klamari (*Lolignidae*, *Ommastrephidae*) |
| Mill-inqas 16-il mm | Żona sħiħa | Sajd dirett għal speċijiet pelaġiċi żgħar li mhumiex koperti f'parti oħra tat-tabella.<br><br>Sajd dirett għal gambli komuni u gambli Aesop. Għandha titqabbad xibka tat-tkarkir għas-separazzjoni jew għarbiel f'konformità mar-regoli stabbiliti f'livell nazzjonali |

| Daqs tal-Malja | Żoni Ġeografiċi | Kondizzjonijiet |
|---|---|---|
| Inqas minn 16-il mm | Żona sħiħa | Sajd dirett għaċ-ċiċċirell |

[1] Għandu jiddaħħal gradwalment fuq perijodu ta' sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

[2] Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 494/2002[1].

[3] Għandu japplika daqs tal-malja ta' mill-inqas 70 mm għal bastimenti tat-tip 'single rig' fid-diviżjoni 7a tal-ICES.

[4] Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2(5) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 737/2012[2].

[5] Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għad-diviżjoni 7d tal-ICES.

[6] Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għas-sajd dirett għall-merlangu, il-kavall u speċijiet mhux soġġetti għal limiti ta' qbid fid-diviżjonijiet 7d u 7e tal-ICES.

[1] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 494/2002 tad-19 ta' Marzu 2002 li jistabbilixxi miżuri tekniċi addizzjonali għall-irkupru tal-ħazniet ta' marlozz fis-sub-żoni ICES III, IV, V, VI u VII u t-taqsimiet ICES VIII a, b, d, e (ĠU L 77, 20.3.2002, p. 8).

[2] Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 737/2012 tal- 14 ta' Awwissu 2012 dwar il-protezzjoni ta' ċerti stokkijiet fil-Baħar Ċeltiku (ĠU L 218, 15.8.2012, p. 8).

2. Daqsijiet tal-malja ta' referenza għax-xbieki statiċi u l-għażel tat-tisqif

2.1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligu ta' ħatt l-art, il-bastimenti għandhom jużaw daqs tal-malja ta' mill-inqas 120 mm[1].

2.2. Mingħajr preġudizzju għall-obbligu ta' ħatt l-art, u minkejja l-punt 2.1, il-bastimenti jistgħu jużaw daqsijiet iżgħar tal-malji kif elenkat fit-tabella li ġejja għall-ilmijiet tal-Majjistral dment li jkun hemm konformità mal-kondizzjonijiet assoċjati stabbiliti f'dik it-tabella, u l-qabdiet aċċessorji tal-bakkaljaw, il-merluzz tal-linja sewda u l-pollakkju iswed ma jaqbżux l-20 % tal-qabdiet totali f'piż ħaj tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar kollha li jinħattu l-art wara kull vjaġġ tas-sajd.

| Daqs tal-Malja | Żoni Ġeografiċi | Kondizzjonijiet |
|---|---|---|
| Mill-anqas 100 mm[2] | Żona sħiħa | Sajd dirett għall-pixxiċatt jew speċijiet mhux soġġetti għal limiti ta' qbid u li mhumiex koperti f'parti oħra tat-tabella<br>Sajd dirett għall-merlangu, il-limanda u l-ispnott |
| Mill-inqas 50 mm | Żona sħiħa | Sajd dirett għal speċijiet pelaġiċi żgħar li mhumiex koperti f'parti oħra tat-tabella<br>Sajd dirett għat-trilja tal-ħama |

1 Meta jsir sajd għall-petriċa għandu jintuża daqs tal-malja ta' mill-inqas 220 mm. Meta jsir sajd dirett għall-pollakkju u l-merluzz fid-diviżjonijiet 7d u 7e tal-ICES għandu jintuża daqs tal-malja ta' mill-inqas 110 mm.

2 Fid-diviżjoni 7d, mill-inqas 90 mm għandu japplika.

3. Din il-Parti hija mingħajr preġudizzju għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/2034[1], għas-sajd kopert minn dak ir-Regolament Delegat.

Parti C

Żoni magħluqin jew ristretti

1. Żona magħluqa għall-konservazzjoni tal-bakkaljaw fid-diviżjoni 6a tal-ICES

Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu, u mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena, għandu jkun ipprojbit li ssir kwalunkwe attività tas-sajd li tuża kwalunkwe rkaptu rmunkat jew xbieki statiċi fiż-żona magħluqa billi jingħaqdu sekwenzjalment mal-linji rombu l-koordinati li ġejjin, li għandhom jitkejlu skont is-sistema ta' koordinati WGS84:

– –55°25' N, 7°07' W

– –55°25' N, 7°00' W

– –55°18' N, 6°50' W

– –55°17' N, 6°50' W

– –55°17' N, 6°52' W

– –55°25 N, 7°07 W

[1] Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/2034 tat-18 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi pjan għall-iskartar għal ċertu sajd demersali fl-ilmijiet tal-Majjistral għall-perjodu 2019-2021 (ĠU L 327, 21.12.2018, p. 8).

2. Żona magħluqa għall-konservazzjoni tal-bakkaljaw fid-diviżjonijiet 7f u 7g tal-ICES

2.1. Mill-1 ta' Frar sal-31 ta' Marzu ta' kull sena, għandha tkun ipprojbita kwalunkwe attività ta' sajd fir-rettangoli statistiċi tal-ICES li ġejjin: 30E4, 31E4, 32E3. Din il-projbizzjoni ma għandhiex tapplika 'l ġewwa minn 6 mili nawtiċi mil-linja bażi.

2.2. Għandu jkun permess li jsiru attivitajiet ta' sajd bl-użu ta' nases u kavetti ġoż-żoni u l-perijodi ta' żmien speċifikati, dment li:

(i) ebda rkaptu tas-sajd għajr nases u kavetti ma jinġarr abbord, u

(ii) qabdiet sekondarji ta' speċijiet soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art jinħattu u jingħaddu skont il-kwoti.

2.3. Għandu jkun permess sajd dirett għal speċijiet pelaġiċi żgħar bi rkaptu rmunkat b'daqs tal-malja anqas minn 55 mm, dment li:

(i) ebda xibka b'malji daqs jew akbar minn 55 mm ma tinġarr abbord, u

(ii) qabdiet sekondarji ta' speċijiet soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art jinħattu u jingħaddu skont il-kwoti.

3. Żona magħluqa għall-konservazzjoni tal-bakkaljaw fid-diviżjoni 7a tal-ICES

3.1. Fil-perijodu mill-14 ta' Frar sat-30 ta' April ta' kull sena għandu jkun ipprojbit li jintużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, tartaruni jew xbieki rmunkati simili, lanqas għeżul, pariti, xbieki tat-tħabbil jew kwalunkwe rkaptu tas-sajd ieħor li fih is-snanar fi ħdan dik il-parti tad-diviżjoni 7a tal-ICES magħluqa mill-kosta tal-Lvant tal-Irlanda u l-kosta tal-Lvant tal-Irlanda ta' Fuq u linji dritti li jgħaqqdu sekwenzjalment il-koordinati ġeografiċi li ġejjin, li għandhom jitkejlu skont is-sistema ta' koordinati WGS84:

– punt fuq il-kosta tal-lvant tal-peniżola tal-Ards fl-Irlanda ta' Fuq fi 54°30'N

– 54°30 N, 04°50' W

– 53°15 N, 04°50' W

– punt mill-kosta tal-Lvant tal-Irlanda fi 53°15' N

3.2. B'deroga mill-punt 1, fiż-żona u l-perijodu ta' żmien imsemmijin hemmhekk l-użu ta' xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ għandu jkun permess sakemm dawn ix-xbieki jitqabbdu b'tagħmir ta' selettività li ġie vvalutat mis-STECF.

4. Il-kaxxa Rockall Haddock fis-subżona 6 tal-ICES

Is-sajd kollu, għajr dak bil-konzijiet, għandu jiġi pprojbit fiż-żoni magħluqin bit-tgħaqqid sekwenzjali mal-linji ta' rombu tal-koordinati li ġejjin, li għandhom jitkejlu bis-sistema tal-koordinati WGS84:

– 57º00' N, 15º00' W

– 57º00' N, 14º00' W

– 56º30' N, 14º00' W

– 56º30' N, 15º00' W

– 57º00' N, 15º00' W

5. Żona magħluqa għall-konservazzjoni tal-iskampu fid-diviżjonijiet 7c u 7k tal-ICES

5.1. Is-sajd dirett għall-iskampu (Nephrops norvegicus) u speċijiet assoċjati (jiġifieri bakkaljaw, petriċa, merluzz tal-linja sewda, merlangu, merluzz, barbun, pollakju, rebekkini u raj, lingwata komuni, tusk, linarda, lipp u mazzola griża) għandu jiġi pprojbit mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Mejju ta' kull sena fiż-żona ġeografika magħluqa magħluqa bit-tgħaqqid sekwenzjali mal-linji ta' rombu tal-koordinati li ġejjin, li għandhom jitkejlu skont is-sistema ta' koordinati WGS84:

– 52°27' N, 12°19' W

– 52°40' N, 12°30' W

– 52°47' N, 12°39,60' W

– 52°47' N, 12°56' W

– 52°13,5' N, 13°53,83'W

– 51°22' N, 14°24' W

– 51°22' N, 14°03' W

– 52°10' N, 13°25' W

– 52°32' N, 13°07,50' W

– 52°43' N, 12°55'W

– 52°43' N, 12°43' W

– 52°38,80' N, 12°37' W

– 52°27' N, 12°23' W

– 52°27' N, 12°19' W

5.2. It-tranżitu mill-Porcupine Bank filwaqt li jinġarru abbord l-ispeċijiet imsemmijin fil-punt 5.1 għandu jkun permess skont l-Artikolu 50(3), (4) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

6. Regoli speċjali għall-protezzjoni tal-linarda fid-diviżjoni 6a tal-ICES

6.1. Mill-1 ta' Marzu sal-31 ta' Mejju ta' kull sena għandu jkun ipprojbit sajd dirett għal-linarda fiż-żoni tad-diviżjoni 6a tal-ICES magħluqa bit-tgħaqqid sekwenzjali mal-linji ta' rombu tal-koordinati li ġejjin, li għandhom jitkejlu skont is-sistema WGS84:

It-tarf tal-blata kontinentali Skoċċiża

- 59°58' N, 07°00' W
- 59°55' N, 06°47' W
- 59°51' N, 06°28' W
- 59°45' N, 06°38' W
- 59°27' N, 06°42' W
- 59°22' N, 06°47' W
- 59°15' N, 07°15' W
- 59°07' N, 07°31' W
- 58°52' N, 07°44' W
- 58°44' N, 08°11' W
- 58°43' N, 08°27' W
- 58°28' N, 09°16' W

– 58°15' N, 09°32' W

– 58°15' N, 09°45' W

– 58°30' N, 09°45' W

– 59°30' N, 07°00' W

– 59°58' N, 07°00' W

It-tarf ta' Rosemary bank

– 60°00' N, 11°00' W

– 59°00' N, 11°00' W

– 59°00' N, 09°00' W

– 59°30' N, 09°00' W

– 59°30' N, 10°00' W

– 60°00' N, 10°00' W

– 60°00' N, 11°00' W

Mhux inkluża ż-żona magħluqa bit-tgħaqqid sekwenzjali mal-linji ta' rombu tal-koordinati li ġejjin, imkejlin skont is-sistema WGS84:

– 59°15' N, 10°24' W

– 59°10' N, 10°22' W

– 59°08' N, 10°07' W

– 59°11' N, 09°59' W

– 59°15' N, 09°58' W

– 59°22' N, 10°02' W

– 59°23' N, 10°11' W

– 59°20' N, 10°19' W

– 59°15' N, 10°24' W

6.2. Qabda inċidentali ta' linarda sa limitu ta' sitt tunnellati tista' jinżamm abbord u tinħatt l-art. Ladarba bastiment jilħaq dan il-limitu ta' sitt tunnellati ta' linarda:

(a) għandu jieqaf mis-sajd immedjatament u joħroġ miż-żona li jinsab fiha;

(b) ma għandux jerġa' jidħol f'xi waħda miż-żoni sakemm il-qabda tiegħu tkun ġiet żbarkata;

(c) ma jistax jerġa' jitfa' lura l-baħar kwalunkwe kwantità ta' linarda.

6.3. Mill-15 ta' Frar sal-15 ta' April ta' kull sena, għandu jkun ipprojbit l-użu ta' xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, konzijiet u xbieki statiċi f'żona magħluqa bit-tgħaqqid sekwenzjali mal-linji ta' rombu tal-koordinati li ġejjin, li għandhom jitkejlu skont is-sistema ta' koordinati WGS84:

– 60º58.76' N, 27º27.32' W

– 60º56.02' N, 27º31.16' W

– 60º59.76' N, 27º43.48' W

– 61º03.00' N, 27º39.41' W

– 60º58.76' N, 27º27.32' W

7. Restrizzjonijiet fuq is-sajd għas-sawrell fid-diviżjonijiet 7e, 7f, 7g u 7h tal-ICES

7.1. Is-sajd dirett għall-kavall bi rkaptu rmunkat b'daqs tal-malji tal-manka ta' inqas minn 80 mm jew b'tartaruni tal-borża għandu jkun ipprojbit, għajr fejn il-piż tal-kavall ma jaqbiżx il-15 % tal-piż ħaj tal-kwantitajiet totali tal-kavall u organiżmi oħra tal-baħar abbord li jkunu nqabdu, f'żona magħluqa bit-tgħaqqid sekwenzjali mal-linji ta' rombu tal-koordinati li ġejjin, li għandhom jitkejlu skont is-sistema WGS8:

– fuq il-kosta tan-Nofsinhar tar-Renju Unit fi 02°00' W

– 49° 30' N, 2° 00' W

– 49° 30' N, 7° 00' W

– 52° 00' N, 7° 00' W

– punt fuq il-kosta tal-Punent tar-Renju Unit fi 52° 00' N.

7.2. Għandu jkun permess is-sajd fiż-żona definita fil-punt 7.1 bi:

– xbieki statiċi u/jew xolfa;

– xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, tartaruni Daniżi jew xbieki rmunkati simili oħrajn, b'daqs tal-malji akbar minn 80 mm;

7.3. Bastimenti li mhumiex mgħammra għas-sajd u li fihom jiġi ttrasbordat is-sawrell għandhom ikunu permessi fiż-żona definita fil-punt 7.1.

8. Restrizzjonijiet fuq l-użu ta' xbieki tat-tkarkir bi travu sa 12-il mil nawtiku mill-kosta tar-Renju Unit u l-Irlanda

8.1. L-użu ta' kwalunkwe xibka tat-tkarkir bi travu ta' daqs tal-malja anqas minn 100 mm għandu jkun ipprojbit fid-diviżjoni 5b tal-ICES u s-subżona 6 tal-ICES tat-Tramuntana tal-latitudni 56°N.

8.2. Bastimenti għandhom ikunu pprojbiti milli jużaw xi xbieki tat-tkarkir bi travu ġewwa ż-żoni fi 12-il mil nawtiku mill-kosti tar-Renju Unit u l-Irlanda, imkejla mil-linji bażi minn fejn ikunu mkejla l-ibħra territorjali.

8.3. Is-sajd bi xbieki tat-tkarkir bi travu ġo żona speċifika għandu jkun permess sakemm:

– Is-saħħa tal-magna tal-bastimenti ma taqbiżx il-221 kW u t-tul totali tagħhom ma jaqbiżx l-24 metru; u

– It-tul tat-travu jew it-tul aggregat tat-travu, imkejjel bħala t-total ta' kull travu, mhuwiex aktar minn 9 metri, jew ma jistax jiġi estiż għal tul ikbar minn 9 metri, ħlief fis-sajd dirett għall-gamblu komuni (*Crangon crangon*) b'daqs tal-malja tal-manka ta' inqas minn 31 mm.

9. L-użu ta' xbieki statiċi fid-diviżjonijiet 5b, 6a, 6b, 7b, 7c, 7h, 7j u 7k tal-ICES

9.1. F'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 9(7) u b'deroga mill-Parti B, Punt 2, ta' dan l-Anness, għandu jkun permess l-użu tal-irkaptu li ġej f'ilmijiet b'fond indikat fuq il-mappa nawtika ta' inqas minn 600 metru:

– Għeżul tal-qiegħ użati għal sajd dirett għall-merluzz b'daqs tal-malja ta' mill-anqas 100 mm u mhux aktar minn 100 majla fond, fejn it-tul totali tax-xbieki kollha użati ma jaqbiżx il-25 km għal kull bastiment u l-ħin tal-immersjoni massimu huwa 24 siegħa.

– Xbieki tat-tħabbil użati għal sajd dirett għall-petrika b'daqs tal-malja ta' mill-anqas 250 mm u mhux aktar minn 15-il majla fond, fejn it-tul totali tax-xbieki kollha użati ma jaqbiżx il-100 km u l-ħin tal-immersjoni massimu huwa ta' 72 siegħa.

9.2. Is-sajd dirett għal klieb il-baħar tal-fond kif imniżżel fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/2336 f'fond ta' anqas minn 600 metru għandu jkun ipprojbit. Meta jinqabdu inċidentalment, klieb il-baħar tal-fond ikklassifikati bħala pprojbiti f'dan ir-Regolament jew f'leġislazzjoni oħra tal-Unjoni għandhom jiġu rreġistrati, kemm jista' jkun mingħajr ma jiġrilhom xejn, u għandhom jinħelsu minnufih. Klieb il-baħar tal-fond soġġetti għal-limiti ta' qbid għandhom jinżammu abbord. Dawn il-qabdiet għandhom jinħattu l-art u jingħaddu fil-kwoti. F'sitwazzjonijiet fejn kwota ma tkunx disponibbli jew ma tkunx disponibbli b'mod suffiċjenti għall-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni tista' tirrikorri għall-Artikolu 105(5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. Meta l-qabdiet inċidentali ta' klieb il-baħar tal-fond mill-bastimenti ta' kwalunkwe Stat Membru jaqbżu l-10 tunnellati, dawk il-bastimenti ma jistgħux igawdu aktar mid-derogi stipulati fil-punt 9.1.

**ANNESS VII**

ILMIJIET TAL-LBIĊ

Parti A

Daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni

| Speċijiet | Żona sħiħa |
|---|---|
| Bakkaljaw (*Gadus morhua*) | 35 cm |
| Merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*) | 30 cm |
| Pollakkju iswed (*Pollachius virens*) | 35 cm |
| Pollakkju (*Pollachius pollachius*) | 30 cm |
| Merluzz (*Merluccius merluccius*) | 27 cm |
| Megrim (*Lepidorhombus* spp.) | 20 cm |
| Lingwata komuni (*Solea* spp.) | 24 cm |
| Barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*) | 27 cm |
| Merlangu (*Merlangius merlangus*) | 27 cm |
| Lipp (*Molva molva*) | 63 cm |
| Linarda (*Molva dypterygia*) | 70 cm |
| Skampu (*Nephrops norvegicus*) | Tul totali 70 mm,<br>Tul tal-karapaċa ta' 20 mm |
| Dnieb tal-Iskampu | 37 mm |
| Kavalli (*Scombe*r spp.) | 20 cm [6] |
| Aringa (*Clupea harengus*) | 20 cm [6] |
| Sawrell (*Trachurus* spp.) | 15-il cm[1, 6, 7] |
| Inċova (*Engraulis encrasicolus*) | 12-il cm jew 90 individwu kull kg[2] [6] |
| Spnott (*Dicentrarchus labrax*) | 36 cm |
| Sardin (*Sardina pilchardus*) | 11-il cm [6] |

| Speċijiet | Żona sħiħa |
|---|---|
| Paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) | 33 cm |
| Awwista Ewropea (*Hommarus gammarus*) | 87 mm |
| Għaġuża (*Maja squinado*) | 120 mm |
| Imrewħa (*Chlamy*s spp.) | 40 mm |
| Arzella nigra (*Ruditapes decussatus*) | 40 mm |
| Arzella (*Venerupis pullastra*) | 38 mm |
| Gandoffli tal-għonq qasir (*Venerupis philippinarum*) | 35 mm |
| Gandoffla (*Venus verrucosa*) | 40 mm |
| Kannellina (*Callista chione*) | 6 cm |
| Gandoffla tal-leħja (*Ensis* spp.) | 10 cm |
| Gandoffla Atalantika (*Spisula solida*) | 25 mm |
| Gandoffa Donax (*Donax spp*.) | 25 mm |
| Gandoffla fażola (*Pharus legumen*) | 65 mm |
| Bronja (*Buccinum undatum*.) | 45 mm |
| Qarnit (*Octopus vulgaris*) | 750 g[3] |
| Awwisti (*Palinurus* spp.) | 95 mm |
| Gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*) | 22 mm (tul tal-karapaċa) |
| Granċ jittiekel (*Cancer pagurus*) | 140 mm [4,5] |

| Speċijiet | Żona sħiħa |
|---|---|
| Arzella tal-pellegrini (*Pecten maximus*) | 100 mm |

[1] Ebda daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ma għandu japplika għal sawrella kaħla (Trachurus picturatus) maqbuda fl-ilmijiet qrib il-gżejjer Azores u taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tal-Portugall.

[2] Fis-subżona 9 tal-ICES u żona 34.1.2 tal-CECAF għandu japplika daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ta' 9 cm.

[3] Fl-ilmijiet kollha f'dik il-parti tal-Atlantiku tal-Lvant ċentrali li fih hemm id-diviżjonijiet 34.1.1, 34.1.2 u 34.1.3 u s-subżona 34.2.0 taż-żona tas-sajd 34 tar-reġjun tas-CECAF għandu japplika piż tal-ħut imnaddaf ta' 450 g.

[4] Fl-ilmijiet tal-Unjoni fis-subżoni 8 u 9 tal-ICES għandu japplika daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ta' 130 mm.

[5] Għal granċijiet li jittieklu maqbudin f'nases u kavetti, massimu ta' 1 % bil-piż tal-qabda totali ta' granċ jittiekel tista' tikkonsisti f'idejn maqlugħin. Għal granċijiet li jittieklu maqbudin bi kwalunkwe rkaptu tas-sajd ieħor, massimu ta' 75 kg ta' idejn maqlugħin ta' granċ jistgħu jinħattu l-art.

[6] B'deroga mill-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, id-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni tas-sardina, l-inċova, l-aringa, is-sawrell u l-kavall ma għandhomx japplikaw fi ħdan il-limitu ta' 10 % tal-piż ħaj tal-qabdiet totali miżmuma abbord ta' kull waħda minn dawn l-ispeċijiet.

Il-perċentwal ta' sardin, inċovi, aringi, sawrell jew kavalli li jkunu iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni għandu jiġi kkalkolat bħala l-proporzjon tal-piż ħaj tal-organiżmi kollha tal-baħar abbord wara li jkunu ġew magħżula jew wara li jkunu nħattu l-art.

Il-perċentwal jista' jiġi kkalkulat abbażi ta' kampjun rappreżentattiv wieħed jew aktar. Il-limitu ta' 10 % ma għandux jinqabeż matul it-trasbord, ħatt l-art, it-trasport, il-ħażna, il-wiri jew il-bejgħ.

[7] Mhux aktar minn 5 % jista' jikkonsisti minn sawrell ta' bejn it-12 u l-15-il cm. Għall-finijiet tal-kontroll ta' dik il-kwantità, il-fattur ta' konverżjoni li għandu jiġi applikat għall-piż tal-qabdiet għandu jkun 1,20. Dawn id-dispożizzjonijiet ma għandhomx japplikaw għal qabdiet li huma soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art.

## Parti B

## Qisien tal-malji

1. Daqsijiet tal-malja ta' referenza għal irkaptu rmunkat

1.1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligu ta' ħatt l-art, il-bastimenti għandhom jużaw daqs tal-malja ta' mill-inqas 70 mm[1, 2], jew mill-inqas 55 mm fid-diviżjoni 9a tal-ICES fil-Lvant tal-lonġitudni 7°23´48"W.

1.2. Mingħajr preġudizzju għall-obbligu ta' ħatt l-art u minkejja l-punt 2.1, il-bastimenti jistgħu jużaw daqsijiet tal-malji iżgħar kif elenkati fit-tabella li ġejja għall-ilmijiet tal-Lbiċ dment li:

(i) ikun hemm konformità mal-kondizzjonijiet assoċjati stabbiliti f'dik it-tabella, u l-qabdiet aċċessorji tal-merluzz ma jaqbżux l-20 % tal-qabda totali f'piż ħaj tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar kollha li jinħattu l-art wara kull vjaġġ tas-sajd; jew

(ii) jintużaw modifiki ta' selettività oħra li ġew ivvalutati mill-STECF fuq talba ta' Stat Membru wieħed jew aktar u approvati mill-Kummissjoni. Dawk il-modifiki ta' selettività għandhom jirriżultaw fl-istess karatteristiċi jew aħjar ta' selettività għall-merluzz bħal dik ta' 70 mm, jew 55 mm fid-diviżjoni 9a tal-ICES fil-Lvant tal-lonġitudni 7°23´48" W rispettivament.

| Daqs tal-Malja | Żoni Ġeografiċi | Kondizzjonijiet |
|---|---|---|
| Mill-inqas 55 mm | Iż-żona kollha minbarra d-diviżjoni 9a tal-ICES fil-Lvant tal-lonġitudni 7°23´48"W | Sajd dirett għal speċijiet mhux soġġetti għal limiti ta' qbid u li mhumiex koperti f'parti oħra tat-tabella<br>Sajd dirett għal paġella ħamra<br>Sajd dirett għall-kavall, is-sawrell u l-istokkafixx bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ |
| Mill-inqas 35 mm | Żona sħiħa | Sajd dirett għal-lingwata tar-rigi |
| Mill-inqas 55 mm | Diviżjoni 9a tal-ICES fil-Punent tal-lonġitudni 7°23´48"W | Sajd dirett għal krustaċji |
| Mill-inqas 16-il mm | Żona sħiħa | Sajd dirett għal speċijiet pelaġiċi żgħar li mhumiex koperti f'parti oħra tat-tabella<br>Sajd dirett għall-gambli (Palaemon serratus, Crangon crangon), u l-granċ (Polybius henslowi) |
| Iżgħar minn 16-il mm | Żona sħiħa | Sajd dirett għaċ-ċiċċirell |

[1] Din id-dispożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 494/2002.

[2] Għas-sajd dirett għall-Iskampun (Nephrops norvegicus), għandu jitqabbad pannell b'malja kwadra ta' mill-inqas 100 mm jew tagħmir ta' selettività ekwivalenti meta jsir is-sajd fid-diviżjonijiet 8a, 8b, 8d u 8e. tal-ICES. Għas-sajd dirett għal-lingwata bi xbieki tat-tkarkir bi travu, għandu jitqabbad pannell b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 180 mm imwaħħla fin-nofs ta' fuq tal-parti ta' quddiem tax-xibka.

2. Daqsijiet tal-malja ta' referenza għax-xbieki statiċi u l-għażel tat-tisqif

2.1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-ħatt l-art, il-bastimenti għandhom jużaw daqs tal-malja ta' mill-inqas 100 mm[1], jew mill-inqas 80 mm fid-diviżjoni 8c tal-ICES u s-subżona 9 tal-ICES.

2.2. Mingħajr preġudizzju għall-obbligu ta' ħatt l-art, u minkejja l-punt 2.1, il-bastimenti jistgħu jużaw daqsijiet iżgħar tal-malji kif elenkati fit-tabella li ġejja għal ilmijiet tal-Lbiċ dment li jkun hemm konformità mal-kondizzjonijiet assoċjati stabbiliti f'dik it-tabella, u l-qabdiet aċċessorji tal-merluzz ma jaqbżux l-20 % tal-qabdiet totali f'piż ħaj tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar kollha li jinħattu l-art wara kull vjaġġ tas-sajd.

| Daqs tal-Malja | Żoni Ġeografiċi | Kondizzjonijiet |
|---|---|---|
| Mill-inqas 80 mm | Iż-żona kollha minbarra is-subżona 8c tal-ICESu s-subżona 9 tal-ICES | Sajd dirett għall-ispnotta, il-merlangu, il-barbun imperjali, il-barbun u l-pollakkju |
| Mill-inqas 60 mm | Żona sħiħa | Sajd dirett għal speċijiet mhux soġġetti għal limiti ta' qbid u li mhumiex koperti f'parti oħra tat-tabella |
| Mill-inqas 50 mm | Żona sħiħa | Sajd dirett għal speċijiet[2] pelaġiċi żgħar li mhumiex koperti f'parti oħra tat-tabella |
| Mill-inqas 40 mm | Żona sħiħa | Sajd dirett għat-trilja ħamra, il-gambli (Penaeus spp), il-gambli mantis, il-lingwata tar-rigi u l-Labridae |

1 Għas-sajd dirett għall-petriċa għandu jintuża daqs tal-malja ta' mill-inqas 220 mm.
2 Għas-sardina jista' jintuża daqs tal-malja ta' inqas minn 40 mm.

Parti C

Żoni magħluqin jew ristretti

1. Żona magħluqa għall-konservazzjoni tal-merluzz fid-diviżjoni 9a tal-ICES

Is-sajd bi xbieki tat-tkarkir, tartarun Daniż jew xbieki rmunkati simili għandu jkun ipprojbit fiż-żoni ġeografiċi magħluqin bit-tgħaqqid sekwenzjali mal-linji ta' rombu tal-koordinati li ġejjin, li għandhom jitkejlu bis-sistema tal-koordinati WGS84:

(a) mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara:

– 43°46,5'N, 07°54,4'W

– 44°01,5'N, 07°54,4'W

– 43°25,0'N, 09°12,0'W

– 43°10,0'N, 09°12,0'W

(b) mill-1 ta' Diċembru sal-aħħar ġurnata ta' Frar tas-sena ta' wara:

– punt fuq il-kosta tal-Punent tal-Portugall fil-latitudni 37°50'N

– 37°50'N, 09°08'W

– 37°00'N, 9°07'W

– punt fuq il-kosta tal-Punent tal-Portugall fi 37°00'N

2. Żoni magħluqin għall-konservazzjoni tal-iskampu fid-diviżjoni 9a tal-ICES

2.1. Is-sajd dirett għall-iskampu (Nephrops norevgicus) bi xbieki tat-tkarkir, tartarun Daniż jew xbieki rmunkati simili jew kavetti għandu jkun ipprojbit fiż-żoni ġeografiċi magħluqin bit-tgħaqqid sekwenzjali mal-linji ta' rombu tal-koordinati li ġejjin, li għandhom jitkejlu skont is-sistema tal-koordinati WGS84:

(a) mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Awwissu:

– 42°23′ N, 08°57′ W

– 42°00′ N, 08°57′ W

– 42°00′ N, 09°14′ W

– 42°04′ N, 09°14′ W

– 42°09′ N, 09°09′ W

– 42°12′ N, 09°09′ W

– 42°23′ N, 09°15′ W

– 42°23′ N, 08°57′ W

(b) mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Awwissu:

– 37°45′ N, 09°00′ W

– 38°10′ N, 09°00′ W

– 38°10′ N, 09°15′ W

– 37°45′ N, 09°20′ W

2.2. Għandu jkun permess li jsir sajd bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ jew xbieki rmunkati simili jew kavetti fiż-żoni ġeografiċi u matul il-perijodu kif deskritt fil-punt 2.1(b) dment li l-qabdiet aċċessorji kollha tal-iskampu (*Nephrops norvegicus*) jinħattu l-art u jingħaddu skont il-kwoti.

2.3. Is-sajd dirett għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*) fiż-żoni ġeografiċi u barra mill-perijodi msemmijin fil-punt 2.1, għandu jkun ipprojbit. Qabdiet aċċessorji tal-iskampu (Nephrops norvegicus) għandhom jinħattu l-art u jingħaddu skont il-kwoti.

3. Restrizzjonijiet fuq sajd dirett għall-inċova fid-diviżjoni 8c tal-ICES

3.1. Is-sajd dirett għall-inċova bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir pelaġiku fid-diviżjoni 8c tal-ICES għandu jkun ipprojbit.

3.2. Il-ġarr abbord ta' xbieki tat-tkarkir pelaġiku u tartaruni tal-borża fl-istess ħin fid-diviżjoni 8c tal-ICES għandu jkun ipprojbit.

4. L-użu ta' xbieki statiċi fis-subżoni8, 9, 10, u 12 tal-ICES Lvant ta' 27°W

4.1. F'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 9(7) u b'deroga mill-Parti B, Punt 2, ta' dan l-Anness, għandu jkun permess l-użu tal-irkaptu li ġej f'ilmijiet b'fond indikat fuq il-mappa nawtika ta' inqas minn 600 metru:

– Għażel tal-qiegħ użat għas-sajd dirett għall-merluzz b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 80 mm fid-diviżjoni 8c tal-ICES u fis-subżona 9 tal-ICES u ta' 100 mm fiż-żoni kollha li jifdal u mhux aktar minn 100 malja fond, fejn it-tul totali tax-xbieki kollha użati ma jaqbiżx il-25 km għal kull bastiment u l-ħin tal-immersjoni massimu huwa 24 siegħa.

– Xbieki tat-tħabbil użati għal sajd dirett għall-petrika b'daqs tal-malja ta' mill-anqas 250 mm u mhux aktar minn 15-il majla fond, fejn it-tul totali tax-xbieki kollha użati ma jaqbiżx il-100 km u l-ħin tal-immersjoni massimu huwa ta' 72 siegħa.

– Pariti fis-subżona 9 tal-ICES użati għas-sajd dirett għall-petrika b'daqs tal-malja ta' mill-anqas 220 mm u mhux aktar minn 30 majla fond, fejn it-tul totali tax-xbieki kollha użati ma jaqbiżx l-20 km għal kull bastiment u l-ħin tal-immersjoni massimu huwa 72 siegħa.

4.2. Is-sajd dirett għal klieb il-baħar tal-fond kif imniżżel fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/2336 f'fond ta' anqas minn 600 metru għandu jkun ipprojbit. Meta jinqabdu inċidentalment, klieb il-baħar tal-fond ikklassifikati bħala pprojbiti f'dan ir-Regolament jew f'leġislazzjoni oħra tal-Unjoni għandhom, jiġu rreġistrati, kemm jista' jkun mingħajr ma jiġrilhom xejn, u għandhom jinħelsu minnufih. Klieb il-baħar tal-fond soġġetti għal-limiti ta' qbid għandhom jinżammu abbord. Dawn il-qabdiet għandhom jinħattu l-art u jingħaddu fil-kwoti. F'sitwazzjonijiet fejn kwota ma tkunx disponibbli jew ma tkunx disponibbli b'mod suffiċjenti għall-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni tista' tirrikorri għall-Artikolu 105(5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. Meta l-qabdiet inċidentali ta' klieb il-baħar tal-fond mill-bastimenti ta' kwalunkwe Stat Membru jaqbżu l-10 tunnellati, dawn il-bastimenti ma jistgħux igawdu aktar mid-derogi stipulati fil-punt 4.1.

4.3. Kondizzjonijiet għas-sajd bl-użu ta' ċertu rkaptu rmunkat awtorizzat fil-Bajja ta' Biscay.

B'deroga mid-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 494/2002 li jistabbilixxi miżuri tekniċi addizzjonali għall-irkupru tal-ħażniet ta' merluzz fis-subżoni ICES 3-7 u t-taqsimiet ICES 8a, 8b 8d u 8e, għandu jkun permess li ssir attività tas-sajd bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir, tartaruni Daniżi u rkaptu simili, għajr xbieki tat-tkarkir bi travu, b'malji ta' daqs li jvarja minn 70 sa 99 mm fiż-żona definita fil-punt (b) tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 494/2002 jekk l-irkaptu jkun mgħammar b'pannell bil-malji kwadri ta' 100 mm.

**ANNESS VIII**

IL-BAĦAR BALTIKU

Parti A

Daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni

| Speċijiet | Żoni Ġeografiċi | Daqs Minimu ta' Referenza għall-Konservazzjoni |
|---|---|---|
| Bakkaljaw (*Gadus morhua*) | Subdiviżjonijiet 22-32 | 35 cm |
| Barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*) | Subdiviżjonijiet 22-32 | 25 cm |
| Salamun (*Salmo salar*) | Subdiviżjonijiet 22-30 u 32<br>Subdiviżjoni 31 | 60 cm<br>50 cm |
| Barbun (*Platichthys flesus*) | Subdiviżjonijiet 22-25<br>Subdiviżjonijiet 26, 27 u 28<br>Subdiviżjonijiet 29-32, Nofsinhar ta' 59° | 23 cm<br>21 cm<br>18-il cm |
| Barbun imperjali (*Psetta maxima*) | Subdiviżjonijiet 22-32 | 30 cm |
| Barbun lixx (*Scophthalmus rhombus*) | Subdiviżjonijiet 22-32 | 30 cm |
| Sallur (*Anguilla Anguilla*) | Subdiviżjonijiet 22-32 | 35 cm |
| Trota tal-baħar (*Salmo trutta*) | Subdiviżjonijiet 22-25 u 29-32<br>Subdiviżjonijiet 26, 27 u 28 | 40 cm<br>50 cm |

Parti B

Qisien tal-malji

1. Daqsijiet tal-malja ta' referenza għal irkaptu rmunkat

1.1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligu ta' ħatt l-art, il-bastimenti għandhom jużaw daqs tal-malja ta' mill-inqas 120 mm magħmula minn T90 jew mill-inqas 105 mm mgħammra b'tieqa tal-ħruġ tat-tip BACOMA ta' 120 mm.

1.2. Mingħajr preġudizzju għall-obbligu ta' ħatt l-art u minkejja l-punt 1.1, il-bastimenti jistgħu jużaw daqsijiet tal-malji iżgħar kif elenkati fit-tabella li ġejja għall-Baħar Baltiku dment li:

(i) ikun hemm konformità mal-kondizzjonijiet assoċjati stabbiliti f'dik it-tabella, u l-qabdiet aċċessorji tal-bakkaljaw ma jaqbżux l-10 % tal-qabda totali f'piż ħaj tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar kollha li jinħattu l-art wara kull vjaġġ tas-sajd; jew

(ii) jintużaw modifiki ta' selettività oħra li ġew ivvalutati mill-STECF fuq talba ta' Stat Membru wieħed jew aktar u approvati mill-Kummissjoni. Dawk il-modifiki ta' selettività għandhom jirriżultaw fl-istess karatteristiċi jew aħjar ta' selettività għall-bakkaljaw bħal dik ta' T90 ta' 120 mm, jew ta' 105 mm mgħammra b'tieqa tal-ħruġ tat-tip BACOMA ta' 120 mm, rispettivament.

| Daqs tal-Malja | Żoni Ġeografiċi | Kondizzjonijiet |
|---|---|---|
| Mill-inqas 90 mm | Fis-subdiviżjonijiet 22 u 23 | Sajd dirett għall-pixxiċatt[1]<br>Sajd dirett għall-merlangu |
| Mill-inqas 32 mm | Fis-subdiviżjonijiet 22-27 | Sajd dirett għall-aringa, il-kavall, is-sawrell u l-istokkafixx |
| Mill-inqas 16-il mm | Fis-subdiviżjonijiet 22-27 | Sajd dirett għal-laċċa kaħla[2] |
| Mill-inqas 16-il mm | Żona sħiħa | Sajd dirett għal speċijiet għajr il-pixxiċatt u li mhumiex soġġetti għal limiti ta' qbid u li mhumiex koperti f'parti oħra tat-tabella |
| Mill-inqas 16-il mm | Fis-subdiviżjonijiet 28-32 | Sajd dirett għal speċijiet pelaġiċi żgħar li mhumiex koperti f'parti oħra tat-tabella |
| Inqas minn 16-il mm | Żona sħiħa | Sajd dirett għaċ-ċiċċirell |

1 L-użu ta' tkarkir bil-lasta ma għandux jiġi awtorizzat.
2 Il-qabda tista' tikkonsisti minn sa 45 % ta' aringi skont il-piż ħaj.

2. Daqsijiet tal-malja ta' referenza għax-xbieki statiċi

2.1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-ħatt l-art, il-bastimenti għandhom jużaw daqs tal-malja ta' mill-inqas 110 mm, jew 157 mm meta jsir sajd għas-salamun.

2.2. Mingħajr preġudizzju għall-obbligu ta' ħatt l-art, u minkejja l-punt 2.1, il-bastimenti jistgħu jużaw daqsijiet iżgħar tal-malji kif elenkati fit-tabella li ġejja għall-Baħar Baltiku dment li jkun hemm konformità mal-kondizzjonijiet assoċjati stabbiliti f'din it-tabella, u l-qabdiet aċċessorji tal-bakkaljaw ma jaqbżux l-10 % tal-qabdiet totali f'piż ħaj tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar kollha li jinħattu l-art wara kull vjaġġ tas-sajd jew ħames speċijiet ta' salamun.

| Daqs tal-Malja | Żoni Ġeografiċi | Kondizzjonijiet[1] |
|---|---|---|
| Mill-inqas 90 mm | Żona sħiħa | Sajd dirett għal speċijiet ta' pixxiċatt |
| Inqas minn 90 mm | Żona sħiħa | Sajd dirett għal speċijiet pelaġiċi żgħar |
| Mill-anqas 16-il mm | Żona sħiħa | Sajd dirett għal speċijiet li mhumiex soġġetti għal limiti ta' qbid u li mhumiex koperti f'parti oħra tat-tabella |

[1] L-użu ta' għażel, xbieki tat-tħabbil jew pariti ta' aktar minn 9 km għall-bastimenti b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru u 21 km għal bastimenti b'tul totali ta' aktar minn 12-il metru għandu jkun ipprojbit. Il-ħin tal-immersjoni massimu għal tali rkaptugaħndu jkun ta' 48 siegħa ħlief meta s-sajd isir taħt is-silġ.

## Parti C

## Żoni magħluqin jew ristretti

1. Restrizzjonijiet fuq is-sajd bi rkaptu rmunkat

Għandu jkun ipprojbit tul is-sena kollha li jsir sajd bi kwalunkwe rkaptu rmunkat fiż-żona ġeografika magħluqa bit-tgħaqqid sekwenzjali mal-linji rombu tal-koordinati li ġejjin, li għandhom jitkejlu skont is-sistema ta' koordinati WGS84:

– 54°23' N, 14°35' E

– 54°21' N, 14°40' E

– 54°17' N, 14°33' E

– 54°07' N, 14°25' E

– 54°10' N, 14°21' E

– 54°14' N, 14°25' E

– 54°17' N, 14°17' E

– 54°24' N, 14°11' E

– 54°27' N, 14°25' E

– 54°23' N, 14°35' E

2. Restrizzjonijiet fuq is-sajd għas-salamun u għat-trota tal-baħar

2.1. Is-sajd dirett għas-salamun (Salmo salar) jew għat-trota tal-baħar (Salmo trutta) għandu jkun ipprojbit:

(a) mill-1 ta' Ġunju sal-15 ta' Settembru kull sena fl-ilmijiet tas-subdiviżjonijiet 22 – 31;

(b) mill-15 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru kull sena fl-ilmijiet tas-subdiviżjoni 32.

2.2. Iż-żona ta' projbizzjoni matul l-istaġun magħluq għandha tkun lil hinn minn erba' mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi.

2.3. Iż-żamma abbord ta' salamun (Salmo salar) jew trota tal-baħar (Salmo trutta) maqbudin bi xbieki nassa għandha tkun permessa.

3. Miżuri speċifiċi għall-Golf ta' Riga

3.1. Sabiex isir sajd fis-subdiviżjoni 28-1, il-bastimenti għandhom ikollhom permess tas-sajd maħruġ skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

3.2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti li nħarġilhom il-permess tas-sajd imsemmi fil-punt 3.1 jiġu inklużi f'lista li jkun fiha l-isem u n-numru ta' reġistrazzjoni interna tagħhom, li titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fuq sit web, li l-indirizz tiegħu jkun ipprovdut minn kull Stat Membru lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

3.3. Il-bastimenti inklużi fil-lista għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-qawwa totali tal-magni (kW) tal-bastimenti fil-listi ma għandhiex tkun aktar minn dik osservata għal kull Stat Membru fis-snin 2000-2001 fis-subdiviżjoni 28-1; u

(b) is-saħħa tal-magni ta' bastiment ma għandhiex tkun ikbar minn 221 kW fi kwalunkwe waqt.

3.4. Kwalunkwe bastiment individwali fil-lista msemmija fil-punt 3.2 jista' jiġi sostitwit b'bastiment jew bastimenti oħrajn, bil-kondizzjoni li:

(a) tali sostituzzjoni ma twassalx għal żieda fit-total tas-saħħa tal-magni kif indikat fil-punt 3.3(a) fl-Istat Membru kkonċernat; u

(b) il-qawwa tal-magni ta' kwalunkwe bastiment ta' sostituzzjoni ma taqbiżx il-221 kW fi kwalunkwe waqt.

3.5. Il-magna ta' kwalunkwe bastiment individwali inkluż fil-lista msemmija fil-punt 3.2 tista' tiġi sostitwita, bil-kondizzjoni li:

(a) is-sostituzzjoni ta' magna ma twassalx sabiex il-qawwa tal-magni tal-bastiment taqbeż il-221 kW fi kwalunkwe waqt; u

(b) is-saħħa tal-magna ta' sostituzzjoni ma tkunx tali li s-sostituzzjoni twassal għal żieda fis-saħħa totali tal-magni kif indikat fil-punt 3.3(a) għall-Istat Membru kkonċernat.

3.6. Fis-subdiviżjoni 28-1, is-sajd bix-xbieki tat-tkarkir għandu jkun ipprojbit f'ilmijiet b'fond ta' inqas minn 20 metru.

4. Restrizzjonijiet fuq is-sajd skont iż-żona

4.1. Għandu jkun ipprojbit li ssir kwalunkwe attività tas-sajd mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Ottubru kull sena fiż-żoni magħluqin bit-tgħaqqid sekwenzjali b'linji rombu tal-pożizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jitkejlu skont is-sistema tal-koordinati WGS84:

(a) Żona 1:

– 55°45′ N, 15°30′ E

– 55°45′ N, 16°30′ E

– 55°00′ N, 16°30′ E

– 55°00′ N, 16°00′ E

– 55°15′ N, 16°00′ E

– 55°15′ N, 15°30′ E

– 55°45′ N, 15°30′ E

(b) Żona 2:

– 55°00′ N, 19°14′ E

– 54°48′ N, 19°20′ E

– 54°45′ N, 19°19′ E

– 54°45′ N, 18°55′ E

– 55°00′ N, 19°14′ E

(c) Żona 3:

– 56°13′ N, 18°27′ E

– 56°13′ N, 19°31′ E

– 55°59′ N, 19°13′ E

– 56°03′ N, 19°06′ E

– 56°00′ N, 18°51′ E

– 55°47′ N, 18°57′ E

– 55°30′ N, 18°34′ E

– 56°13′ N, 18°27′ E

4.2. Is-sajd dirett għas-salamun b'għażel, xbieki tat-tħabbil u pariti b'daqs tal-malja ta' 157 mm jew ikbar jew b'konzijiet tal-wiċċ għandu jkun permess. L-ebda rkaptu ieħor ma għandu jinżamm abbord.

4.3. Is-sajd dirett għall-bakkaljaw bl-irkaptu speċifikat fil-punt 5.2 għandu jkun ipprojbit.

5. Restrizzjonijiet fuq is-sajd għall-barbun u għall-barbun imperjali

5.1. Iż-żamma abbord tal-ispeċijiet ta' ħut li ġejjin għandha tkun ipprojbita meta dawn jinqabdu fiż-żoni ġeografiċi u matul il-perijodi msemmijin hawn taħt:

| Speċijiet | Żoni Ġeografiċi | Perijodu |
|---|---|---|
| Barbun | Subdiviżjonijiet 26-29, fin-Nofsinhar ta' 59° 30′ N<br>Subdiviżjoni 32 | Mill-15 ta' Frar sal-15 ta' Mejju<br>Mill-15 ta' Frar sal-31 ta' Mejju |
| Barbun imperjali | Subdiviżjonijiet 25, 26 u 28, fin-Nofsinhar ta' 56° 50′ N | Mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju |

5.2. Is-sajd dirett bi xbieki tat-tkarkir, tartaruni Daniżi jew irkaptu simili b'daqs tal-malja tal-manka ta' 90 mm jew akbar jew b'għeżul, xbieki tat-tħabbil jew pariti b'daqs tal-malja ta' 90 mm jew akbar għandu jkun ipprojbit. Qabdiet aċċessorji ta' barbun u barbun imperjali jistgħu jinżammu abbord u jinħattu l-art f'limitu ta' 10 % tal-piż ħaj tal-qabda sħiħa miżmuma abbord matul il-perijodi msemmija fil-punt 6.1.

6. Restrizzjonijiet fuq sajd għas-sallur

Iż-żamma abbord ta' sallur maqbud bi kwalunkwe rkaptu attiv għandha tkun ipprojbita. Meta jinqabad inċidentalment, is-sallur m'għandhiex issirlu ħsara u għandu jinħeles mill-ewwel.

## ANNESS IX

IL-BAĦAR MEDITERRAN

Parti A

Daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni

| Speċijiet | Żona Sħiħa |
|---|---|
| Spnott (*Dicentrarchus labrax*) | 25 cm |
| Sparlu (*Diplodus annularis*) | 12-il cm |
| Mogħża (*Diplodus puntazzo*) | 18-il cm |
| Sargu komuni (*Diplodus sargus*) | 23 cm |
| Xirgħien (*Diplodus vulgaris*) | 18-il cm |
| Inċova (*Engraulis encrasicolus*) | 9 cm[1] |
| Ċeren u Dott (*Epinephelus* spp.) | 45 cm |
| Ajula (*Lithognathus mormyrus*) | 20 cm |
| Merluzz (*Merluccius merluccius*) | 20 cm |
| Trilja tal-ħama (*Mullus* spp.) | 11-il cm |
| Bażuga (*Pagellus acarne*.) | 17-il cm |
| Paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) | 33 cm |
| Paġella ħamra (*Pagellus erythrinus*) | 15-il cm |
| Pagru (*Pagrus pagrus*) | 18-il cm |
| Ħanżir tal-fond (*Polyprion americanus*.) | 45 cm |
| Sardina (*Sardina pilchardus*) | 11-il cm[2, 4] |
| Kavalli (*Scomber* spp.) | 18-il cm |
| Lingwata komuni (*Solea vulgaris*) | 20 cm |
| Awrat (*Sparus aurata*) | 20 cm |

| Speċijiet | Żona Sħiħa |
|---|---|
| Sawrell (*Trachurus* spp.) | 15-il cm |
| Skampu (*Nephrops norvegicus*) | 20 mm CL[3]<br>70 mm TL[3] |
| Awwista Ewropea (*Homarus gammarus*) | 105 mm CL[3]<br>300 mm TL[3] |
| Awwisti (*Palinuridae*) | 90 mm CL[3] |
| Gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*) | 20 mm CL[3] |
| Scallop (*Pecten jacobaeus*) | 10 cm |
| Vongole (*Venerupis* spp.) | 25 mm |
| Gandoffli (*Venus* spp.) | 25 mm |

1 L-Istati Membri jistgħu jaqilbu d-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni f'110 kampjun kull kg.

2 L-Istati Membri jistgħu jaqilbu d-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni f'55 kampjun kull kg.

3 CL – tul tal-karapaċa; TL – tul totali.

4 Dan id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ma għandux japplika għaż-żgħar tas-sardin li jinħattu l-art għall-konsum mill-bniedem jekk dawn ikunu nqabdu b'tartaruni jew b'tartaruni tax-xatt u awtorizzati skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali stabbiliti fi pjan ta' ġestjoni kif imsemmi fl-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006, dment li l-istokk ta' sardin ikkonċernat ikun fil-limiti bijoloġiċi sikuri.

Parti B

Qisien tal-malji

1. Daqsijiet tal-malja ta' referenza għal irkaptu rmunkat

Id-daqsijiet tal-malji li ġejjin għandhom japplikaw fil-Baħar Mediterran.

| Daqs tal-Malja[1] | Żoni Ġeografiċi | Kondizzjonijiet |
|---|---|---|
| Manka b'malji kwadri ta' mill-inqas 40 mm[2] | Żona sħiħa | Manka b'malja maqrut ta' 50 mm[2] tista' tintuża bħala alternattiva għall-manka b'malji kwadri ta' mill-inqas 40 mm fuq talba ġġustifikata tal-kaptan tal-bastiment |
| Mill-inqas 20 mm | Żona sħiħa | Sajd dirett għas-sardin u l-inċova |

1 Għandu jkun ipprojbit l-użu ta' xbieki bi ħxuna tal-ispag akbar minn 3 mm jew bi brim multiplu; jew xbieki bi ħxuna tal-brim akbar minn 6 mm fi kwalunkwe parti ta' xibka tat-tkarkir tal-qiegħ.

2 Tip wieħed biss ta' xibka (jew bil-malji kwadri ta' 40 mm jew bil-malji maqrut ta' 50 mm) huwa permess li jinżamm abbord jew jintuża.

2. Daqs tal-malja ta' referenza għax-xbieki tat-tidwir

| Daqs tal-Malja | Żoni Ġeografiċi | Kondizzjonijiet |
|---|---|---|
| Mill-inqas 14-il mm | Żona sħiħa | Xejn |

3. Daqsijiet tal-malja ta' referenza għax-xbieki statiċi

Id-daqsijiet tal-malja għall-għażel tal-qiegħ li ġejjin għandhom japplikaw fil-Baħar Mediterran.

| Daqs tal-Malja | Żoni Ġeografiċi | Kondizzjonijiet |
|---|---|---|
| Mill-inqas 16-il mm | Żona sħiħa | Xejn |

4. Għandhom jibqgħu japplikaw id-derogi eżistenti mid-dispożizzjonijiet stipulati fil-punti 1, 2 u 3 għat-tartaruni u t-tartaruni tax-xatt li huma affettwati minn pjan ta' ġestjoni kif imsemmi fl-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 u maħruġa fil-qafas tal-Artikolu 9 ta' dak ir-Regolament sakemm ma jiġix iddeterminat mod ieħor permezz tal-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament.

## Parti C

## Restrizzjonijiet fuq l-użu ta' rkaptu tas-sajd

1. Restrizzjonijiet fuq l-użu tal-gangmi

Il-wisgħa massima tal-gangmi għandha tkun ta' 3 metri, ħlief għal gangmi użati għal sajd dirett għal sponoż.

2. Restrizzjonijiet fuq l-użu ta' tartaruni tal-borża

It-tul ta' tartaruni tal-borża u tartaruni mingħajr borża għandu jkun ristrett għal 800 metru b'fond ta' 120 metru, ħlief fil-każ ta' tartaruni tal-borża użati għal sajd dirett għat-tonn.

3. Restrizzjonijiet fuq l-użu ta' xbieki statiċi

3.1. Għandu jkun ipprojbit l-użu tax-xbieki statiċi li ġejjin:

(a) Parit bi profondità ta' aktar minn 4 metri

(b) Għażel tal-qiegħ jew parit u għażel ikkombinati bi profondità ta' aktar minn 10 metri ħlief meta dawn ix-xbieki jkunu iqsar minn 500 metru, fejn tkun permessa profondità ta' mhux aktar minn 30 metru.

3.2. Għandu jkun ipprojbit l-użu ta' kwalunkwe għażel, xibka tat-tħabbil jew parit mibnija bi ħxuna tal-ispag eħxen minn 0,5mm.

3.3. Għandu jkun ipprojbit li jkun hemm abbord jew jiġu ssettjati aktar minn 2 500 metru ta' parit xkitt u 6 000 metru ta' kwalunkwe għażel, xibka tat-tħabbil jew parit.

4. Restrizzjonijiet fuq l-użu ta' konzijiet

4.1. Għandu jkun ipprojbit għal bastimenti tas-sajd b'konzijiet tal-qiegħ li jkollhom abbord jew jużaw aktar minn 5,000 sunnara ħlief għal bastimenti li jagħmlu vjaġġi tas-sajd ta' aktar minn 3 ijiem li jista' jkollhom abbord jew jużaw mhux aktar minn 7,000 sunnara.

4.2. Għandu jkun ipprojbit għal bastimenti tas-sajd b'konzijiet tal-wiċċ li jkollhom abbord jew jużaw aktar min-numru ta' snanar għal kull bastiment kif ġej:

(a) 2,500 sunnara meta jsir sajd dirett għall-pixxispad; u

(b) 5,000 sunnara meta jsir sajd dirett għall-alongi.

4.3. Bastiment li jagħmel vjaġġ tas-sajd ta' aktar minn jumejn jista' jkollu abbord numru ekwivalenti ta' snanar żejda.

5. Restrizzjonijiet fuq l-użu ta' nases u kavetti

Għandu jkun ipprojbit li jkun hemm abbord jew jiġu ssettjati aktar minn 250 nassa jew kavetta għal kull bastiment sabiex jinqabdu krustaċji tal-qiegħ.

6. Restrizzjonijiet fuq is-sajd dirett għal paġella ħamra

Is-sajd dirett għall-paġell aħmar (Pagellus bogaraveo) bl-irkaptu li ġej għandu jkun ipprojbit:

– għeżul, xbieki tat-tħabbil jew pariti b'daqs tal-malji iżgħar minn 100 mm;

– konzijiet bi snanar ta' tul totali ta' anqas minn 3,95 cm u ħxuna ta' anqas minn 1,65 cm.

7. Restrizzjonijiet fuq is-sajd bi xkbetti li jisparaw foxxni

Għandu jkun ipprojbit is-sajd bi xkbetti li jisparaw foxxni jekk jintużaw flimkien ma' apparat tat-teħid tan-nifs taħt l-ilma (aqualung) jew filgħaxija minn inżul ix-xemx sakemm jisbaħ.

# ANNESS X

IL-BAĦAR L-ISWED

Parti A

Daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni

| Speċijiet | Daqs Minimu ta' Referenza għall-Konservazzjoni |
|---|---|
| Barbun imperjali (Psetta maxima) | 45 cm |

Parti B

Qisien tal-malji

1. Daqsijiet tal-malja ta' referenza għal irkaptu rmunkat għal stokkijiet demersali

Id-daqsijiet tal-malja li ġejjin għandhom japplikaw fil-Baħar l-Iswed:

| Daqs tal-Malja | Żoni Ġeografiċi | Kondizzjonijiet |
|---|---|---|
| Mill-anqas 40 mm | Żona sħiħa | Manka b'malja maqrut ta' 50 mm[1] tista' tintuża bħala alternattiva għall-manka b'malji kwadri ta' mill-inqas 40 mm fuq talba ġġustifikata tas-sid tal-bastiment |

[1] Tip wieħed biss ta' xibka (jew bil-malji kwadri ta' 40 mm jew bil-malji maqrut ta' 50 mm) huwa permess li jinżamm abbord jew jintuża.

2. Daqsijiet tal-malja ta' referenza għax-xbieki statiċi

Id-daqsijiet tal-malja għax-xbieki statiċi li ġejjin għandhom japplikaw fil-Baħar l-Iswed:

| Daqs tal-Malja | Żoni Ġeografiċi | Kondizzjonijiet |
|---|---|---|
| Mill-inqas 400 mm | Żona sħiħa | Għażel tal-qiegħ meta jintuża biex jinqabad il-barbun imperjali |

3. Restrizzjonijiet fuq l-użu ta' xbieki tat-tkarkir u gangmi

L-użu ta' xbieki tat-tkarkir jew gangmi f'fond ta' aktar minn 1000 metru għandu jkun ipprojbit.

# ANNESS XI

Ilmijiet tal-Unjoni fl-Oċean Indjan u fl-Atlantiku tal-Punent

Parti A

1. Daqsijiet tal-malja ta' referenza għal irkaptu rmunkat

Id-daqsijiet tal-malja li ġejjin għandhom japplikaw fl-ilmijiet tal-Unjoni fl-Oċean Indjan u fl-Atlantiku tal-Punent.

| Daqs tal-Malja | Żoni Ġeografiċi | Kondizzjonijiet |
|---|---|---|
| Mill-inqas 100 mm | L-ibħra kollha 'il barra mill-kosta tad-dipartiment Franċiż ta' Guyana li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' Franza | Xejn |
| Mill-inqas 45 mm | L-ibħra kollha 'il barra mill-kosta tad-dipartiment Franċiż ta' Guyana li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' Franza | Sajd dirett għall-gamblu (Penaeus subtilis, Penaeus brasiliensis, Xiphopenaeus kroyeri). |

2. Daqs tal-malja ta' referenza għax-xbieki tat-tidwir

| Daqs tal-Malja | Żoni Ġeografiċi | Kondizzjonijiet |
|---|---|---|
| Mill-inqas 14-il mm | Żona sħiħa | Xejn |

Parti B

Żoni magħluqin jew ristretti

Restrizzjonijiet fuq attivitajiet tas-sajd fiż-żona ta' 24 mil madwar Mayotte

Il-bastimenti għandhom ikunu pprojbiti milli jużaw tartaruni tal-borża fuq tonn u speċijiet ta' ħut li jixbhu lit-tonn sa 24 mil nawtiku mill-kosta ta' Mayotte, imkejla mil-linji bażi minn fejn jitkejlu l-ibħra territorjali.

## ANNESS XII

Iż-Żona Regolatorja tan-NEAFC

Parti A

Daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni

| Speċijiet | NEAFC |
|---|---|
| Bakkaljaw żgħir (*Melanogrammus aeglefinus*) | 30 cm |
| Lipp (*Molva molva*) | 63 cm |
| Linarda (*Molva dipterygia*) | 70 cm |
| Kavalli (*Scombe*r spp.) | 30 cm |
| Aringi (*Clupea harengus*) | 20 cm |

Parti B

Qisien tal-malji

1. Daqsijiet tal-malja ta' referenza għal irkaptu rmunkat

Id-daqsijiet tal-malji tal-manka li ġejjin għandhom japplikaw fiż-Żona Regolatorja tan-NEAFC.

| Daqs tal-Malja tal-Manka | Żoni Ġeografiċi | Kondizzjonijiet |
|---|---|---|
| Mill-inqas 100 mm | Żona sħiħa | Xejn |
| Mill-inqas 35 mm | Żona sħiħa | Sajd dirett għall-istokkafixx |
| Mill-inqas 32 mm | ICES<br>Subżoni 1 u 2 | Sajd dirett għall-gamblu tal-fond tat-Tramuntana (*Pandalus borealis*)<br>Għandha titqabbad gradilja li tissepara bi spazju massimu tal-vireg ta' 22 mm |
| Mill-inqas 16-il mm | Żona sħiħa | Sajd dirett għall-kavall, il-kapelin u l-arġentina |

2. Daqsijiet tal-malja ta' referenza għax-xbieki statiċi

Id-daqsijiet tal-malja għax-xbieki statiċi li ġejjin għandhom japplikaw fiż-Żona Regolatorja tan-NEAFC.

| Daqs tal-Malja | Żoni Ġeografiċi | Kondizzjonijiet |
|---|---|---|
| Mill-inqas 220mm | Żona sħiħa | Xejn |

Parti C

Żoni magħluqin jew ristretti

1. Miżuri għas-sajd tar-redfish fil-Baħar Irminger u l-ilmijiet ta' madwaru

1.1. Għandu jkun ipprojbit li jinqabad ir-redfish fl-ibħra internazzjonali tas-subżona 5 tal-ICES u l-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 12 u 14 tal-ICES.

Permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu, għandu jkun permess li jinqabad ir-redfish mill-11 ta' Mejju sal-31 ta' Diċembru fiż-żona magħluqa bit-tgħaqqid sekwenzjali mal-linji ta' rombu tal-koordinati li ġejjin, u li għandhom jitkejlu skont is-sistema WGS84 ("Iż-Żona ta' Konservazzjoni tar-Redfish"):

– 64°45′ N, 28°30′ W

– 62°50′ N, 25°45′ W

– 61°55′ N, 26°45′ W

– 61°00′ N, 26°30′ W

– 59°00′ N, 30°00′ W

– 59°00′ N, 34°00′ W

– 61°30′ N, 34°00′ W

– 62°50′ N, 36°00′ W

– 64°45′ N, 28°30′ W.

1.2. Minkejja l-punt 1.1, jista' jiġi permess is-sajd għar-redfish, permezz ta' att legali tal-Unjoni, barra miż-Żona ta' Konservazzjoni tar-Redfish fil-Baħar Irminger u l-ilmijiet ta' madwaru mill-11 ta' Mejju sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena abbażi ta' parir xjentifiku u sakemm, fir-rigward tar-redfish f'dik iż-żona ġeografika, in-NEAFC tkun stabbiliet pjan ta' rkupru. F'dan is-sajd għandhom jipparteċipaw biss bastimenti tal-Unjoni li jkunu ġew debitament awtorizzati mill-Istat Membru rispettiv tagħhom u li jkunu ġew innotifikati lill-Kummissjoni kif meħtieġ skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010.

1.3. Għandu jkun projbit l-użu ta' xbieki tat-tkarkir b'malji ta' inqas minn 100 mm.

1.4. Il-fattur ta' konverżjoni li għandu jiġi applikat għall-preżentazzjoni tal-ħuta mnaddfa u bla ras, inkluż il-preżentazzjoni fil-forma ta' qatgħa Ġappuniża, tar-redfish maqbud f'din is-sajda għandu jkun 1,70.

1.5. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd impenjati fis-sajda barra ż-Żona ta' Konservazzjoni tar-Redfish, għandhom jittrażmettu r-rapport tal-qabda previst fil-punt (b) tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010, kuljum wara li jitlestew l-operazzjonijiet tas-sajd ta' dik il-ġurnata kalendarja. Ir-rapport għandu jindika l-qabdiet abbord li saru mill-aħħar komunikazzjoni tal-qbid.

1.6. Minbarra l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010, awtorizzazzjoni biex wieħed jistad għar-redfish għandha tkun valida biss jekk ir-rapporti trażmessi minn bastimenti jkunu skont l-Artikolu 9(1) ta' dak ir-Regolament u rreġistrati skont l-Artikolu 9(3) tiegħu.

1.7. Ir-rapporti msemmija fil-punt 1.6 għandhom isiru skont ir-regoli rilevanti.

2. Regoli speċjali għall-protezzjoni tal-linarda

2.1. Mill-1 ta' Marzu sal-31 ta' Mejju ta' kull sena għandu jkun ipprojbit li tinżamm abbord kwantità ta' linarda li taqbeż is-6 tunnellati għal kull vjaġġ tas-sajd fiż-żoni tad-diviżjoni 6a tal-ICES, magħluqa bit-tgħaqqid sekwenzjali mal-linji ta' rombu tal-koordinati li ġejjin, li għandhom jitkejlu skont is-sistema WGS84:

(a) It-tarf tal-blata kontinentali Skoċċiża

– 59°58′ N, 07°00′ W

– 59°55′ N, 06°47′ W

– 59°51′ N, 06°28′ W

– 59°45′ N, 06°38′ W

– 59°27′ N, 06°42′ W

– 59°22′ N, 06°47′ W

– 59°15′ N, 07°15′ W

- 59°07′ N, 07°31′ W
- 58°52′ N, 07°44′ W
- 58°44′ N, 08°11′ W
- 58°43′ N, 08°27′ W
- 58°28′ N, 09°16′ W
- 58°15′ N, 09°32′ W
- 58°15′ N, 09°45′ W
- 58°30′ N, 09°45′ W
- 59°30′ N, 07°00′ W
- 59°58′ N, 07°00′ W;

(b) It-tarf ta' Rosemary bank

- 60°00′ N, 11°00′ W
- 59°00′ N, 11°00′ W
- 59°00′ N, 09°00′ W
- 59°30′ N, 09°00′ W
- 59°30′ N, 10°00′ W
- 60°00′ N, 10°00′ W
- 60°00′ N, 11°00′ W

Mhux inklużа ż-żona magħluqa bit-tgħaqqid sekwenzjali mal-linji ta' rombu tal-koordinati li ġejjin, imkejlin skont is-sistema WGS84:

– 59°15′ N, 10°24′ W

– 59°10′ N, 10°22′ W

– 59°08′ N, 10°07′ W

– 59°11′ N, 09°59′ W

– 59°15′ N, 09°58′ W

– 59°22′ N, 10°02′ W

– 59°23′ N, 10°11′ W

– 59°20′ N, 10°19′ W

– 59°15′ N, 10°24′ W.

2.2. Fejn il-linarda tkun soġġetta għall-obbligu ta' ħatt l-art stipulat fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-punt 2.1 ma għandux japplika.

Is-sajd għal-linarda bi kwalunkwe rkaptu fil-perijodu u fiż-żoni msemmijin fil-punt 2.1 għandu jiġi pprojbit.

2.3. Meta jidħol u meta joħroġ miż-żoni msemmija fil-punt 2.1, il-kaptan ta' bastiment tas-sajd għandu jirreġistra d-data, il-ħin u l-post tad-dħul u tal-ħruġ fil-ġurnal ta' abbord.

2.4. F'żona waħda jew l-oħra miż-żewġ żoni msemmija fil-punt 2.1, jekk bastiment jilħaq is-6 tunnellati ta' linardi:

(a) għandu jieqaf mis-sajd immedjatament u joħroġ miż-żona li jinsab fiha;

(b) ma għandux jerġa' jidħol f'xi waħda miż-żoni sakemm il-qabda tiegħu tkun tħattet l-art;

(c) ma jistax jerġa' jitfa' lura l-baħar kwalunkwe kwantità ta' linarda.

2.5. L-osservaturi msemmija fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2016/2336 li jkunu assenjati għall-bastimenti tas-sajd preżenti f'waħda miż-żoni msemmija fil-punt 2.1 għandhom, għal kampjuni xierqa tal-qabdiet ta' linarda, ikejlu l-ħut fil-kampjuni u jiddeterminaw l-istadju tal-maturità sesswali tal-ħut subkampjunat. Abbażi tal-parir mogħti mill-STECF, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu protokolli dettaljati għall-kampjunar u għall-ġbir ta' riżultati.

2.6. Mill-15 ta' Frar sal-15 ta' April ta' kull sena, għandu jkun ipprojbit l-użu ta' xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, konzijiet u għeżula f'żona magħluqa bit-tgħaqqid sekwenzjali mal-linji ta' rombu tal-koordinati li ġejjin, u li għandhom jitkejlu skont is-sistema WGS84:

– 60°58.76′ N, 27°27.32′ W

– 60°56.02′ N, 27°31.16′ W

– 60°59.76′ N, 27°43.48′ W

– 61°03.00′ N, 27°39.41′ W

– 60°58.76′ N, 27°27.32′ W.

3. Miżuri għas-sajd tar-redfish f'ilmijiet internazzjonali fis-subżoni 1 u 2 tal-ICES

3.1. Is-sajd dirett għar-redfish f'ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 2 tal-ICES għandu jkun permess biss fil-perijodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena minn bastimenti li preċedentement intużaw fis-sajd għar-redfish fiż-Żona Regolatorja tan-NEAFC.

3.2. Il-bastimenti għandhom jillimitaw il-qabdiet aċċessorji tagħhom tar-redfish f'sajdiet oħrajn għal massimu ta' 1 % tal-qabda totali miżmuma abbord.

3.3. Il-fattur ta' konverżjoni li għandu jiġi applikat għall-preżentazzjoni tal-ħuta mnaddfa u bla ras, inkluż il-preżentazzjoni fil-forma ta' qatgħa Ġappuniża, tar-redfish maqbud f'din is-sajda għandu jkun 1,70.

3.4. B'deroga mill-punt (b) tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010, il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd involuti f'din is-sajda għandhom jirrapportaw il-qabdiet tagħhom ta' kuljum.

3.5. Minbarra l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010, awtorizzazzjoni biex wieħed jistad għar-redfish għandha tkun valida biss jekk ir-rapporti trażmessi minn bastimenti jkunu skont l-Artikolu 9(1) ta' dak ir-Regolament u rreġistrati skont l-Artikolu 9(3) tiegħu.

3.6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni xjentifika tinġabar minn osservaturi xjentifiċi abbord il-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom. Bħala minimu l-informazzjoni miġbura għandha tinkludi data rappreżentattiva dwar is-sess, l-età u l-kompożizzjoni skont it-tul, skont il-fond. Din l-informazzjoni għandha tkun rappurtata lill-ICES mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri.

3.7. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri dwar id-data li fiha s-Segretarjat tal-NEAFC ikun innotifika lill-Partijiet Kontraenti tan-NEAFC li l-qabdiet totali permissibbli (TAC) ikunu ġew eżawriti. Minn dik id-data l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu s-sajd dirett għar-redfish minn bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom.

4. Il-kaxxa Rockall Haddock fis-subżona 6 tal-ICES

Is-sajd kollu, għajr dak bil-konzijiet, għandu jiġi pprojbit fiż-żoni magħluqa bit-tgħaqqid sekwenzjali mal-linji ta' rombu tal-koordinati li ġejjin, li għandhom jitkejlu bis-sistema WGS84:

– 57°00′ N, 15°00′ W

– 57°00′ N, 14°00′ W

– 56°30′ N, 14°00′ W

– 56°30′ N, 15°00′ W

– 57°00′ N, 15°00′ W.

Parti D

Żoni magħluqin għall-protezzjoni ta' ħabitats sensittivi

1. Għandu jkun ipprojbit it-tkarkir tal-qiegħ u s-sajd b'irkaptu statiku, inkluż għeżul u konzijiet tal-qiegħ, fiż-żoni li ġejjin li jagħqdu sekwenzjali mal-linji ta' rombu tal-koordinati li ġejjin, u li għandhom jitkejlu skont is-sistema WGS84:

Parti mir-Reykjanes Ridge:

– 55°04.5327′ N, 36°49.0135′ W

– 55°05.4804′ N, 35°58.9784′ W

– 54°58.9914′ N, 34°41.3634′ W

– 54°41.1841′ N, 34°00.0514′ W

– 54°00′ N, 34°00′ W

– 53°54.6406′ N, 34°49.9842′ W

– 53°58.9668′ N, 36°39.1260′ W

– 55°04.5327′ N, 36°49.0135′ W

Iż-żona MAR tat-Tramuntana:

– 59°45′ N, 33°30′ W

– 57°30′ N, 27°30′ W

– 56°45′ N, 28°30′ W

– 59°15′ N, 34°30′ W

– 59°45′ N, 33°30′ W

Iż-żona MAR tan-nofs (iż-żona Charlie-Gibbs Fracture u r-Reġjun Frontali Subpolari):

– 53°30′ N, 38°00′ W

– 53°30′ N, 36°49′ W

– 55°04.5327′ N, 36°49′ W

– 54°58.9914′ N, 34°41.3634′ W

– 54°41.1841′ N, 34°00′ W

– 53°30′ N, 30°00′ W

– 51°30′ N, 28°00′ W

– 49°00′ N, 26°30′ W

– 49°00′ N, 30°30′ W

– 51°30′ N, 32°00′ W

– 51°30′ N, 38°00′ W

– 53°30′ N, 38°00′ W

Iż-żona MAR tan-nofsinhar:

– 44°30′ N, 30°30′ W

– 44°30′ N, 27°00′ W

– 43°15′ N, 27°15′ W

– 43°15′ N, 31°00′ W

– 44°30′ N, 30°30′ W

L-Altair Seamounts:

– 45°00′ N, 34°35′ W

– 45°00′ N, 33°45′ W

– 44°25′ N, 33°45′ W

– 44°25′ N, 34°35′ W

– 45°00′ N, 34°35′ W

L-Antialtair Seamounts:

– 43°45′ N, 22°50′ W

– 43°45′ N, 22°05′ W

– 43°25′ N, 22°05′ W

– 43°25′ N, 22°50′ W

– 43°45′ N, 22°50′ W

Hatton Bank:

– 59°26′ N, 14°30′ W

– 59°12′ N, 15°08′ W

– 59°01′ N, 17°00′ W

– 58°50′ N, 17°38′ W

– 58°30′ N, 17°52′ W

– 58°30′ N, 18°22′ W

– 58°03′ N, 18°22′ W

– 58°03′ N, 17°30′ W

– 57°55′ N, 17°30′ W

– 57°45′ N, 19°15′ W

– 58°11.15′ N, 18°57.51′ W

– 58°11.57′ N, 19°11.97′ W

– 58°27.75′ N, 19°11.65′ W

– 58°39.09′ N, 19°14.28′ W

– 58°38.11′ N, 19°01.29′ W

– 58°53.14′ N, 18°43.54′ W

– 59°00.29′ N, 18°01.31′ W

– 59°08.01′ N, 17°49.31′ W

– 59°08.75′ N, 18°01.47′ W

– 59°15.16′ N, 18°01.56′ W

– 59°24.17′ N, 17°31.22′ W

– 59°21.77′ N, 17°15.36′ W

– 59°26.91′ N, 17°01.66′ W

– 59°42.69′ N, 16°45.96′ W

– 59°20.97′ N, 15°44.75′ W

– 59°21′ N, 15°40′ W

– 59°26′ N, 14°30′ W

North West Rockall:

– 57°00′ N, 14°53′ W

– 57°37′ N, 14°42′ W

– 57°55′ N, 14°24′ W

– 58°15′ N, 13°50′ W

– 57°57′ N, 13°09′ W

– 57°50′ N, 13°14′ W

– 57°57′ N, 13°45′ W

– 57°49′ N, 14°06′ W

– 57°29′ N, 14°19′ W

– 57°22′ N, 14°19′ W

– 57°00′ N, 14°34′ W

– 56°56′ N, 14°36′ W

– 56°56′ N, 14°51′ W

– 57°00′ N, 14°53′ W

South-West Rockall (Empress of Britain Bank):

Żona 1

– 56°24′ N, 15°37′ W

– 56°21′ N, 14°58′ W

– 56°04′ N, 15°10′ W

– 55°51′ N, 15°37′ W

– 56°10′ N, 15°52′ W

– 56°24′ N, 15°37′ W

Żona 2

– 55°56.90 N -16°11.30 W

– 55°58.20 N -16°11.30 W

– 55°58.30 N -16°02.80 W

– 55°56.90 N -16°02.80 W

– 55°56.90 N -16°11.30 W

Żona 3

– 55°49.90 N -15°56.00 W

– 55°48.50 N -15°56.00 W

– 55°48.30 N -15°50.60 W

– 55°49.60 N -15°50.60 W

– 55°49.90 N -15°56.00 W

Edora's bank

– 56°26.00 N -22°26.00 W

– 56°28.00 N -22°04.00 W

– 56°16.00 N -21°42.00 W

– 56°05.00 N -21°40.00 W

– 55°55.00 N -21°47.00 W

– 55°45.00 N -22°00.00 W

– 55°43.00 N -23°14.00 W

– 55°50.00 N -23°16.00 W

– 56°05.00 N -23°06.00 W

– 56°18.00 N -22°43.00 W

– 56°26.00 N -22°26.00 W

Southwest Rockall Bank

Żona 1

– 55°58.16 N -16°13.18 W

– 55°58.24 N -16°02.56 W

– 55°54.86 N -16°05.55 W

– 55°58.16 N -16°13.18 W

Żona 2

– 55°55.86 N -15°40.84 W

– 55°51.00 N -15°37.00 W

– 55°47.86 N -15°53.81 W

– 55°49.29 N -15°56.39 W

– 55°55.86 N -15°40.84 W

Hatton-Rockall Basin

Żona 1

– 58°00.15 N-15°27.23 W

– 58°00.15 N -15°38.26 W

– 57°54.19 N -15°38.26 W

– 57°54.19 N -15°27.23 W

– 58°00.15 N -15°27.23 W

Żona 2

– 58° 06.46 N -16° 37.15 W

– 58° 15.93 N -16° 28.46 W

– 58° 06.77 N -16° 10.40 W

– 58° 03.43 N -16° 10.43 W

– 58° 01.49 N -16° 25.19 W

– 58° 02.62 N -16° 36.96 W

– 58° 06.46 N -16° 37.15 W

Hatton Bank 2

Żona 1

– 57°51.76 N -18°05.87 W

– 57°55.00 N -17°30.00 W

– 58°03.00 N -17°30.00 W

– 57°53.10 N -16°56.33 W

– 57°35.11 N -18°02.01 W

– 57°51.76 N -18°05.87 W

Żona 2

– 57°59.96 N -19°05.05 W

– 57°45.00 N -19°15.00 W

– 57°50.07 N -18°23.82 W

– 57°31.13 N -18°21.28 W

– 57°14.09 N -19°28.43 W

– 57°02.21 N -19°27.53 W

– 56°53.12 N -19°28.97 W

– 56°50.22 N -19°33.62 W

– 56°46.68 N -19°53.72 W

– 57°00.04 N -20°04.22 W

– 57°10.31 N -19°55.24 W

– 57°32.67 N -19°52.64 W

– 57°46.68 N -19°37.86 W

– 57°59.96 N -19°05.05 W

Logachev Mound:

– 55°17′ N, 16°10′ W

– 55°34′ N, 15°07′ W

– 55°50′ N, 15°15′ W

– 55°33′ N, 16°16′ W

– 55°17′ N, 16°10′ W

West Rockall Mound:

– 57°20′ N, 16°30′ W

– 57°05′ N, 15°58′ W

– 56°21′ N, 17°17′ W

– 56°40′ N, 17°50′ W

– 57°20′ N, 16°30′ W

2. Meta, waqt operazzjonijiet tas-sajd f'żoni ġodda u eżistenti għas-sajd tal-qiegħ fiż-Żona Regolatorja tan-NEAFC, il-kwantità ta' qroll ħaj u sponoż ħajjin maqbuda għal kull irkaptu taqbeż 60 kg ta' qroll ħaj u/jew 800 kg ta' sponoż ħajjin, il-bastiment għandu jinforma lill-Istat tiegħu tal-bandiera, iwaqqaf is-sajd u jimxi tal-anqas 2 mili nawtiċi 'l bogħod mill-pożizzjoni fejn l-evidenza turi li hija l-eqreb għall-pożizzjoni eżatta fejn saret il-qabda.

## ANNESS XIII

MIŻURI TA' MITIGAZZJONI BIEX JITNAQQSU
L-QABDIET INĊIDENTALI TA' SPEĊIJIET SENSITTIVI

Il-miżuri li ġejjin biex jimmonitorjaw u jnaqqsu l-qabdiet inċidentali ta' speċijiet sensittivi għandhom japplikaw:

1. Il-miżuri stabbiliti fil-Partijiet A, B u C.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jiġbru data xjentifika dwar qabdiet inċidentali ta' speċijiet sensittivi.

3. B'riżultat ta' evidenza xjentifika, ivvalidata mill-ICES, STECF, jew fil-qafas tal-GFCM, tal-impatti negattivi tal-irkaptu fuq speċijiet sensittivi, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw rakkomandazzjonijiet konġunti għal miżuri ta' mitigazzjoni addizzjonali għat-tnaqqis ta' qabdiet inċidentali tal-ispeċijiet ikkonċernati jew f'żona kkonċernata abbażi tal-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament.

4. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw u jivvalutaw l-effettività tal-miżuri ta' mitigazzjoni stabbiliti skont dan l-Anness.

Parti A

Ċetaċji

1. Sajd li fih l-użu ta' apparati akustiċi deterrenti huwa mandatorju

1.1. Għandu jkun ipprojbit li bastimenti b'tul totali ta' 12-il metru jew aktar jużaw l-irkaptu f'żoni speċifiċi kif definit hawn taħt mingħajr l-użu simultanju ta' apparat akustiku deterrenti attiv.

| Żona | Irkaptu |
|---|---|
| Żona tal-Baħar Baltiku delimitata b'linja għaddejja mill-kosta Żvediża fil-punt fl-lonġitudni 13°E, minn hemm lejn in-nofsinhar għall-latitudni 55° N, minn hemm lejn il-lvant għal-lonġitudni 14° E, minn hemm lejn it-tramuntana għall-kosta tal-Iżvezja; u, Żona delimitata minn linja għaddejja mill-kosta tal-lvant tal-Iżvezja fil-punt f'latitudni 55°30' N, minn hemm lejn il-lvant għall-lonġitudni 15° E, minn hemm lejn it-tramuntana għall-latitudni 56° N, minn hemm lejn il-lvant għall-lonġitudni 16° E minn hemm lejn it-tramuntana il-kosta tal-Iżvezja | Kwalunkwe għażel tal-qiegħ jew xibka tat-tħabbil |
| Il-Baħar Baltiku subdiviżjoni 24 (ħlief għaż-żona koperta hawn fuq) | Kwalunkwe għażel tal-qiegħ jew xibka tat-tħabbil |
| Is-subżona 4 u d-diviżjoni 3a tal-ICES (mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Ottubru biss) | Kwalunkwe għażel tal-qiegħ jew xibka tat-tħabbil, jew parit xkitt, li t-tul totali tagħhom ma jaqbiżx l-400 metru |
| | Kwalunkwe għażel tal-qiegħ jew xibka tat-tħabbil ≥220 mm |
| Diviżjonijiet 7e, 7f, 7g, 7h u 7j tal-ICES | Kwalunkwe għażel tal-qiegħ jew xibka tat-tħabbil |
| Diviżjoni 7d tal-ICES | Kwalunkwe għażel tal-qiegħ jew xibka tat-tħabbil |

1.2. Il-punt 1.1 ma għandux japplika għal operazzjonijiet tas-sajd magħmulin biss bl-għan uniku ta' investigazzjonijiet xjentifiċi li jsiru bl-awtorizzazzjoni u taħt l-awtorità tal-Istat Membru jew l-Istati Membri kkonċernat/i u li l-għan tagħhom huwa li jiżviluppaw miżuri tekniċi ġodda sabiex inaqqsu l-qbid inċidentali jew il-qtil ta' ċetaċji.

1.3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jimmonitorjaw u jivvalutaw permezz ta' studji xjentifiċi jew proġetti pilota, l-effetti tal-użu ta' apparat akustiku deterrenti maż-żmien fis-sajd u ż-żoni kkonċernati.

2. Sajd li għandu jiġi mmonitorjat

2.1. L-iskemi ta' monitoraġġ għandhom isiru kull sena u jiġu stabbiliti għall-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom u li t-tul totali tagħhom ikun 15-il m jew aktar biex jimmonitorjaw il-qabda aċċessorja ta' ċetaċji, għas-sajd u l-kondizzjonijiet definiti hawn taħt.

| Żona | Irkaptu |
|---|---|
| Subżoni 6, 7 u 8 tal-ICES | Xbieki tat-tkarkir pelaġiku (singli u pari) |
| Il-Baħar Mediterran (il-Lvant tal-linja 5° 36' Punent | Xbieki tat-tkarkir pelaġiku (singli u pari) |
| Diviżjonijiet 6a, 7a, 7b, 8a, 8b, 8c u 9a tal-ICES | Għażel tal-qiegħ jew xbieki tat-tħabbil li jużaw daqsijiet tal-malji ugwali jew ikbar minn 80 mm |
| Subżona 4 tal-ICES, diviżjoni 6a tal-ICES, u subżona 7 tal-ICES bl-eċċezzjoni tad-diviżjonijiet 7c u 7k tal-ICES | Għażel tat-tisqif |

| Żona | Irkaptu |
|---|---|
| Diviżjonijiet 3a, 3b, 3c, 3d tal-ICES in-Nofsinhar ta' 59° N, 3d it-Tramuntana ta' 59 ° (mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru biss) u s-subżoni 4 u 9 tal-ICES | Xbieki tat-tkarkir pelaġiku (singli u pari) |
| Subżoni 6, 7, 8 u 9 tal-ICES | Tartaruni high-opening |
| Diviżjonijiet 3b, 3c, u 3d tal-ICES | Għażel tal-qiegħ jew xbieki tat-tħabbil li jużaw daqsijiet tal-malji ugwali jew ikbar minn 80 mm |

2.2. Il-punt 2.1 ma għandux japplika għal operazzjonijiet tas-sajd magħmulin biss bl-għan ta' investigazzjonijiet xjentifiċi li jsiru bl-awtorizzazzjoni u taħt l-awtorità tal-Istat Membru jew l-Istati Membri kkonċernat/i li l-għan tagħhom huwa li jiżviluppaw miżuri tekniċi ġodda biex inaqqsu l-qbid inċidentali jew il-qtil ta' ċetaċji.

Parti B

Tjur tal-baħar

Meta d-data msemmija fil-punt 2 tal-paragrafu introduttorju ta’ dan l-Anness tindika livell ta' qabdiet aċċessorji ta' tjur tal-baħar f'sajdiet speċifiċi li jikkostitwixxi theddida serja għall-istatus ta' konservazzjoni ta' dawk it-tjur tal-baħar, l-Istati Membri għandhom jużaw xlief bin-naffara u/jew xlief imtaqqal, jekk ikun xjentifikament ippruvat li tali użu jkun ta' benefiċċju għall-konservazzjoni f'dik iż-żona, u fejn ikun prattiku u ta' benefiċċju għandhom jissettjaw konzijiet matul is-sigħat li fihom ikun għadu d-dlam bl-inqas dawl possibbli fuq il-gverta meħtieġ għal raġunijiet ta' sikurezza.

## Parti C

## Fkieren tal-baħar

1. Sajd fejn huwa obbligatorju l-użu ta' apparat għall-esklużjoni tal-fkieren tal-baħar.

1.1. Għandu jkun ipprojbit li bastimenti jużaw l-irkaptu speċifikat hawn taħt f'żoni speċifiċi kif definit hawn taħt mingħajr l-użu simultanju ta' apparat għall-esklużjoni tal-fkieren tal-baħar.

| Żona | Speċijiet | Irkaptu |
|---|---|---|
| Ilmijiet tal-Unjoni fl-Oċean Indjan u fl-Atlantiku tal-Punent | Gambli (*Penaeus* spp., *Xiphopenaeus kroyeri*) | Kull xibka tat-tkarkir għall-gambli |

1.2. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dettaljati għall-ispeċifikazzjoni tal-apparat imsemmi fil-punt 1.1.

## ANNESS XIV

SPEĊIJIET GĦALL-INDIKATURI TAL-PRESTAZZJONI TA' SELETTIVITÀ

| Baħar tat-Tramuntana | Ilmijiet tal-Majjistral | Ilmijiet tal-Lbiċ | Baħar Baltiku | Baħar Mediterran |
|---|---|---|---|---|
| Bakkaljaw | Bakkaljaw | Merluzz | Bakkaljaw | Merluzz |
| Merluzz tal-linja sewda | Merluzz tal-linja sewda | Merlangu | Barbun tat-tbajja' | Trill |
| Pollakkju iswed (saithe) | Pollakkju iswed (saithe) | Megrim | | |
| Merlangu | Merlangu | | | |
| Barbun tat-tbajja' | Barbun tat-tbajja' | | | |